NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – DIĊEMBRU 2014

Nru 188

## BI XBIHETEK SEBBAĦTNA, BI DRIEGĦEK BERIKTNA!

1839 - 2014



Ritratt ta' Leo Mario Haber









# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Bil-kbir, anzi l-oħla, għax għalik, San Ġorġ!

Matul is-sena 2014 għexna ġrajjiet tad-deheb li jibqgħu minquxa fl-annali ta' l-istorja tal-Parroċċa Ġorġjana tagħna, miktuba b'linka li ma titħassarx. Ridna nfakkru lil Ġorġi tagħna fix-xbieha singulari li permezz tagħha ilu jgħaxxaq lil ġensna għal dawn l-aħħar mija u ħamsa u sebgħin, niċċelebraw il-qaddis li qabeż għal din il-gżira li tafu bħala l-Patrun denn tagħha.

Il-Parroċċa bdiet titħejja minn kmieni hekk kif, fl-għeluq tal-Festa Titulari ta' l-2013, tħabbru dawn il-festi speċjali. Minn hemmhekk, l-Uffiċċju Parrokkjali, f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Arċipriet u l-Kapitlu, beda ħidma assidwa biex iħejji programm speċjali li jixraq lil anniversarju bħal dan. Hekk kif f'Jannar 2014, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, ħabbar il-miġja tar-Relikwa Insinji ta' San Ġorġ minn Venezja, l-entużjażmu fostna l-Ġorġjani beda joktor, konxji mill-fatt li kienet ser tkun sena unika li l-Parroċċa ilha ma tara bħalha. U fil-fatt hekk kien!

Il-festi kienu jkopru diversi aspetti, miċ-ċelebrattiv għall-ispiritwali, mil-letterarju għall-kulturali, mill-formattiv għall-kommemorattiv, u tista' tibqa' ssemmi. Ma nistgħux ninsew it-tliet ċelebrazzjonijiet *Is-Siegħa tal-Martri*, li taw dimensjoni liturġika, katekettika u spiritwali mill-aqwa lit-triq ta' tħejjija. Peress li konna qed infakkru fost l-oħrajn il-Patrunaġġ ta' San Ġorġ, kienet okkażjoni tabilħaqq f'lokha u xierqa li l-Velja Solenni tal-Martirju tinżamm fi Pjazza Indipendenza, it-Tokk ta' Għawdex, post li jirrappreżenta t-tmexxija ta' beltna u ta' gżiritna. X'dehra ta' ġmiel maestuż u waħdieni tara l-istatwa titulari tal-maħbub Ġorġi tagħna tiddomina Pjazza Indipendenza fuq l-isfond tal-*Banca Giuratale*! Il-ġemgħa numeruża li ħonqot it-Tokk għall-Velja żgur se tibqa' tgħożż dawn il-mumenti storiċi li lkoll għexna, u ma nkunux nistagħġbu jekk ngħidu li l-Velja tas-27 ta' April se tibqa' wieħed mill-iktar mumenti prezzjużi u spettakolari tas-Sena Anniversarja 2014.

Il-festi speċjali ta' April komplew bil-kbir meta nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju, l-istatwa ta' San Ġorġ għaddiet għalenija ssellem lill-parruċċani mit-toroq l-antiki ta' beltna. Ma' dawn l-avvenimenti kbar, inżammu diversi attivitajiet oħra li ħonqu programm ta' ħmistax. U tgħid kien b'kumbinazzjoni li t-temp u l-irwiefen ippermettew li jsir kollox bla xkiel ta' xejn? Mhux għax ma rajniex maltemp ġej – tistennih fil-ġranet ta' April –, imma b'fiduċja fil-Mulej, fir-rieda tajba ta' ħafna persuni u l-kollaborazzjoni sinċiera, ingħeleb il-maltemp, il-mewġ ikkalma, u ħareġ rebbieħ San Ġorġ!

U dak li seħħ f'April xprunana biex il-Festi ta' Lulju jkunu tabilħaqq denji tal-qaddis. Bil-wasla tar-Relikwa tad-Driegħ nhar it-Tlieta tal-Festa, il-programm kellu jitbiddel xi ftit. Nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju r-Rabat qam bi ħġaru jilqa' lil San Ġorġ fil-korsija tal-Bażilika fejn din is-sena tqiegħed taħt pavaljun armat apposta għalih. Xena li forsi rajnieha darba biss, fuq xi ritratt antik iddatat 1903! Allura kien mument bil-wisq storiku tara l-istatwa ta' San Ġorġ tieħu postha taħt dan il-mant ħamrani li issa wkoll sa jibqa' tifkira ta' dawn il-festi dinjitużi. U mill-jum tal-ħruġ min-niċċa sal-Ħadd fil-għaxija l-gżira Għawdxija kollha kienet *en fête* – tiċċelebra lill-Patrun tagħha San Ġorġ. Liturġija smewwija, inizjattivi brillanti ta' katekeżi u formazzjoni Nisranija, mużika li tpaxxi l-widna, marċijiet kolossali, folol ta' nies il-ġimgħa kollha, bażilika armata bl-ifjen żina, armar lussuż jgħaxxaq triqatna, briju festiv u nar ilewwen l-ajru, u ħafna aktar. Tibqa' wkoll żgur fil-memorja tagħna l-Velja Ekumenika bis-sehem ta' prelati ta' Knejjes Insara oħra, dritt wara l-wasla tar-Relikwa li b'tant ħeġġa u mħabba lqajna fi Triq ir-Repubblika u tlabna quddiemha tul il-jiem kollha li għamlet fostna, kemm fil-Bażilika u kemm fid-diversi postijiet li żaret.

U meta ħsibna li kollox kien lest, kien għadu ġej il-kbir! Il-programm speċjali ta' dawn il-festi ssokta f'Novembru, fejn rajna lil San Ġorġ espost wara t-Tribuna, flimkien max-xbihat tal-Kurċifiss u żewġ xogħlijiet oħra ta' Pietru Pawl Azzopardi armati fil-korsija. Kienet okkażjoni ta' darba, xena rari għal festa tassew speċjali. U bil-ġrajjiet ta' Novembru, ġew fi tmiemhom il-Festi Anniversarji tal-175 Sena ta' l-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex. Jibqgħu ħafna tifkiriet għeżież – ktieb u pubblikazzjonijiet oħra, gzuz ta' ritratti, filmati storiċi – u magħhom il-lum qed tiżdied ukoll din il-ħarġa speċjali tar-rivista parrokkjali *Il-Belt Victoria* li, kif jixraq, tinkludi suppliment sħiħ dwar is-Sena Anniversarja 2014 – *ad perpetuam rei memoriam*!

Il-ħajr u l-apprezzament imorru lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom, direttament jew indirettament, għaċ-ċelebrazzjoni dinjituża ta' dawn il-Festi. Is-sena 2014 il-Parroċċa sa tibqa' tgħożżha, tiftakarha u ssemmiha... għax fejn jidħol San Ġorġ, kollox bil-kbir, anzi l-oħla!

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

## KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

19/01/2014 **Andrea**, bin George Scicluna u Tatiane Cassar
02/02/2014 **Savannah**, bint Etienne Grech u Leanne Grech
16/02/2014 **Carla**, bint George Said u Doreen Mercieca
19/04/2014 **Emma**, bint Ramona Spiteri u Steve Cassar
23/04/2014 **Matthias**, bin Benjamin Meek u Sophie Verranneman
26/04/2014 **Adele**, bint Paulivan Formosa u Tanie Georgette Gauci
27/04/2014 **Gabriel**, bin Michael Tabone u Josephine Camilleri
27/04/2014 **Luca**, bin George Apap u Stephanie Baldacchino
27/04/2014 **Karl**, bin Georgianne Cachia u Josef Mizzi
30/04/2014 **Faith**, bint Melissa Portelli u Marvin Cauchi
10/05/2014 **Luke**, bin Maria Mallia u Michael Paul Lanzon
25/05/2014 **Bryana-Lynn**, bint Noel Vella u Jennifer-Lynn Grima
07/06/2014 **Sam**, bin Malcolm George Cini u Daniela Amato
08/06/2014 **Jake**, bin Jason Bugeja u Elaine Falzon
29/06/2014 **Davide**, bin Luisa Livori u Noel Theuma
29/06/2014 **Adele**, bint Thomas Xerri u Deborah Agius
29/06/2014 **Thomas**, bin Justin Zammit u Daniela Xerri
11/07/2014 **Adam**, bin George Mercieca u Maria Tabone
17/08/2014 **Amber**, bint Joseph Schembri u Rita Camilleri
07/09/2014 **Yuri**, bin Noemi Portelli u Anġlu Said
07/09/2014 **Mara**, bint Noemi Portelli u Anġlu Said
13/09/2014 **Clara**, bint William Axiak u Samara Grech
14/09/2014 **Cayden**, bin Chartlon Cassar u Melissa Tabone
20/09/2014 **Elisa**, bint John Mercieca u Jacqueline Ellis
21/09/2014 **Francesca**, bint George Frank Mizzi u Sabrina Sillato
06/10/2014 **Leo**, bin Oliver de Trafford u Lotta Sundstrom
26/10/2014 **Maria**, bin Karl Joseph Buhagiar u Roberta Grech
08/11/2014 **Maya**, bint James Muscat u Caroline Borg
08/12/2014 **Kyle James**, bin Silvianne Cutajar u Jonathan Pace
19/12/2014 **Liam George**, bin Ylainia Muscat u Mattia Zammit
20/12/2014 **Shianne**, bint Andrew Attard u Manuela Grech
28/12/2014 **Michele**, bin Elena Mercieca u Stefano Degabriele
30/12/2014 **George**, bin John Sultana u Li Zhang

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

30/03/2014 **Pierre Galea** u **Christine Vella**
26/04/2014 **Maximillian Zammit** u **Audrey Sultana**
17/05/2014 **Jessica Portelli** u **Adam Attard**
31/05/2014 **Michelle L. Tania Pace** u **Joseph J. Mercieca**
06/06/2014 **Abigail Ann Sultana** u **Francesco Apap**
06/06/2014 **George Camilleri** u **Elizabeth Grech**
07/06/2014 **Janica Xuereb** u **Keith Debono**
14/06/2014 **Vanessa Azzopardi** u **Aldo Aaron Sultana**
20/06/2014 **Amanda Cachia** u **Brian Cardona**
20/06/2014 **Elaine Pavia** u **James Grima**
21/06/2014 **Jostin Borg** u **Maureen Rapa**
27/06/2014 **Mario Saliba** u **Melissa Caruana**
28/06/2014 **Anabel Grech** u **Ranier Farrugia**
05/07/2014 **Anthea Christine Borg** u **Emerson Grech**
12/07/2014 **Andrew Formosa** u **Maria Attard**
18/07/2014 **Moritz Fehling** u **Helena Dobbeck**
02/08/2014 **Nadine Mizzi** u **Kevin Paul Cauchi**
09/08/2014 **Maria Galea** u **George Bugeja**
14/08/2014 **Antonella Josephine Mercieca** u **Charlie Christ Abela**
16/08/2014 **Elaine Farrugia** u **Kevin Falzon**
22/08/2014 **George Vella** u **Melissa Mercieca**
23/08/2014 **Joselin Sacco** u **Owen Sacco**
29/08/2014 **Connie Attard** u **Joe Martin Cefai**
30/08/2014 **Elise Ann Spiteri** u **Francarl Galea**
07/09/2014 **Melissa Francine Vella** u **Clinton Buhagiar**
15/09/2014 **Mario Borg** u **Monica Debrincat**
20/09/2014 **Corinne Cini** u **Sammy Mifsud**
08/11/2014 **Ylenia Caruana** u **Leonard Bonello**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

05/01/2014 **Maria Bugeja**
23/01/2014 **Paola Camilleri**
26/01/2014 **George Micallef**
11/02/2014 **Giorgia Grech**
07/03/2014 **Ġużeppa Attard**
08/03/2014 **Rosa Tabone**
11/03/2014 **Ġużeppi Gauci**
12/03/2014 **Ġużeppa Tabone**
21/03/2014 **Michelangelo Saliba**
23/03/2014 **Georgia Vella**
03/04/2014 **George Vella**
08/04/2014 **Maria Assunta Grech**
29/04/2014 **Ġużeppi Grima**
02/05/2014 **Ġużeppa Vella**
23/05/2014 **Michelangelo Galea**
06/06/2014 **John Fenech**
12/06/2014 **Filomena Grima**
17/06/2014 **Ġanni Farrugia**
21/06/2014 **Amy Xuereb**
23/07/2014 **John Xuereb**
10/08/2014 **Ignazio Attard**
21/08/2014 **Chalie Gauci**
31/08/2014 **Kalċidon Sacco**
02/09/2014 **George Sacco**
03/09/2014 **Elvin Xuereb**
06/09/2014 **Giovanni Grech**
04/10/2014 **Anthony Portelli**
05/10/2014 **Maria Sultana**
10/10/2014 **Anthony Formosa**
16/11/2014 **Antonia Formosa**
27/11/2014 **Vitorina Gauci**
07/12/2014 **George Cassar**
08/12/2014 **Carmelo Farrugia**
10/12/2014 **Carmel Mercieca**
26/12/2014 **Dolores Grech**
27/12/2014 **Rita Portelli**

## DONAZZJONIJIET

*Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.*

# Fuq il-passi ta' San Ġorġ fit-triq tal-qdusija

Fra Ġorġ Grech ocso



X'nifhmu l-lum bil-kelma *martirju*? Xi jfisser li tipprattika, tipprofessa l-martirju fis-soċjetà moderna tagħna? Lil min, għalhekk, nistgħu nqisuh bħala martri? Huwa martri (mill-Grieg "xhud") min, wara li jkun għamel esperjenza u jżomm f'qalbu u ruħu l-memorja tagħha, jista' joffri xhieda awtentika tagħha, anki jekk dan jitlob riskju li jiddefendi b'ħajtu l-ideat u l-konvinzjonijiet tiegħu. In-Nisrani veru u awtentiku hu għalhekk martri li jagħti xhieda tal-Kelma tal-Mulej u s-sagrifiċċju ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja; jikkonferma fl-istqarrija tal-fidi l-messaġġ tiegħu, dejjem lest li jilqa' kull tip ta' persekuzzjoni u disprezz biex isir dejjem iktar jixbah lil Kristu. Ma nistgħux għalhekk ma niftakrux liema eżempju ta' martirju għall-Fidi u ta' ċaħda għas-safa u ta' awtentiċità ta' l-ispirtu jagħtina wieħed mill-ikbar martri tal-Knisja, San Ġorġ, li ssagrifika ħajtu għall-isem ta' Ġesù Kristu. Ruħu kienet indirizzata biss lejn Alla, kellu nostalġija kbira li jkun biss tiegħu, li jgħix fih, u, maħkum minnu, ma setax jgħix jekk mhux biex jagħmel ħajtu innu ta' mħabba għal Kristu. "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jiena wkoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-Smewwiet" (Mt 10:32).

Il-martirju ta' San Ġorġ seħħ taħt Djoklezjanu, l-Imperatur ta' Ruma. Ġorġi tal-Kappadoċja, uffiċċjal fil-militar, iqassam il-ġid lill-fqar u quddiem il-qorti jiddikjara li hu Nisrani; għadd kollox bħala telf, biex jirbaħ lil Kristu Ġesù; minħabba fih rid li jitlef kollox, u jgħodd kollox bħala knis, biex jirbaħ lil Kristu (ara Fil 3:8). B'ħarstu msammra fis-Sema, irrifjuta l-istedina ta' l-Imperatur biex joffri sagrifiċċju lill-allat, u min dak il-ħin beda l-martirju aħrax min-naħa ta' l-Imperatur u ta' sħabu, fosthom Galerju li kellu mibegħda kbira lejn l-Insara. Ġorġi jiġi msawwat, imkaxkar u mitfugħ fl-eħrex ħabs tan-Nikomedija, imma n-nobbli Ġorġi, ħarstu kollha safa u qdusija, kienet iffissata kollha fuq Kristu għax kien jaf li l-vera disgrazzja m'hix il-mewt fiżika imma l-mewt spiritwali. Huwa sab il-qawwa tiegħu f'Ġesù Msallab, persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fih (ara Rum 8:18). San Ġorġ kien imlibbes bil-qawwa ta' Alla, kien ħerqan biex jingħaqad ma' Kristu, għalhekk ħaffef il-pass, għax *l-imħabba tiġri dejjem*, biex imur jixrob il-kalċi morr tal-martirju tiegħu. Xejn ma kien ha jifirdu minn Kristu, għax l-imħabba għaliH kienet bħal mużika għall-qalb sensibbli ta' Ġorġi. Il-fjamma ċkejkna li xegħlu fih missieru Ġeronzju u ommu Polikronja issa saret ħuġġieġa tan-nar qawwi. Kien impossibbli li ma jaħsibx fih, għax qalbu kienet mitlufa fil-qalb ta' Kristu. F'qalbu kien iġorr il-ġerħa ta' l-imħabba, ried f'kollox jimxi fuq il-passi ta' Kristu li ma ħabbux bil-qies jew biċ-ċajt, imma bi mħabba li fetħet dirgħajha beraħ biex idejha jitniffdu mit-turment ta' msiemer. Għalhekk il-qaddis tagħna kien lest li jgħannaq elf martirju jekk dan seta' jtaffi l-għatx li kellu biex ibati għal Kristu. B'dan ried jgħallimna wkoll **kemm** u **kif** għandu jħobb il-veru Ġorġjan. Xi skola ta' għerf qaddis u ta' mħabba!

Il-kliem ta' San Pawl lil Timotju, "Dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù lkoll jgħaddu mill-persekuzzjoni" (2 Tim 3:12), kienu stampati bis-siġill tan-nar f'qalbu. Għalhekk ċaħad bil-qalb lilu nnifsu, refa' salibu u mexa kburi u deċiż wara Kristu. Maħkum mill-qawwa ta' l-imħabba, bħal San Stiefnu xtaq ikun imħaġġar, bħall-qaddissin innoċenti ried ixerred sa l-inqas qatra ta' demmu għal Alla, għaliex hu bżonn ta' l-imħabba dak li tixbah lill-Maħbub tagħha. L-imħabba titħallas biss bl-imħabba, bejn Alla li hu Mħabba u r-ruħ mibdula fi mħabba. U San Ġorġ, meħud u mibdul kollu kemm hu min-nar ta' l-Ispirtu Santu, ipprefera għal elf darba l-mewt milli jinqata' għal waqt wieħed minn Kristu. Alla kien ħataf l-essri kollu tiegħu, u għalhekk San Ġorġ ried ikun bħall-inċens quddiem il-Ħaruf, dak l-inċens li jitla' lejl u nhar quddiem Alla. Il-qalb sabiħa ta' Ġorġi kienet tħabbat f'sintonija sħiħa mal-qalb ta' Kristu. Hu kien jaf li min isib lil ħajtu, jitlifha;





u min jitlef lil ħajtu minħabba fiH, isibha (ara Mt 10:39). Kien il-jum tat-23 ta'April 303 meta x-xabla tal-kundanna għaddiet minn fuq ras San Ġorġ, il-jum glorjuż tar-rebħa kbira tiegħu. Mis-Sema Ġorġi jgħid lil kull wieħed minna: "Ixbhu lili bħalma jien nixbah lil Kristu" (ara 1 Kor 11:1). Nilqgħu bil-qalb is-sejħa ta' Ġorġi tagħna billi nimitawh, biex jistħoqqilna l-isem sabiħ ta' "Ġorġjani" li tant bih aħna mkabbrin, ħalli nkunu denji ta' l-isem li lkoll inġibu u li b'għożża kbira nġorru f'qalbna. Iva, f'demmna jiġri l-isem ta' Ġorġi. Ismu minqux b'karattri tan-nar fil-vini tagħna, u bir-raġun inkantawlu: "Ġorġi tagħna, ġawhra Għawdxija, qlubna mħeġġa jogħxew bik. Inti ħlewwa, int karezza ta' kemm ħars jitgawda fik..." (Fra Ġorġ Grech, *Lill-Kbir Nobbli Ġorġi ta' Lidda*, 23 ta' April 2012).

Kull wieħed minna jista' jkun martri saħansitra mingħajr ix-xabla li tinfidlu qalbu, sakemm sinċerament jistinka bil-grazzja ta' Alla li jżomm f'qalbu s-sabar u l-imħabba għall-għadu tiegħu. Is-sagrifiċċju tal-kbir San Ġorġ, allura, jgħinna nifhmu li l-martirju għandu jiġi kkunsidrat bħala xhieda qawwija u profonda tal-fidi fuq il-passi ta' Ġesù Kristu Il-martirju jidħol fil-qalb u fl-ispirtu tan-Nisrani, billi f'qalbu jkabbar dejjem iżjed ix-xewqa li jingħata għall-Mulej Il-martirju hu don lil Alla, li kull Nisrani jwettaq billi jħalli dak kollu li jorbtu mad-dinja. L-Ispirtu Santu permezz tal-grazzja tiegħu jagħtina li ninħallu mill-idolatrija tagħna biex jgħinna nilħqu l-glorja u l-ġmiel ta' Alla fit-trażżin tal-passjonijiet tagħna u fil-konverżjoni lejn Alla. Huwa b'dirgħajh miftuħa qatt ma jieqaf jistenna l-midneb, għax idejh huma mimlija biss imħabba u tenerezza. Jeħtieġ għalhekk li niċħdu lilna nfusna bħalma jgħallimna San Ġorġ, jekk irridu nsegwu lil Kristu u l-Kelma tiegħu, fit-twettiq tar-rieda ta' Alla. Hu jistedinna biex nilbsu l-imħabba ta' Kristu li hi l-qofol tal-perfezzjoni (ara Kol 3:14).

Fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, il-veru Ġorġjan irid għalhekk jixhed għat-twemmin tiegħu, anki fil-konfront ta' dawk li jikkontestawh u jiddisprezzawh. Hu għandu jagħmel bi ħlewwa u rispett, fl-għarfien li ħajja mingħajr Alla, mingħajr Fidi, mingħajr Kristu hija ekwivalenti għal ħajja battala, inutli u bla sens. Il-ħajja tal-fidi trid issir ukoll att ta' karità, billi n-Nisrani juri fil-ħajja ta' kuljum dik l-imħabba li trid tirrifletti l-Imħabba ta' Alla u billi jittrasmetti lil kull min jiltaqa' miegħu l-veru ferħ li jirċievi mill-għaqda intima tiegħu ma' Kristu. Bħalma l-Appostli kienu xhud tal-qawmien tal-Mulej, anki aħna nuru x-xhieda tagħna bil-grazzja u l-fidi li ningħataw minn Alla tagħna, u għalhekk ilkoll aħna martri ta' Ġesù Kristu. Fix-xhieda li nagħtu, irridu nimpenjaw ruħna li nikkumbattu dejjem kontra l-passjonijiet tagħna bl-għajnuna u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Hu biss jista' jiggarantixxi u jiżgura r-rebħa kontra l-ħażen li jgħix fina. Il-martirju għalhekk ifisser il-quċċata tal-ħajja Nisranija, għax hu l-ogħla espressjoni ta' l-imħabba; u jġiegħel lil min jipprattikah, lilna – xhieda u martri tal-Fidi – inxejnu lilna nfusna fl-għotja sħiħa ta' l-imħabba tagħna. Il-martri jagħti ħajtu lil Alla, skond ir-rieda tiegħu li jimita lil Kristu u s-sagrifiċċju tiegħu. Dan iwettqu fil-missjoni li Alla fdalu f'idejh, kif jirrakkomanda l-Papa Ġwanni Pawlu II fir-*Redemptoris Missio*:

"It-tħabbira u l-ħajja tal-fidi tqajjem entużjażmu u żelu fil-missjunarju... hu li ma jħabbarx verità umana imma l-Kelma ta' Alla, liema kelma għandha qawwa intrinsika u misterjuża (ara Rum 1:16). L-ogħla prova hi d-don tal-ħajja li jwassal għall-aċċettazzjoni tal-mewt biex tixhed għall-fidi f'Ġesù Kristu. Kif jiġri dejjem fl-istorja Nisranija, il-martri, jew aħjar ix-xhieda, huma ħafna u indispensabbli fil-mixja tal-Vanġelu".

Kif il-maħbub tagħna San Ġorġ kien ta' xhieda mill-aqwa tal-Qawmien ta' Kristu, hekk ukoll aħna l-Ġorġjani nissaħħu bil-grazzja tal-fidi li ngħatat lilna minn Alla l-Missier u għalhekk aħna wkoll nirbħu l-kuruna tal-martirju ħalli nkunu tassew ulied, ġieħ u glorja ta' San Ġorġ. Iva, Ġorġi tagħna huwa l-qaddis l-aktar onorat u meqjum fid-dinja għax huwa l-qaddis ta' kulħadd, maħbub, mitlub, u mfittex minn kulħadd. San Ġorġ tagħna kien u jibqa' dejjem il-Patrun u Protettur speċjali ta' Għawdex tagħna.



# Il-Kor tal-Bażilika tagħna *Laudate Pueri* jkanta fil-Quddiesa Papali ta' l-Epifanija

## F'udjenza privata mal-Papa l-ġurnata ta' qabel

Francesco Pio Attard

**Il-Kor tal-Bażilika Ġorġjana, *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, għamel ġieħ kbir lil Għawdex u Malta meta kanta fil-Liturġija Solenni mmexxija mill-Papa Franġisku fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan, nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2014, il-jum fil-kalendarju liturġiku li fih il-Knisja tiċċelebra s-Solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej.**

**Ikanta mas-*Sistina* fil-Bażilika ta' San Pietru**

Magħmul minn madwar ħamsin element, ħafna minnhom żgħażagħ, il-Kor parrokkjali tagħna sar l-ewwel kor b'ilħna femminli li flimkien mal-Kappella Mużika Pontifiċja *Sistina* anima Quddiesa tal-Papa fil-Vatikan. Hu kien il-mistieden ta' Mons. Massimo Palombella SDB, Direttur tal-Kappella Mużikali Pontifiċja. Il-*leader* tal-Kor, Dr Maria Frendo, kantat ukoll is-Salm Responsorjali. Stediniet simili fil-passat saru lil korijiet prestiġjużi bħal dawk ta' *Westminster Abbey* u ta' *Westminster Cathedral* ta' Londra.

Iż-żewġ korijiet, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella SDB, interpretaw xogħlijiet polifoniċi sagri. Huma laqgħu l-Papa fil-purċissjoni tad-dħul bl-antifona maestuża *Tu es Petrus* taċ-ċelebri Lorenzo Perosi. Waqt il-Quddiesa tkantat ukoll il-famuża antifona ta' l-Epifanija *Surge et Illuminare Hierusalem*, kompożizzjoni ta' Pier Luigi da Palestrina, kif ukoll l-*Ave Verum*. Il-Liturġija Solenni ntemmet bl-eżekuzzjoni ta' interpretazzjoni l-ġmiel tagħha ta' l-innu *Adeste Fideles*. Il-Quddiesa bdiet fl-10.00am u xxandret diretta fuq l-istazzjon televiżiv tal-Vatikan kif ukoll fuq ix-xandir nazzjonali Taljan.

Fil-Quddiesa, il-Papa għamel omelija sabiħa dwar id-Dawl veru ta' l-Epifanija li hu Kristu, fejn qal kif il-mixja tan-Nisrani, bħall-Maġi, wara d-dawl ta' Ġesù, titlob ċerta "makakkerija spiritwali" biex jista' jevita l-ħażen. "Jeħtieġ immorru lil hemm mid-dlam u mill-ħwejjeġ tad-dinja, lil hemm minn tant modernitajiet li jeżistu l-lum, immorru lejn Betlehem, hemm fejn, fis-sempliċità ta' dar tal-periferija, bejn omm u missier mimlija mħabba u fidi, tiddi x-Xemx ġejja mill-għoli, is-Sultan ta' l-univers", temm jgħid il-Papa Franġisku.

F'messaġġ ċkejken li tefa' fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* nhar it-Tnejn wara nofs in-nhar, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, li akkumpanja l-Kor f'Ruma u kien fost il-konċelebranti mal-Papa, kiteb hekk: "Għadni kif smajt lill-Papa Franġisku jgħid l-*Angelus* u ftit wara jsellem lill-Kor tagħna *Laudete Pueri* u jroddilhom ħajr għas-sehem tagħhom meta dal-għodu ssieħbu mal-*Cappella Sistina*



biex janimaw il-Quddiesa li l-Papa qaddes il-lum, festa ta' l-Epifanija! Dan il-leħen tal-Papa jikkompleta l-vuċijiet tal-Kor li mlew b'melodija kollha ħlewwa l-Bażilika ta' San Pietru dal-għodu. Din hija ġrajja unika fin-nisġa ta' l-istorja



tal-Kor, tal-parroċċa ta' San Ġorġ, tad-Djoċesi tagħna u tal-Knisja f'pajjiżna. Huwa ta' sodisfazzjon pastorali kbir għalija li nara mhux biss it-talent mużikali ta' dan il-kor, imma wkoll x'kapaċi toffri esperjenza ta' komunità ekkleżjali. Il-kant sagru huwa 'stilla' ċkejkna li tarmi d-dija bħal dik il-kewkba li mexxiet lill-Maġi biex isibu lil Ġesù f'Betlehem. Grazzi". Fl-*Angelus* mit-tieqa tal-Palazz Appostoliku dritt wara l-Quddiesa, il-Papa nnifsu sellem lill-Kor *Laudate Pueri* u rringrazzjahom tas-sehem li taw fil-Liturġija ta' l-Epifanija.



**Udjenza privata quddiem Santa Marta**

Lejlet din l-okkażjoni prestiġjuża u memorabbli, il-membri tal-Kor u l-familjari tagħhom għexu ġrajja unika oħra meta kellhom udjenza privata mal-Papa Franġisku quddiem ir-residenza tiegħu ta' Santa Marta fil-Vatikan, fejn kien preżenti wkoll Mons. Alfred Xuereb, Segretarju Privat tal-Papa, saċerdot mill-Parroċċa Ġorġjana li f'żgħożitu wkoll kien membru tal-Kor.

Il-Ħadd 5 ta' Jannar, għall-ħabta tan-nofs siegħa, hu u dieħel lura fir-residenza privata tiegħu wara t-talba ta' l-*Angelus* fi Pjazza San Pietru, il-Papa waqaf għal kważi nofs siegħa jsellem personalment lill-kontinġent Għawdxi ta' xi disgħin ruħ quddiem il-bieb ta' Santa Marta. Hu ntlaqa' bl-innu *T'Adoriam, Ostia Divina* (*Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema*). *"Come cantano bene queste ragazze!"*, irrimarka bi tbissima l-Papa lid-direttur tal-Kor, imbagħad staqsa kurjuż dwar l-innu li kien qed jitkanta.

Dun George Frendo spjegalu kif dan l-innu Ewkaristiku kien ġie miktub bit-Taljan mill-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila u mmużikat minn Giuseppe Caruana għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li nżamm f'Malta f'April 1913. B'għajnejh miksurin u kjarament emozzjonat ħafna, il-Papa qal li l-melodija ta' dan l-innu jiftakarha minn tfulitu u rrakkonta kif jiftakru jitkanta fuq xi sebgħin sena ilu, meta hu kien għarkubbtejh biex jirċievi l-Ewwel Tqarbina fil-parroċċa tiegħu fi Buenos Aires, l-Arġentina – u għamel ġest b'idejh flimkien u inkin b'rasu biex ifiehem aħjar. Wara dan, il-Kor reġa' kanta żewġ strofi jew tlieta ta' dan l-innu għażiż, din id-darba bil-Malti kif qalbu Dun Karm snin wara.

F'mument tassew emozzjonanti li fih il-membri tal-grupp kellhom ċans jieħdu ritratti flimkien mal-Papa, tkantaw l-innijiet *Fil-Ħlewwa ta' Mejju* u l-*Magnificat* bil-Latin. Ma setax jonqos li Franġisku talab lil dawk kollha preżenti jitolbu għalih. "Nismagħkom għada f'San Pietru!", sellmilhom.

F'din l-okkażjoni, Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, Arċipriet emeritu u fundatur tal-Kor, ippreżentalu pittura ta' Celia Borg Cardona bit-tema *San Giorgio, Vittoria della Pace*, li turi wkoll il-Katidral ta' Għawdex u l-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-Papa rreċiproka b'għotja ta' impollozzi u palla tal-fidda u l-ħġieġ bl-istemma tiegħu għall-Bażilika ta' San Ġorġ u oħra ta' pinna u siġill tal-fidda għall-Mużew tagħha *Il-Ħaġar – Heart of Gozo*. Dan għamlu waqt laqgħa qasira li kellu fil-kamra tiegħu ma' Mons. Isqof Grech, ma' Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet ta' San Ġorġ, u ma' Mons. Farrugia.











**Kunċert ta' mużika sagra f'Sant'Anna**

L-impenji tal-kor tagħna f'Ruma bdew is-Sibt 4 ta' Jannar, b'kunċert ta' mużika sagra, *Cum Jubilo*, fil-parroċċa pontifiċja ta' Sant'Anna, fil-Belt tal-Vatikan, taħt il-patroċinju distint tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura.

Barra s-sehem prestiġjuż tiegħu fil-Quddiesa tal-Papa, il-Kor kellu l-opportunità li jagħti dan il-kunċert fejn interpreta motetti sagri ta' Palestrina, Perosi, Bartolucci, Palombella, Verdi, Wilcocks, kif ukoll kompożizzjonijiet ta' Joseph Vella u Giuseppe Caruana, li tiegħu tkanta l-innu *T'Adoriam, Ostia Divina.*

Għall-kunċert kienu preżenti fost l-oħrajn l-Em.T. Mons. Angelo Comastri, Arċipriet tal-Bażilika Vatikana, il-Kardinal Malti Prospero Grech OSA, l-Isqof ta' Għawdex Mario Grech, u l-E.T. Vanessa Frazier, Ambaxxatriċi ta' Malta fl-Italja.



**IL-KONFIRMAZZJONI: Il-Ħadd 11 ta' Mejju 2014**
Yaneka Apap, Christian Attard, George Attard, Jenny Attard, Mariah Balzan, Jean Camilleri, Julian Camilleri, Deborah Cassar, Chloe Cauchi, Nathan Debono, Shauna Debono, John Ellis, Lyndzie Farrugia, David Galea, Martina Galea, Angela Gatt, Matthew J. Grech, Lara Micallef, Kathryn Mizzi, Cassie Portelli, Marstell Portelli, Amy Rapa, Martha Rapa, Matthias Refalo, Leah Said, Justin Sultana, Christian Xiberras.

**L-EWWEL TQARBINA: Il-Ħadd 18 ta' Mejju 2014**
George Abela, Gorgianne Attard, Krista Azzopardi, Mirei Bugeja, Perla Bugeja, Marissa Camilleri, Martina Caruana, Tammy-Jo Caruana, Alysa Cassar Casha, Jean Cauchi, Zach Cauchi, Elena Cini, Katia Curmi, Malcolm George Debattista, Andrew Dimech, Jake Farrugia, Luke Fenech, Adam Galea, Davida Gatt, Miguel Gatt, Dana Lautier, Michael Magrin, Leah Micallef, Julia Portelli, Philippa Ann Scerri, Elisa Tabone, Bradley Vella, Ariane Xerri.



Fil-Quddiesa ta' l-Ewwel Tqarbina mmexxija mill-Isqof, hu ġie assistit mid-Djaknu Permanenti Robert Wareing, mid-Djoċesi Kattolika ta' Hexham u Newcastle fl-Ingilterra.







**Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Ruma u San Giovanni Rotondo (06-11 Ġunju 2014)**



**Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes (01-07 Awwissu 2014)**

# Imfakkra l-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex

## Terz tas-saċerdoti djoċesani f'dan is-seklu u nofs kienu mir-Rabat

Il-Knisja f'Għawdex inġabret fil-Katidral nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014, għal Pontifikal Solenni mmexxi minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fis-7.00pm, b'radd il-ħajr lil Alla għall-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex u Kemmuna, li seħħ preċiżament f'dak il-jum ta' l-1864, bil-bulla *Singulari Amore* (Bi mħabba liema bħalha). 'Il fuq minn sebgħin saċerdot Għawdxi ħadu sehem f'din il-Quddiesa, li għaliha attendew Dolores Cristina, Aġent President ta' Malta, flimkien ma' mistiedna distinti oħra, fosthom l-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Bosta saċerdoti mill-Parroċċa tagħna kkonċelebraw



Fl-omelija sabiħa tiegħu l-Isqof tenna li "bi mħabba singulari Alla ħabb din il-gzira meta mija u ħamsin sena ilu, permezz tal-Papa Piju IX, waqqaf din id-Djoċesi. Dak in-nhar Alla waqqaf it-tinda tiegħu fuq din il-gżira fejn il-bniedem seta' jiltaqa' miegħu, kemm mal-Kelma midmuma fil-Kotba Mqaddsa u kemm mal-Kelma li fil-milja taż-żmien saret bniedem – Ġesù Kristu". L-Isqof fil-priedka tiegħu kompla jfakkar kif, grazzi għall-preżenza tal-Knisja lokali, Alla xerred tant ġid u barkiet fuq is-soċjetà Għawdxija. Il-Knisja tat kontribut siewi f'bosta oqsma, bħall-edukazzjoni, il-ħajja soċjali, il-kultura u l-filantropija, b'tant minn uliedha li, misjuqa mil-laqgħa tagħhom mal-Kelma ta' Alla, impenjaw ruħhom bis-sħiħ favur il-ġid tal-poplu Għawdxi. Imma dik li hi verament il-missjoni tagħha, sostna l-Isqof, hi l-konverżjoni pastorali li tagħmilha dejjem fidila għas-sejħa oriġinali tagħha li tlaqqa' lill-bniedem ma' Kristu. Dan il-Knisja f'Għawdex għamlitu tajjeb fl-aħħar seklu u nofs, u l-Isqof awgura li jibqa' fil-qalba tal-ħajja tagħha bħala Knisja qabel xejn "missjunarja".

Monsinjur Grech qal li mhux biżżejjed inħarsu lejn l-imgħoddi glorjuż tad-Djoċesi, li tiegħu għandna għax irroddu ħajr lil Alla u lill-antenati tagħna, fosthom is-seba' predeċessuri tiegħu, imma l-Knisja f'Għawdex il-lum trid tħares 'il quddiem, u tfittex metodi ġodda ta' evanġelizzazzjoni, fejn il-katekeżi, il-liturġija u l-karità jingħataw prijorità fuq kull ħidma oħra tal-poplu ta' Alla.

Fil-jum ta' l-anniversarju, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, bħal fil-parroċċi kollha ta' Għawdex, inżamm jum ta' adorazzjoni Ewkaristika li ntemm b'mota solenni fis-6.00pm.

### Ktieb bil-qassisin kollha djoċesani

Intant, fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex u tal-wirja *Għawdex: 150 Sena Djoċesi* li nżammet fil-Ministeru għal Għawdex bejn il-15 ta' Ottubru u l-11 ta' Novembru 2014, il-Kumitat taċ-Ċelebrazzjonijiet fi ħdan il-Kurja ta' Għawdex f'kollaborazzjoni ma' l-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex ippubblika ktejjeb ta' erbgħin paġna li jiġbor fih lista tas-saċerdoti djoċesani Għawdxin ordnati f'dawn l-aħħar seklu



u nofs. Il-ktieb, *Ordinazzjonijiet ta' Qassisin Djoċesani Għawdxin (1864-2014)*, jinsab għall-bejgħ mill-Kurja ta' l-Isqof fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Victoria.

It-tagħrif f'din il-lista nġabar fuq medda ta' erbgħin sena minn Mons. Dr Joseph Bezzina, l-Arkivista tal-Kurja u anki ta' l-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex, u Mons. Jimmy Xerri, fiż-żmien li fih kien Segretarju ta' l-Isqof. Ix-xogħol tagħhom ġie mifli, mitmum, editjat, u mħejji għall-istampa minn Francesco Pio Attard fl-Arkivju Nazzjonali.

Din il-lista hi primarjament imsejsa fuq żewġ sorsi: 1. tliet reġistri fl-Arkivji Episkopali fil-Belt Victoria, fit-taqsima *Regesta Ordinationum* – reġistri bl-ismijiet ta' individwi ordnati, l-isem tal-ministru li ordnahom, u l-post u d-data ta' l-ordinazzjoni; 2. u 'l fuq minn elf u sitt mitt fajl fit-taqsima *Acta Ordinationum* – fajls b'dokumenti li persuna mitluba tippreżenta biex tiġi aċċettata fis-Seminarju u, eventwalment, biex tiġi promossa għall-Ordni Sagri.

Fil-każ ta' kull qassis imniżżel f'dan il-ktieb, insibu tagħrif dwar id-data u l-post ta' l-ordinazzjoni tiegħu u l-isqof li ordnah, flimkien mal-provenjenza u d-dati tat-twelid u l-mewt.

Fid-Djoċesi ta' Għawdex, fuq medda ta' mija u ħamsin sena (1864-2014), ġew ordnati madwar 613-il qassis Għawdxi. Din il-lista tinkludi biss dawk l-Għawdxin li f'dan il-perjodu ġew ordnati bħala qassisin djoċesani, u tħalli barra ħafna Għawdxin oħra li ġew ordnati fi ħdan xi Ordni jew Kongregazzjoni Reliġjuża. Għalkemm ingħatat attenzjoni kbira u ġew ikkonsultati bosta għejun oħra biex din ir-riċerka tkun kemm jista' jkun xjentifika, lista ta' din ix-xorta hi suġġetta għal ineżattezzi storiċi minħabba nuqqas ta' tagħrif f'każi ta' xi qassisin Għawdxin ordnati Malta jew barra.

**Maġġoranza ta' saċerdoti Rabtin**

Fis-16 ta' Settembru 2014, jum l-anniversarju tad-Djoċesi, l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, permezz tal-fergħa tiegħu f'Għawdex, ippubblika stħarriġ bit-titlu *Diocese of Gozo 1864-2014* ibbażat fuq din ir-riċerka, li tista' sservi ta' qafas tajjeb għal bosta studji storiċi. Minnu joħroġ li miż-żewġ parroċċi tar-Rabat ħarġu 201 saċerdot, fuq 32% tat-total ordnati, u għalhekk din hi l-akbar lokalità li minnha ħarġu qassisin kemm Għawdex ilu djoċesi. Minn dawn, nistgħu ngħidu mingħajr probabbiltà li niżbaljaw li l-maġġoranza huma mill-kleru ta' San Ġorġ. Nota fl-ewwel paġni tal-ktieb tispjega kif sa l-1955 San Ġorġ u l-Katidral kienu parroċċa waħda, u allura hu biss minn dik is-sena 'l quddiem li wieħed jista' jiddetermina bi preċiżjoni minn liema parroċċa Rabtija ġie ordnat saċerdot. Madankollu, jekk wieħed isib il-ħin jidħol fl-istorja ta' kull każ partikulari, isib li hemm numru sabiħ minn dawk li ġew ordnati qabel dik id-data li kienu mgħammda San Ġorġ u anki ordnaw bħala parti mill-kleru tiegħu.

Dan qed ngħiduh mhux biex noqogħdu niftaħru bl-istorja tagħna, imma biex irroddu ħajr lil Alla ta' tant vokazzjonijiet Ġorġjani li bihom żejjen il-Knisja tagħna; min jaf kemm ġid, anki lil hemm minn xtutna, xtered permezz tagħhom! Kull vokazzjoni saċerdotali hi don. U għalhekk nitolbu biex, kif għamel fl-imgħoddi, il-Mulej ikompli jibgħatilna iktar saċerdoti qaddisa. Qegħdin fi żmien meta qed naraw ħafna saċerdoti jħalluna, u ftit ġodda jeħdulhom posthom. Hi responsabbiltà tagħna bħala komunità parrokkjali li noħolqu ambjent b'saħħtu fejn vokazzjoni għall-ministeru saċerdotali tista' tnibbet, tixxettel u ssib fejn tikber u tħalli l-frott.

# Ir-rabta tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri mad-Djoċesi ta' Għawdex

Dun Geoffrey George Attard

Meta wieħed isib ruħu qed japprezza ħâtem li f'nofsu jkun hemm ħaġra prezzjuża leqqiena, malajr isib lilu nnifsu bejn ħaltejn jekk għandux jieqaf u jiggosta l-ġawhra, inkella l-oġġett sħiħ prezzjuż li jkun iħaddnu. Ikolli ngħid li hekk jista' jiġrilu kull min jieqaf biex jistudja s-sehem singulari tal-Parroċċa qadima ta' San Ġorġ fil-qalba ta' beltna fi ħdan il-gżira ċkejkna ta' Għawdex, li wara ħafna taħbit, irnexxielha tikseb għaliha d-Djoċesi tant mixtieqa. Dan li ġej huwa fil-qosor ħjiel ta' dan is-sehem ħabrieki tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fi ħdan id-Djoċesi li tħaddanha; ħjiel li ġie studjat ħafna aktar fid-dettall mis-Sur Pawlu Mizzi – "Missier il-Ktieb Malti" – fil-pubblikazzjoni tiegħu *Il-Parroċċa t'Għawdex*.

**Lejn għeruq Medjevali**

M'hux faċli ngħidu sa fejn jistgħu jeħduna l-għeruq tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' min joqgħod fuqha. Qabel il-Ġublew ta' l-1450 li minnu gawdiet il-Parroċċa, il-ħjiel aktar bikri jeħodna lejn il-poeżija *Tristia Ex Melitogaudo* li nqalbet għall-Ingliż bi studju magħha minn tliet studjużi Maltin.[1] Madankollu, it-tagħrifa li tinteressa lilna tinsab fil-librett ippubblikat wara minn Dr Stanley Fiorini. Hu jagħtina x'nifhmu li qabel il-wasla tan-Normanni f'Malta fis-sena 1090, diġà kien hawn f'Għawdex preżenza tal-Kristjaneżmu Grieg. Insibu miktub hekk:

> *The Greek Church came first. It is proposed here to add one other piece of evidence that does not appear in the book and this relates to the Gozo parishes... here we have an urban system of parishes, closely huddled together, just off the four cardinal points of* It-Tokk, *or plaza:* Santa Marija Savina *at the West end, the* Matrice *towards the North,* St James *at the East end, and* St George *towards the South. This pattern is not even found in urban Malta.*[2]

Il-Professur Fiorini mbagħad ikompli biex jispjega għaliex seta' kien hemm erba' parroċċi f'zona hekk ċkejkna u kkonċentrata. Din il-kitba ta' Fiorini hija x'aktarx l-eqdem tagħrifa dwar il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ li allura qed teħodna lejn l-era ta' qabel in-Normanni, mela fi żmien il-ħakma Għarbija, lejn dak li nistgħu nsejħulu l-Medjuevu bikri. Jekk fi żmien il-Biżantini kienx hemm diġà knisja ddedikata lil San Ġorġ għadna ma nistgħux ngħiduh, ladarba ma waslitilna ebda dokumentazzjoni.



Il-Bulla tat-Twaqqif tad-Djoċesi *Singulari amore*.





L-Isqof Pietru Pace, saċerdot [illegible] li tħabat kemm felaħ biex Għawdex isir Djoċesi.

## Fl-era Moderna

Jekk inqisu li l-era Moderna fl-istorja tibda mal-wasla ta' Kristofru Kolombu fl-Ameriki fis-sena 1492, mela nistgħu ngħidu li sehem il-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Knisja ta' Għawdex f'dan iż-żmien kien wieħed sostanzjali. Is-sehem tal-Parroċċa fit-tnissil u t-twelid ta' l-erba' parroċċi Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur (/il-Qala) u ż-Żebbuġ, li seħħ nhar it-28 ta' April 1688, huwa wieħed magħruf biżżejjed; fil-waqt li noqgħod lura milli nsejjaħ lil San Ġorġ Matriċi, ladarba fid-dokumenti tissemma l-knisja ta' l-Assunta b'dan it-titlu, ma noqgħodx lura milli nqisha bħala l-parroċċa parrina ta' dawn l-erba' parroċċi l-ġodda, għax kienet ċertament hi li ddotathom. Madankollu rrid inżid li għal sentejn sħaħ, San Ġorġ jissejjaħ "Matriċi" fir-reġistri tiegħu.[3]

Kienu mbagħad diversi minn ulied il-Parroċċa ta' San Ġorġ li tħabtu biex Għawdex jingħata Djoċesi għalih. L-Arċipriet Saver Cassar kien Arċipriet tal-Matriċi u Kappillan ta' San Ġorġ; fi żmienu bdew isiru l-ewwel talbiet għad-Djoċesi li imma ma wasslu għal imkien. Imbagħad, l-aktar żewġ personaġġi prominenti kienu Dun Pietru Pace u Sir Adrian Dingli, it-tnejn ulied ir-Rabat ta' Għawdex u t-tnejn persuni prominenti fil-qasam reliġjuż u ċivili ta' żmienhom. Pace kien jaf in-nies Ruma u Dingli kien midħla ta' l-ogħla awtoritajiet Ingliżi f'Londra, it-tnejn persuni rrispettati ferm. Pietru Pace, meta kien ċkejken, kien abbati fil-knisja Matriċi u Kolleġġjata u fl-istess waqt kien parruċċan ta' San Ġorġ; xi ħaġa mill-iktar normali f'dawk iż-żminijiet. Dun Pietru Pace twieled u trabba f'dar li għadha sal-lum eżistenti, fiz-zona ta' Wara San Franġisk, liema triq il-lum hija msemmija għalih.

F'dan il-kuntest irridu nsemmu wkoll lil Dun Mikiel Franġisk Buttigieg, saċerdot mill-Qala li kien Arċipriet tal-Matriċi meta din il-knisja ntgħażlet biex tkun il-Katidral il-ġdid tad-Djoċesi ta' Għawdex u li fl-istess waqt



Żewġ ritratti stor[illegible]ċi (it-tieni w[illegible]eħed f'paġna 12) tal-Funeral ta' l-Isqof Pietru Pace fir-Rabat ta' Għawdex mitt sena ilu. F'wieħed minnhom aktarx jidher Mons. Giuseppe Farrugia, dak iż-żmien Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral.



kien Kappillan ta' San Ġorġ. Id-Dar ta' l-Arċipriet fl-isqaq ta' Dandalona, il-lum fi Triq Mons. Giuseppe Farrugia ma' Triq Sant'Indrija, serviet bħala l-ewwel Palazz ta' l-Isqof ta' Għawdex. L-Arċipriet tal-Matriċi baqa' jaqdi l-uffiċċju ta' Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ sa Awwissu 1955, meta permezz tad-digriet ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace *Cum hodiernis temporibus* fired minn xulxin iż-żewġ entitatjiet.

**Benefatturi insinji**

Fost il-benefatturi tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li nistgħu ngħidu li kienu benefatturi per eċċellenza tad-Djoċesi ta' Għawdex, irridu nsemmu l-ewwel nett lil Monsinjur Giuseppe Farrugia 'tal-Vers', li għex bejn l-1852 u l-1925. Dan ifisser li Farrugia twieled tnax-il sena biss qabel it-twelid tad-Djoċesi; bħala tfajjel ta' tnax-il sena kien qara l-messaġġ ta' awguri fl-inawgurazzjoni tad-Djoċesi l-ġdida fil-preżenza ta' l-Isqof il-ġdid Mons. Mikiel Franġisk Buttigieg. Għal xi raġuni li m'hijiex magħrufa, f'kitba dwar din il-ġrajja, dan it-tfajjel ma jissemmiex b'ismu, imma nafu li ma kien ħadd għajr il-futur Monsinjur Giuseppe Farrugia.[4] Mons. Farrugia kellu jservi darbtejn bħala Rettur tas-Seminarju Djoċesan: minn Jannar sa Awwissu 1910, u mill-1914 sa l-1917.[5] Hu kien ukoll aktar tard Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral u Segretarju ta' l-Isqof. Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ kien responsabbli mit-tkabbir tal-Kor hekk li d-dehra li dan igawdi l-lum hija frott il-ġenju u l-imħabba tiegħu lejn din il-knisja parrokkjali. Fl-1894, tħabat kemm felaħ biex jitwaqqaf f'San Ġorġ Kulleġġ ta' Kanonċi Lateranensi, imma l-Kapitlu tal-Katidral qabbad lill-Avukat Ġużè Cremona sabiex jiddefendih kontra din il-proposta, u għalhekk il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ kellha tistenna sa l-1975.[6]

Ma nistgħux ma nsemmux iż-żewġ neputijiet ta' Monsinjur Farrugia, jiġifieri Monsinjur Franġisk Portelli u ħuh Ġużeppi ('taz-Zopp'), li t-tnejn ħadmu kemm felħu biex jaraw il-proġett tat-tkabbir tan-navi ta' San Ġorġ minn ħolma jsir realtà. Jingħad li l-Isqof Mikiel Gonzi fil-bidu ma riedx jagħti l-kunsens tiegħu, imma mbagħad l-Arċipriet – ta' bniedem prudenti u għaqli li kien – stiednu darba minnhom biex jagħmel l-Eżerċizzi tar-Randan, u kif ra n-nies tiffolla ġo San Ġorġ, malajr ħasibha darbtejn u ta l-kunsens tiegħu għall-bini tan-navi. Il-moħħ wara din il-ħidma kollha kien Monsinjur Farrugia 'tal-Vers', imma benefattur xejn inqas ħabrieki minnu kien l-istess Arċipriet, li jekk kellu t-titlu ta' Arċipriet tal-Katidral, kien fuq kollox ragħaj tal-komunità Nisranija ta' beltna ċċentrata sa mill-qedem madwar il-parroċċa tagħha fil-qalba tal-Ħaġar. Dan ma kien ħadd għajr it-twajjeb u qaddis Monsinjur Alfons Marija Hili, patrijott Għawdxi ta' ħila singulari u bniedem irrispettat minn kulħadd.

Hili, li twieled ir-Rabat nhar id-19 ta' Jannar 1865, kien diġà nħatar Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu fis-sena 1894 u kien hu li ddetermina, flimkien mat-twajba Karmni Grima, id-data li fiha l-Madonna tkellmet mill-inkwadru.[7] Hili ntgħażel mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri OESA sabiex imexxi l-Parroċċa tar-Rabat fl-1917. Imma dan mhux qabel ma serva wkoll bħala Rettur tas-Seminarju Djoċesan għal erba' snin, mill-1910 sa l-1914.[8] Hili kien benefattur ħabrieki tal-Parroċċa ta' San Ġorġ għax fi żmienu nbnew in-navi, tkabbret il-knisja u nbniet mill-ġdid il-koppla bil-lanterna ma ninsewx li sa mit-terremot ta' San Iġinu tas-sena 1693 sat-tletinijiet tas-seklu għoxrin, San Ġorġ kien tħalla biss bl-iskutella. Hili dam Arċipriet sa mewtu fl-1943; prattikament hu mexxa r-Rabat u lil San Ġorġ mill-Ewwel sat-Tieni Gwerra Dinjija. Għen kemm felaħ lill-familji foqra tar-Rabat u fil-fatt hu stess miet fqir, ta' fuqu senduqu. Imma ma mietx qabel ma ta saħħtu, ħajtu u ruħu għall-akbar ġid spiritwali u temporali tal-merħla tiegħu, u l-merħla tiegħu kienet San Ġorġ, ir-Rabat u Għawdex kollu, għax Hili sa mill-1921 kien rebaħ l-elezzjonijiet ġenerali għall-Assemblea Leġislattiva ta' Malta ma' Nerik Mizzi. Mhux ta' b'xejn li s-suċċessur tiegħu Monsinjur Ġużeppi Farrugia, Arċipriet ta' San Ġorġ mill-1998 sa l-2007, kien il-moħħ wara l-mafkar forma ta' bust ta' Monsinjur Hili li nkixef solennement mill-President tar-Repubblika Dr Ugo Mifsud Bonnici u l-lum jinsab f'waħda mill-kappelli tal-ġnub tal-Bażilika! Kien jixraq li jinkixef minn Mifsud Bonnici ladarba missieru l-'Gross' kien sieħeb ta' Monsinjur Hili fil-politika! Il-*Partito Nazionale* ta' Fortunato Mizzi kien twieled u ħa l-ewwel nifsijiet tiegħu fil-Gżira tat-Tliet Għoljiet!

**Saċerdoti żelanti**

Ħarsa meqjusa lejn is-sehem tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-ħidma djoċesana trid bil-fors tiġbdilna l-attenzjoni tagħna fuq persuni bħalma kienu Dun Ġużepp Diacono, il-ko-fundatur tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù tal-

Venerabbli Madre Margerita De Brincat. It-tnejn li huma kienu mgħammda San Ġorġ u ħadmu fil-knisja parrokkjali jew fil-viċinanzi tagħha. Diacono kien anki Viċi ta' San Ġorġ. Kien magħruf bħala Dun Ġużepp 'tal-Bambini', minħabba l-ħanut ta' missieru, imma l-aktar li jissemma kien għall-ħidma tiegħu favur ulied il-poplu, l-aktar għat-tagħlim tiegħu lit-tfajliet li ma kellhomx min jgħinhom. Kien jitħabat sabiex isibilhom xogħol kif jista'. Hu għex bejn l-1847 u l-1924 u għalhekk kien tal-ġenerazzjoni ta' Monsinjur Farrugia tal-Vers. Fl-1920, b'riżq Għawdex u wliedu ppubblika l-ktieb *Bizzilli li jinħadmu f'Għawdex u f'Malta*.[9]



Dun Pawl Micallef u l-Oratorju tiegħu.

Tal-ġenerazzjoni ta' warajh kien it-twajjeb Dun Pawl Micallef, il-fundatur ta' l-Oratorju Don Bosco, li ħadem biex ixerred id-duttrina Nisranija fi żmien meta l-istess Soċjetà Mużewmina kienet qed taqbad bil-mod fir-Rabat, frott il-ħidma tas-Superjur Bianco ta' Ħal Qormi. Dun Pawl Micallef, li għex bejn l-1897 u l-1956, permezz tal-ħolqien ta' l-Oratorju radd lir-Rabat l-ewwel post Nisrani ta' rikreazzjoni, 'il barra mill-każini tal-baned u l-ambjenti tagħhom. Sabiex iwettaq dan il-proġett hu sab l-għajnuna sħiħa ta' l-Isqof Mons Ġużeppi Pace.


L-Isqof Ġużeppi Pace, bin il-Parroċċa Ġorġjana.

Monsinjur Pace, wild ieħor tal-parroċċa, kien il-pro-neputi ta' Monsinjur Pietru Pace, u dan twieled fl-1890; mexxa d-Djoċesi mill-1944 sa l-1972.[10] F'San Ġorġ ukoll wieħed isib il-mafkar tiegħu, xogħol l-iskultur Vincent Apap.[11] Kien fi żmien l-Isqof Pace li l-Parroċċa ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Bażilika Minuri mill-Papa Piju XII permezz tad-digriet tas-6 ta' Settembru 1958 bl-isem *Merito dilaudatur templum*. Fi żmienu wkoll il-parroċċa nqatgħet mill-Kolleġġjata ta' l-Assunta, il-Katidral, li magħha kienet ġiet marbuta bosta snin qabel, propju fl-1688, sabiex dak in-nhar setgħu twieldu parroċċi ġodda fil-kampanja Għawdxija.

Mal-ħafna saċerdoti li taw kontribut lid-Djoċesi, irridu nsemmu lil Mons. Ġorġ Agius, magħruf bħala 'tal-Qormi', li kien ħalla d-dar tiegħu lis-Sorijiet Karmelitani fi Triq it-Telgħa tal-Belt, ftit passi biss bogħod mill-Katidral. Monsinjur Agius għex bejn l-1872 u l-1962 u fil-fatt għex sa l-età venerabbli ta' disgħin sena. Hu kien qatta' ħafna snin fl-Amerika fejn mexxa diversi parroċċi. Il-ktieb tiegħu *The Church and Tradition* kien għamillu ġieħ fl-Istati Uniti. Agius kien ukoll benefattur kbir ta' San Ġorġ.[12] Mafkar tiegħu jinsab fil-Bażilika.

**Mill-Kolleġġjata sa żmienna**

Wara ħafna taħbit u tħabrik min-naħa ta' diversi persuni distinti, fosthom Mons. Emanuel Mercieca, l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata, u s-Sur Paul M. Cassar, għal erbgħin sena Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, San Ġorġ ingħata l-Kolleġġjata li tmenin sena qabel il-Monsinjur 'tal-Vers' kien tħabat biex iġib għall-Parroċċa tar-Rabat.

M'hux possibbli nsemmu s-sehem individwali ta' kull membru tal-Kapitlu u l-kleru b'riżq id-Djoċesi Għawdxija. Imma biżżejjed insemmu l-ħidma u t-tħabrik ta' xi wħud minn dawn is-saċerdoti. Jiġini f'moħħi l-Kan. Ġużeppi Sacco, li ħadem fil-Moviment Azzjoni Soċjali (MAS), fi ħdan id-Djoċesi u anki f'oqsma oħra. Irrid insemmi lil Mons. Salv Borg, li kien ragħaj tal-parroċċa mill-1986 sa l-1998 u li qabel dan l-uffiċċju, kien ukoll ta' għajnuna kbira fiz-zona tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla, fiż-żmien meta Dun Tarċisju Camilleri kien magħżul bħala l-ewwel Rettur ta' din il-knisja periferika. Aktar tard Monsinjur Borg kien Moderatur tal-Kurja u serva wkoll għal sena bħala Viċi-Rettur tas-Seminarju Djoċesan. Mons. Emanuel Curmi, għalkemm wild il-Fontana, huwa membru tal-kleru Ġorġjan u jibqa' magħruf għall-ħidma tiegħu b'riżq il-persuni b'diżabbiltà. Mons. Emanuel Mercieca, li fi żmienu nbena ċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq Karità, kien għalliem tal-Latin u t-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġjuri, u aktar tard Mons. Ġużeppi Farrugia sar għalliem tat-Teoloġija Dommatika, fil-waqt li l-Kan. George J. Frendo sar għalliem tat-Teoloġija Morali, it-tnejn fi ħdan l-istess Seminarju Maġġuri. Il-Kan. Dr Joe Zammit serva bħala Arċipriet tal-Qala, filwaqt li l-Kan. Tonio Galea serva bħala Kappillan fil-Munxar. Dun Effie Masini serva bħala Kap ta' l-Iskola tas-Seminarju għal diversi snin. Mons. Ġorġ Grima ta bidu għall-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu* u kompla qiegħed id-Djoċesi fuq il-mappa missjunarja tad-dinja, fil-waqt li Mons. Jimmy Xerri, wara li serva fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, qatta' madwar ħmistax-il sena bħala missjunarju fil-Brażil, fejn anki ppubblika xi kotba bil-Portugiż u kien Rettur ta' Seminarju, u wara li reġa' lura f'Għawdex, iservi d-Djoċesi bħala ragħaj ta' l-akbar parroċċa tagħha; hu kien ukoll għal xi snin Segretarju ta' l-Isqof Cauchi. L-aħwa Mons. Anton u Dun Ġorġ Borg taw is-servizz tagħhom fl-Oratorju Don Bosco kif ukoll fiċ-Ċentru Ta' Kana u l-knisja ta' San Ġakbu. Mons. Ġwann Bosco Cremona kien għal ħafna snin Rettur fix-Xlendi, u Mons. Ġużeppi Gauci qeda l-komunità tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għal ħafna snin, kif għamel ukoll Mons. Carmelo Scicluna. Mons. Ġużeppi Mercieca, ukoll wild San Ġorġ, kien Arċisqof Metropolita ta' Malta, u Mons. Alfred Xuereb Segretarju ta' żewġ Papiet. Dawn u ħafna oħrajn li wieħed jista' jsemmi, ilkoll juru s-sehem li l-Parroċċa ta' San Ġorġ għandha fil-makkinarju tad-Djoċesi ċkejkna ta' Għawdex u anki lil hemm.

**Inħarsu 'l quddiem**

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ il-lum tkompli tħares 'il quddiem bit-tama lejn il-ġejjieni; is-sehem tagħha fid-Djoċesi huwa wieħed stabbilit – kemm l-istorja u kemm il-ġografija kienu



It-twaqqif tal-Kolleġġjata Ġorġjana f'pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi fis-Sagristija Maġġuri ta -Bażilika Ġorġjana.

ħanina magħha. Issa jmiss li l-għajnuna tas-saċerdoti u tal-koperaturi lajċi li jaħdmu fi ħdanha tinseġ ir-rwol li huwa tagħha b'mod speċifiku halli tkompli taqdi – kif fl-aħħar mill-aħħar dejjem għamlet – din il-missjoni triplika tagħha. Huwa minsuġ fit-tessut tagħha li taqdi l-ewwel lill-ulied spiritwali tagħha, imbagħad lir-Rabat li tiegħu hija l-qalb li tħabbat, u fl-aħħar u mhux l-inqas lil Għawdex kollu. U sabiex tkun fidila għall-motto tal-belt tagħha, *A Magna Maxima* – "mill-akbar sa l-ogħla", il-Parroċċa ta' San Ġorġ ma tagħmilx ħażin jekk fid-dawl tal-Vanġelu tkompli tfittex modi ġodda kif tista' tkun ukoll ta' qadi għall-komunità Nisranija anki fuq livell internazzjonali. Il-ħsibijiet sbieħ li jinkitbu fil-ktieb tal-viżitaturi tal-Bażilika jistgħu – bis-sehem ta' persuni responsabbli jew membri ta' l-għaqdiet – jiġu mibdula fi stedina għal fidi megħjuxa halli d-dar ta' Alla ssir tassew bieb miftuħ għat-twemmin ta' dawk li matul is-sena jkollhom l-opportunità li jżuru dan it-tempju u jitpaxxew bih.

**Riferenzi**

[1] *Tristia Ex MelitoGaudo. Lament in Greek Verse of a XIIth-Century Exile on Gozo*, (Joseph Busuttil–Stanley Fiorini–Horatio Caesar Roger Vella, Eds.), Malta 2010.
[2] Stanley Fiorini, *Tristia Ex Melitogaudo Revisited. Objections, Clarifications, Confirmation*, Malta 2010, 18-19.
[3] Karmenu Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi Tal-Belt U Tal-Gżira Ta' Għawdex*, Malta 1996, 51 (ft. 86).
[4] Joseph Bezzina, "150 Sena Katidral. It-twaqqif tal-Knisja Katidrali mill-Papa Piju IX", fl-*Għid tal-Assunta* (49), Awwissu 2014, 6. Naqraw hekk: "Tfajjel żgħir mexa quddiem il-Bolla. Tfajjel ieħor qralu l-indirizz ta' merħba hekk kif kien se jibda t-Telgħa tal-Belt".
[5] Joseph Bezzina, *The Sacred Heart Seminary. The Heart of Gozo* (=Gaulitana 11), 49.
[6] Pawlu Mizzi, *Il-Parroċċa T'Għawdex. Studju Soċjo-Kulturali ta' Epoka*, Malta 1997, 442-443.
[7] "Alfonso Maria Hili", f'*Dictionary of Maltese Biographies*, II, (Michael J. Schiavone, Ed.), Malta 2009, 1003-1004.
[8] Ara Bezzina, *The Sacred Heart Seminary*, 49.
[9] "Giuseppe Diacono", f'*Dictionary of Maltese Biographies*, I, (Michael J. Schiavone, Ed.), Malta 2009, 720.
[10] "Giuseppe Pace", f'*Dictionary of Maltese Biographies*, II, (Michael J. Schiavone, Ed.), Malta 2009, 1260.
[11] Http://www.timesofmalta.com/articles/view/20040711/religion/bishop-pace-monument-inaugurated.117961.
[12] Karm Borg, *Xita ta' Ward. Ġrajjiet is-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù fil-Gżejjer Maltin*, Malta 2007), 88-89.

**Ħajr għar-ritratti:** Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex, Dun Joe Calleja, John Cremona, Paul Falzon.

# San Ġorġ u d-Djoċesi ta' Għawdex

## Farkiet storiċi ta' interess...

- L-ewwel tentattiv għat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex sar mill-Provigarju għal Għawdex u Arċipriet tar-Rabat Dun Saver Cassar, Kappillan ta' San Ġorġ, fl-1798.
- San Ġorġ hu sa mill-qedem meqjum bħala l-Patrun ta' Għawdex u allura tad-Djoċesi tiegħu. Dan jikkonfermah l-Isqof Mons. Giovanni Maria Camilleri OESA (1889-1924) fl-Ittra Pastorali tas-Sittax-il Ċentinarju Ġorġjan ta' l-1903, meta jirrikkmanda lill-"Insara tad-djoċesi tagħna, li tant minħabba fin-nisel tal-parroċċi tagħkom kemm ukoll minħabba l-interessi tagħkom f'din il-belt, hija ħaġa wisq xierqa li tagħtu ġieħ lit-titular ta' din il-knisja mnejn intom tafu ġid kbir tar-ruħ".
- Dun Pietru Pace, it-tielet Isqof ta' Għawdex (1877-1889) u evenwalment Arċisqof Metropolita ta' Malta, promutur ewlieni tad-Djoċesi l-ġdida ta' Għawdex, kien saċerdot mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fl-2014 fakkarna mitt sena minn mewtu.
- L-Arċipriet tar-Rabat Mikiel Franġisk Buttigieg sar l-ewwel Isqof ta' Għawdex (1864-1866) u fl-ewwel xhur ta' l-episkopat baqa' jservi ta' Arċipriet ta' San Ġorġ
- L-ewwel Palazz ta' l-Isqof kien fid-Dar ta' l-Arċipriet Buttigieg, fis-Sqaq ta' Dandalona fi Triq Pietà, il-lum Triq Mons. Giuseppe Farrugia. Dan serva hekk għal ftit snin, sakemm il-Kurja mxiet lejn Strada Corsa. Wara, għadda għand Mons. Giuseppe Farrugia 'tal-Vers' u għal xi żmien kien ukoll propjetà tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.
- Id-Djoċesi kellha żewġ Isqfijiet mill-Parroċċa Ġorġjana: Pietru Pace (1877-1889) u Ġużeppi Pace (1944-1972).
- L-Isqof Mons. Mikiel Gonzi (1924-1943) kellu sehem importanti fit-tkabbir u t-tisbiħ tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fit-tletinijiet u l-erbgħinijiet tas-seklu l-ieħor.
- Fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fl-1975 twaqqfet l-ewwel Kolleġġjata Episkopali u Post-Konċiljari, bid-Dekan tagħha jkun l-Isqof Djoċesan. Dan seħħ bil-ħidma ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi (1972-2010) li fi żmienu wkoll ġew iċċelebrati żewġ Ċentinarji Ġorġjani u ħarġu żewġ Ittri Pastorali: fl-1984 u fl-2003.
- Mons. Giuseppe Farrugia u Mons. Alfons M. Hili, żewġ saċerdoti Ġorġjani, it-tnejn kienu Retturi tas-Seminarju Djoċesan (1910, 1914-1917; 1910-1914) u Segretarji ta' l-Isqof. Anki Mons. Ġużeppi Mercieca kien Rettur tas-Seminarju (1958-1969) qabel laħaq Arċisqof Metropolita ta' Malta.
- Għadd ta' saċerdoti Ġorġjani servew fid-Djoċesi u barra minnha: l-akbar għadd f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena ħarġu mir-Rabat u minn San Ġorġ.

# Madre Margerita De Brincat iddikjarata Venerabbli

Nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014, kummissjoni ta' Kardinali u Isqfijiet fi ħdan il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin iltaqgħet f'sessjoni ordinarja biex tat ġudizzju dwar jekk il-Papa għandux jiddikjara bħala Venerabbli lill-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat (1862-1952), bint id-Djoċesi ta' Għawdex minn Ta' Kerċem u mgħammda fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fundatriċi flimkien ma' Dun Ġużepp Diacono tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Din is-sessjoni tmexxiet mill-Kardinal James M. Harvey u għaliha kien preżenti l-Postulatur tal-Kawża, Patri Gianni Califano OFM.

Il-vot dwar il-virtujiet erojċi ta' Madre Margerita sar fuq il-proposti mogħtija minn kummissjoni ta' disa' konsulturi teologi f'April li għadda. L-eżitu tal-vot kien wieħed pożittiv, u għalhekk il-Kongregazzjoni ressqet ir-riżultat tal-vot tagħha quddiem il-Papa Franġisku biex, fuq parir ta' l-istess Kongregazzjoni, jiffirma d-Digriet uffiċjali li bih jiddikjara lil Madre Margerita De Brincat bħala Venerabbli.

Dan seħħ nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, meta f'udjenza li kellu ma' l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Angelo Amato SDB, Prefett tal-Kongregazzjoni, il-Papa Franġisku laqa' l-parir pożittiv ta' din il-Kongregazzjoni u awtorizzaha toħroġ id-digriet imsemmi.

L-inkjesta djoċesana dwar il-virtujiet erjoċi tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù kienet infetħet fl-4 ta' Lulju 1987, u l-validità tagħha ġiet magħrufa mill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fl-1 ta' Diċembru 2000. Fost dawk li kienu ħadmu ħafna f'dan il-proċess kien hemm Dun Mario Grech, il-lum Isqof ta' Għawdex. Il-*Positio* f'Ruma tlestiet fit-12 ta' April 2013, u fil-Kungress Pekuljari tat-Teologi Konsulturi saret diskussjoni b'riżultat pożittiv, hekk li f'Sessjoni Ordinarja tal-kardinali u l-isqfijiet fil-21 ta' Jannar 2014, il-Kardinal Prefett Angelo Amato ddikjara li l-Qaddejja ta' Alla għexet b'mod erojku l-virtujiet teologali, kardinali u oħrajn.



Id-Digriet uffiċjali tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin dwar il-Venerabbiltà ta' Madre Margerita xxandar uffiċjalment bil-Malti fl-4 ta' Lulju 2014, fil-bidu ta' Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li nżammet fil-għaxija fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali Ta' Kerċem, ir-raħal li fih twieldet Virġinja De Brincat fit-28 ta' Novembru 1862. Il-Quddiesa tmexxiet mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech.

Għall-Quddiesa, li fiha kkonċelebraw in-Nunzju Appostoliku Aldo Cavalli, l-Isqof Awżiljarju ta' Malta Charles J. Scicluna u bosta saċerdoti, attendiet ukoll il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca. Fil-kongregazzjoni kien hemm għadd sabiħ ta' Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, imwaqqfa mill-Venerabbli De Brincat, flimkien mal-Madre Ġenerali Sr Vitaliana Zammit u l-Madre Provinċjali Sr Josephine Xuereb.

F'dan l-istadju, issa jonqos biss l-approvazzjoni ta' miraklu bl-interċessjoni tal-Venerabbli De Brincat biex hi tiġi ddikjarata Beata.

# Avventura missjunarja fl-Afrika għal żewġ żgħażagħ mill-Parroċċa tagħna

Nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru 2014, Andrew Camilleri u Alan Casha, żewġ żgħażagħ ta' ħamsa u għoxrin sena mill-Parroċċa tagħna, bdew avventura ġdida... dik ta' disa' xhur u nofs ta' esperjenza missjunarja fl-Afrika tal-Lvant. Huma ddeċidew li jagħmlu waqfa mill-impjieg tagħhom biex jagħtu minn ħinhom f'volontarjat Nisrani ma' *Missio Malta*.

Għalhekk f'wieħed mill-Ħdud ta' qabel huma kienu fil-Quddies kollu tal-Ħadd fil-Bażilika biex jaqsmu mal-komunità Nisranija x-xhieda tagħhom u jitolbu l-għajnuna finanzjarja bħala sapport lin-nies tal-Kenja, it-Tanzanija, iż-Żambja u l-Malawi, l-erba' pajjiżi li sa jżuru. Huma rnexxielhom jiġbru s-somma sabiħa ta' fuq €8,000 minn fost diversi komunitajiet parrokkjali, familjari u ħbieb Għawdxin.



Il-Ħadd 2 ta' Novembru, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb fil-Belt Victoria, iż-zona li minnha ġejjin Andrew u Alan, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech tahom il-Mandat u s-Salib Missjunarju, u qal li "id-deċiżjoni ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ li jmorru jagħmlu ħidma missjunarja hija prova oħra ta' kemm għadha taħdem il-Kelma ta' Alla! Nemmen li huwa Ġesù Kristu li nebbaħ lil Alan u Andrew biex jidħlu għal din l-inizjattiva tal-'ġenn'. Hija l-istess Kelma ta' Alla li ser tweżinhom f'din l-avventura Kristjana"

It-tfal u l-familji tal-parroċċa tagħna wkoll ġew issensibilizzati iżjed dwar din l-avventura missjunarja ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ ħutna meta f'wieħed mill-jiem tan-Novena tal-Milied għall-Familji u t-Tfal, il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2014, fi tmiem il-priedka sar kollegament dirett mal-Kenja permezz tat-telefon fejn huma qasmu mal-kongregazzjoni preżenti fil-Bażilika dak li kienu għaddejjin minnu u kif kellhom ħsieb iqattgħu l-Milied fl-Afrika. Mal-bibien tal-Bażilika mbagħad fi tmiem il-Quddiesa kien hemm żgħażagħ sħabhom li laqgħu d-donazzjonijiet tan-nies.

Tistgħu ssegwu 'djarju' ta' din l-esperjenza missjunarja fuq http://acasefortruth.wordpress.com/.

# Il-Patrun Ġorġi



F'nofs il-Belt Victoria tinsab
ġo niċċa fil-knisja mimlija armar.
F'Lulju aħna noħorġuk,
biex ilkoll infaħħruk.

Flimkien insellmulek,
bil-kant u l-marċijiet ngħannulek.
Aħna nuruk kemm tassew inħobbuk,
għax timliena bil-ferħ ta' kuljum.

Il-Ġorġjani jimxu warajk
fuq l-eżempju tiegħek
li matul ħajtek inti wettaqt,
Suldat ta' Kristu inti bqajt.

Inti stilla bajda,
turina t-triq it-tajba.
Ġo qalbna mgħafsa,
il-fidi dejjem magħna.

Nitolbuk biex tħarisna mis-Sema
meta nitolbuk tismagħna:
timliena bil-kuraġġ u l-qawwa
ħalli flimkien inqawwu t-tama.

Patruni bħalek hawn ħafna,
iżda inti Ġorġi tagħna,
li bi tbatija rbaħtu
il-ħażen tad-dragun
biex wasslitek ħdejn Alla.

Il-ġimgħa tiegħek waslet,
it-Tiġrija aħna narmawlek:
statwi ta' Patruni bħalek
biex il-festa jakkumpanjawlek.

Il-briju li nqajmu,
dan kollu għalik
biex nuruk imħabbitna
għax xorta għadna nemmnu
li tinsab fil-qrib.

Minkejja l-ħażen li nagħmlu
aħna llkoll nitgħallmu;
bħalma inti ħfirt lill-għadu
aħna naħfru u nerġgħu ningħaqdu.

Ġorġi, ma nixbax inżejnek,
inżejnek bi kliem sabiħ,
għaliex jixraqlek, għażiż Patrun,
tkun imfaħħar b'dan il-kliem bir-raġun.

Jien ma ninsiek qatt,
dejjem f'moħħi f'kull ħin u f'kull waqt.
Nemmen li għad narak
fil-Ġenna b'wiċċ mill-isbaħ u daħkan.

**Samara Attard,**
*tifla ta' ħmistax-il sena*




**EŻERĊIZZI SPIRITWALI**
**RANDAN 2014**
**Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex**

**GĦALL-MIŻŻEWĠIN** minn Patri Elija Vella OFMCONV
mit-Tnejn 10 sal-Ġimgħa 14 ta' Marzu, fis-7.30pm, fil-Bażilika
*Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali*

**GĦAL KULĦADD** minn Mons. Ewkaristiku Sultana
mit-Tnejn 17 sal-Ġimgħa 21 ta' Marzu, fl-4.15pm, fil-Bażilika

**GĦALL-ADOLEXXENTI** minn Dun Joseph Farrugia
mit-Tnejn 31 ta' Marzu sal-Ħamis 3 ta' April, fis-7.30pm, fiċ-Ċentru Parrokkjali

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ F'MALTA** minn Patri Mark Demanuele MSSP
mit-Tlieta 1 sal-Ħamis 3 ta' April, fis-7.15pm, fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Triq tal-Ħriereb, l-Imsida

**GĦAT-TFAL** mid-Djaknu Daniel J. Sultana
mit-Tnejn 7 sal-Ħamis 10 ta' April, fl-4.15pm, fiċ-Ċentru Parrokkjali

## L-Arċisqof ta' Loreto jżur il-Bażilika u l-Mużew tagħha



Nhar it-Tnejn 1 ta' Settembru 2014, l-Arċisqof Mons. Giovanni Tonucci, li din is-sena kien il-mistieden speċjali għall-Festa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu, żar il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Mużew tagħha *Il-Ħaġar*.

# Mija u Ħamsa u Sebgħin Sena Ssebbaħna Bi Ġmielek

## Pass pass maċ-ċelebrazzjonijiet li b'dinjità għamlet il-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria fl-anniversarju ta' l-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex (1839-2014)

Francesco Pio Attard

**SUPPLIMENT**
**FESTI ANNIVERSARJI 2014**

*Tnebbaħna minn ħarstu msammra fis-Sema,*
*dirgħajh miftuħa għall-ħarsien tagħna,*
*u riġlejh wieqfa fuq artna maħbuba.*



ritratt: Noah Cassar



Hemm ġrajjiet li jsibu posthom fuq l-ewwel paġni tal-ġurnali, oħrajn li jitfakkru fil-kotba, fuq l-irħam jew il-bronż, imma mbagħad hemm oħrajn li jibqgħu minquxa għal dejjem fil-qlub! Ma' dawn ta' l-aħħar jiena ngħodd il-festi speċjali li l-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria ċċelebrat b'dinjità u solennità liema bħalhom, imma wkoll bi premura għall-fidi, il-katekeżi u l-ispiritwalità, matul is-sena 2014, li ħabtet il-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju minn meta l-iskultur Belti Pietru Pawl Azzopardi naqqax minn zokk ta' tuta l-kapulavur artistiku tiegħu fl-idjoma Neo-Klassika: ix-xbieha titulari ta' San Ġorġ, il-Patrun ta' Għawdex, ikkummissjonata lilu għall-knisja protoparrokkjali tagħna.

Id-dokumentazzjoni li nafu biha sa issa ma tagħtix data ċara ta' meta tlestiet l-istatwa, imma nafu li fl-1839 kienet diġà fi gżiritna għall-qima ta' l-Għawdxin. Hi xbieha li tirrappreżenta żvolta kolossali fin-nisġa ta' ġrajjiet il-poplu Għawdxi u fil-bixra li, minnha 'l quddiem, kellhom jieħdu l-festi parrokkjali tagħna. San Ġorġ ta' Azzopardi hu l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex li bdiet tinħareġ fil-Purċissjoni ta' nhar il-Festa. Imma, fuq kollox, hi x-xbieha tal-Patrun, dik l-'ikona qaddisa' li bħal laħħmet, b'mod li ħadd ma kien irnexxielu jagħmel qabel, dak li San Ġorġ iħoss għall-Għawdxin u li l-Għawdxin iħossu għal San Ġorġ!

Din tiegħi m'hix analiżi storika jew artistika ta' l-istatwa. Dan hu miġbur tajjeb f'pubblikazzjoni li l-Bażilika ta' San Ġorġ xandret għal din it-tifkira. L-għan ta' dan l-artiklu hu li r-rivista parrokkjali *Il-Belt Victoria* tfakkar, f'dan is-Suppliment speċjali, il-ġrajjiet ewlenin li seħħu matul l-2014 biex, kif jixraq, jibqgħu mniżżla anki bil-miktub u fir-ritratti li jsieħbu din il-kitba. Is-Suppliment li għalih hu daħla dan l-artiklu joffri wkoll ġabra ta' interventi ewlenin li saru matul din is-sena minn kelliema differenti, u li bejniethom idommu dak li l-komunità parrokkjali Ġorġjana għexet u bih ferħet matul dawn il-festi. L-artikli, l-omeliji, id-diskorsi, il-poeżiji, ir-ritratti... huma kollha tifkira dehbija ta' dak li ġarrabna u li nixtiquha tibqa' ħajja fil-memorja tagħna.

Ilni xhur intella' u nniżżel kif ħa nirrakkontalkom fi ftit paġni s-sena 2014. Mhux ħa jirnexxieli... ta' l-inqas mhux kif nixtieq u hekk li nagħmel ġustizzja ma' dak kollu li għadda minn għalina. Bħali għextuhom u tafu x'sarrfu. Hemm sentimenti Ġorġjani li l-kliem qatt ma jasal ifisser biżżejjed. Sibt li l-aħjar mod hu li nirrakkonta ġrajja wara l-oħra, b'ton kronoloġiku u b'xi kumment 'l hawn u 'l hemm: sensiela sħiħa ta' waqtiet żgħar u kbar miġbura bejn Jannar u Diċembru 2014. Quddiem din il-mixja komunitarja għanja li terraqna flimkien, żgur li kull tentattiv għal ġustifikazzjoni storika tal-motivazzjonijiet wara dawn il-festi hi superfluwa. Inħoss li lanqas hi xi kumbinazzjoni li dan l-anniversarju ħabat ukoll mal-mija u ħamsin sena mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, li tagħha San Ġorġ hu l-Patrun maħbub.

Inħoss li kienu **erbgħa l-mumenti qawwija** ta' dawn il-Festi Anniversarji: it-tħejjija spiritwali fil-perjodu minn **Frar sa Marzu**; iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-jum liturġiku ta' San Ġorġ f'**April u Mejju**; il-festi titulari f'**Lulju**; u l-għeluq xejn inqas solenni li ffesteġġajna f'**Novembru**. Fuq din il-medda ta' kważi sena, l-għajnejn li osservaw tajjeb xi tħejja u x'ġie ċċelebrat fehmu li l-Bażilika ta' San Ġorġ riedet tagħti lil dawn il-Festi Anniversarji timbru spiritwali, pastorali u kateketiku f'kuntest ta' komunità Kristjana ta' fidi, li mbagħad, kif jixraq u kif f'San Ġorġ aħna mdorrijin nagħmlu u nagħmlu sew, ġie kkumplimentat minn dimensjoni artistika, kulturali u naturalment ċelebrattiva. Żewġ dirgħajn li ma għaddewx mingħajr xulxin u li, intenni, fix-xbieha ta' San Ġorġ iżżewġu u tbewsu b'mod naturali.

**Il-Ħadd 21 ta' Lulju 2013**

Hekk kif kien qed jingħalaq il-kapitlu tal-Festa Titulari ta' San Ġorġ 2013, wara li ta l-Barka Ewkaristika fi tmiem il-Purċissjoni Pontifikali, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ħabbar li l-2014 għall-Parroċċa Ġorġjana kienet se tkun waħda ta' festi anniversarji speċjali, u li għalhekk diġà minn dak in-nhar kellhom jibdew it-tħejjijiet biex jimżammu ċelebrazzjonijiet kif imiss li jfakkru l-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju ta' l-istatwa. L-aħbar intlaqgħet b'entużjażmu u b'ċapċip li tarrax il-Bażilika. Fil-ġimgħat ta' wara, l-Arċipriet sejjaħ madwaru grupp ċkejken ta' kollaboraturi biex magħhom jibda jfassal il-programm ta' dawn il-festi.



**L-Erbgħa 1 ta' Jannar 2014**

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Urbana, fi tmiem il-Pontifikal ta' l-Ewwel tas-Sena fis-solennità tal-Maternità Divina tal-Verġni Marija, ħabbar li r-Relikwa Insinji tad-Driegħ xellugi ta' San Ġorġ, miżmuma fl-Abbazija Benedittina ta' San Giorgio Maggiore f'Venezja, kienet sa tinġab Għawdex f'Lulju ta' wara. Dan wara li Dom Norberto Villa OSB, Abbati ta' Praglia u San Giorgio Maggiore, kien laqa' t-talba tiegħu mressqa b'ittra tat-18 ta' Novembru 2013. Hekk il-Festa Anniversarja kienet sa tiġi mbierka wkoll bil-preżenza 'fiżika' tal-qaddis f'din ir-relikwa għażiża tiegħu. Aktar kmieni, l-Arċipriet Cardona nnifsu kien żar l-Abbazija biex jara r-Relikwa u jitkellem mal-Monaċi Benedittini.



Diġà fl-1984 u l-2003, fl-okkażjoni ta' żewġ ċentinarji differenti marbuta mal-ħajja tal-qaddis Patrun ta' Għawdex, kienet inġabet minn Ruma l-aktar relikwa għażiża ta' San Ġorġ, dik tal-Qorriegħa tal-qaddis miżmuma fil-Bażilika Djakonali tal-Velabro. Din ta' Venezja, wara eżami xjentifiku fuq diversi relikwi li sar fl-1978 fl-Istitut Antropoloġiku ta' l-Università ta' Bologna, hi wkoll meqjusa bħala waħda mill-ftit relikwi awtentiċi u prestiġjużi tal-qaddis tagħna.

Skond tagħrif li waslilna, din ir-relikwa għażiża, fejn mad-driegħ tal-qaddis għadhom jidhru wkoll il-pala ta' l-id ix-xellugija u s-swaba', diġà kienet meqjuma fil-Monasteru ta' San Giorgio di Fiore fil-Kalabrija sa mill-1255. Wara li ġiet salvata minn taħt idejn il-pirati barbari f'attakk fuq il-post, fl-1296 ittieħdet f'purċissjoni solenni lejn il-gżira ta' San Giorgio Maggiore, fejn tinsab il-lum fl-Abbazija Benedittina ddedikata lill-istess qaddis.

**Il-Ħadd 12 ta' Jannar**

L-Uffiċċju Parrokkjali tal-Bażilika ppubblika u qassam fid-djar tal-parruċċani l-Kalendarju 2014, edizzjoni speċjali mżejna kollha b'ritratti qodma u mfissra tajjeb mill-istorja ta' l-istatwa titulari matul dawn il-mija u ħamsa u sebgħin sena. Hekk, kull dar Ġorġjana setgħet, matul is-sena l-ġdida, tiftakar fl-anniversarju li kienet qed tiċċelebra.



MARIO GRECH

Dom Norberto Villa OSB
Isola San Giorgio Maggiore
30124 Venezia
ITALIA

18 novembre 2013

Reverendissimo Abate,

Il prossimo anno la parrocchia dedicata a San Giorgio, Victoria, Gozo (Malta) celebrerà i centosettantacinque (175) anni della venerata statua di San Giorgio martire, patrono della nostra città e protettore di tutta la Diocesi.

Il Reverendo Arciprete della Basilica di San Giorgio, Mons. Pawlu Cardona, insieme al Reverendissimo Capitolo della stessa, mi ha chiesto di rivolgermi a Voi per esprimerVi il desiderio di poter ospitare, in occasione delle speciali festività che avranno luogo tra venerdì diciotto (18) e domenica venti (20) luglio 2014, la Reliquia insigne del braccio di San Giorgio, custodita presso la Vostra Abbazia.

Sono a conoscenza che al riguardo Voi siete già stati contattati da Mons. Cardona, dimostrandogli la Vostra disponibilità.

Auspicando che questa richiesta possa essere accolta, Vi ringrazio per la Vostra attenzione e considerazione.

devotissimo nel Signore

✠ Mario Grech
Vescovo di Gozo










**Is-Sibt 1 ta' Frar**

Fit-8.00pm, fil-Bażilika, inżammet l-ewwel ċelebrazzjoni *Is-Siegħa tal-Martri*, ippreseduta mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Il-Parroċċa sa mill-bidu riedet li l-komunità parrokkjali titħejja spiritwalment għall-Festi, anzi, li l-istess Festa Anniversarja kollha tkun okkażjoni qawwija ta' approfondiment spiritwali, kateketiku u pastorali. It-tliet ċelebrazzjonijiet *Is-Siegħa tal-Martri* kellhom l-għan speċifiku li jwettqu dan b'mod konkret, b'enfasi fuq it-tliet virtujiet Insara tal-fidi, it-tama u l-imħabba mqabbla ma' tliet aspetti meħuda mill-qagħda tal-qaddis suldat fl-istatwa titulari tiegħu. F'atmosfera kalma ta' talb imsejsa fuq il-Liturġija tas-Sigħat, imħejjija bl-għajnuna ta' Dun Richard N. Farrugia li animahom u għamel il-katekeżi dwar il-qari, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu tabilħaqq mumenti ta' grazzja. L-istess isem li ntgħażel għalihom kellu tifsira profonda – ried ifisser kemm it-tul ta' kull ċelebrazzjoni, sittin minuta, imma wkoll is-sejħa li San Ġorġ Martri kien qed jagħmel lil uliedu l-Ġorġjani mix-xbieha qaddisa tiegħu għas-"siegħa" tax-xhieda. F'din l-ewwel ċelebrazzjoni sar it-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, u fl-aħħar, wara l-Barka Ewkaristika, saret purċissjoni qasira bil-kant lejn in-niċċa ta' San Ġorġ, żewġ mumenti li ġew imtennija wkoll fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' wara. Ma naqasx mument sabiħ ta' fraternità waqt bibita fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 22 ta' Frar**

It-tieni ċelebrazzjoni *Is-Siegħa tal-Martri* ħabtet ħmistax qabel ir-Randan, u għalhekk fiha l-Parroċċa għamlet



proposta lill-membri tagħha biex matul dan iż-żmien liturġiku jaqraw ta' kuljum siltiet mill-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku *Il-Ferħ tal-Vanġelu.* Dan permezz ta' Sussidju b'siltiet minn dan id-dokument maqluba għall-Malti apposta u mqassma fi ktejjeb lil dawk kollha preżenti. Din l-inizjattiva ntgħoġbot anki minn parroċċi oħra li talbu kopji ta' dan il-ktejjeb.

**Is-Sibt 15 ta' Marzu**

It-tielet ċelebrazzjoni *Is-Siegħa tal-Martri* kellha timbru aktar penitenzjali, u billi l-istatwa tal-Kurċifiss ta' Azzopardi kienet għall-qima wara l-Altar tat-Tribuna, sar ġest sabiħ ħafna li ra l-miġemgħa tersaq għarkubbtejha quddiem l-Imsallab. Kien ukoll fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni li xxandar uffiċjalment il-logo tal-Festi Anniversarji ta' l-Istatwa, f'fuljett li tqassam bl-ispjega ta' dan il-*logo* imħejji mill-Uffiċċju Parrokkjali. Id-disinn juri wiċċ San Ġorġ fuq l-isfond tal-Ħuta – simbolu Paleokristjan tal-Knisja –, is-Salib u t-Tliet Għoljiet.

**L-Erbgħa 23 ta' April**

L-ewwel xhur tas-Sena Anniversarja, diġà mimlija b'ħafna mumenti straordinarji li ħa nibqgħu niftakru, gerrbu ħfief biex wassluna għall-Festa Liturġika ta' San Ġorġ f'April. Minħabba li t-23 ta' April din is-sena ħabat fl-Ottava ta' l-Għid, il-Bażilika ta' San Ġorġ għamlet talba, kif ġie li sar, lil Monsinjur Isqof biex is-solennità liturġika ta' San Ġorġ u allura l-festa tiegħu fil-Kalendarju tad-Djoċesi tiġi ttrasferita għat-28 ta' April, l-ewwel jum barra mill-Ottava Paskwali; dan anki fi qbil man-"Normi Universali dwar is-Sena Liturġika u l-Kalendarju Ġenerali Ruman". Sadattant, tqassam mal-Bulettin Parrokkjali ktejjeb bil-programm ta' festi speċjali miżmuma bejn it-23 ta' April u l-4 ta' Mejju. Il-ġrajjiet ewlenin dehru wkoll fuq tliet kartelluni kbar imwaħħla mal-faċċati tal-Bażilika. Imma Jum San Ġorġ ma tħalliex sajjem għal kollox minn laqta partikulari festiva, għax dak in-nhar, mill-Uffiċċju tal-*Maltapost* fil-Belt Victoria, fuq kummissjoni tal-Bażilika stess, ħareġ timbru speċjali li juri wiċċ San Ġorġ ta' Azzopardi, iddisinjat mis-Sur Anthony Grech, u fil-fehma tiegħi wieħed mill-isbaħ timbri li qatt ħarġu. Biex jikkumplimenta dan, l-Uffiċċju Parrokkjali ħareġ kartolina kommemorattiva u bolla personalizzata.

Fl-istess jum, fit-8.00pm, inżammet l-Ikla ta' Jum San Ġorġ fil-Każin *La Stella*, waqt li fid-Dar *Leħen il-Belt Victoria* fi Pjazza San Ġorġ, fetħet il-Wirja kommemorattiva *Beatus Georgius* imħejjija mill-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri*, bi statwi u pitturi ta' artisti lokali.










**Il-Ħamis 24 ta' April**
Fil-5.30pm, fil-Bażilika nżammet Ċelebrazzjoni speċjali għat-Tfal tal-Parroċċa, ippreseduta mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Fiha, Francesco Pio Attard, bl-għajnuna ta' preżentazzjoni viżiva, mexxa lit-tfal fi vjaġġ artistiku max-xbihat ta' San Ġorġ li għandna fil-Bażilika tagħna u l-ġrajjiet li jirrappreżentaw, vjaġġ li naturalment intemm fix-xbieha sabiħa ta' Azzopardi. Ritratti tax-xbihat kollha – pitturi u skulturi – dehru wkoll fit-tifkira sabiħa li tqassmet fl-aħħar. Fiċ-ċelebrazzjoni saret ukoll Litanija ċkejkna ta' invokazzjonijiet lil San Ġorġ imnebbħa mill-kitbiet f'idejn l-anġli ta' Conti fis-saqaf tal-Bażilika. Wara, inżamm festin kbir fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali.





**Il-Ġimgħa 25 ta' April**
Fit-8.00pm, inħarġet trijonfalment min-niċċa fil-Bażilika għal dawn il-festi l-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Fil-bieb, fejn xiref għal ftit, San Ġorġ sab tistennieh miġemgħa kbira tkanta b'vuċi waħda u b'mod spontanju – minkejja l-assenza ta' banda – l-Innu lil San Ġorġ. Dritt wara, il-Kan. Dr Joe Zammit mexxa Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana għażżgħażagħ u l-adolexxenti, fejn ukoll waqaf jirrifletti fuq il-virtujiet Insara li jnebbaħ fina San Ġorġ mill-istatwa tiegħu.

**Is-Sibt 26 ta' April**
Fid-9.00am, l-Arċipriet iċċelebra Quddiesa li tat bidu għal jum ta' adorazzjoni Ewkaristika solenni b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji li hu xerred fuq il-parroċċa tagħna matul dawn il-mija u ħamsa u sebgħin sena tal-preżenza ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fostna. F'nofs il-lejl ġiet iċċelebrata Quddiesa Kantata.

**Il-Ħadd 27 ta' April**
Ma naħsibx li nkun niżbalja jekk ngħid li l-aktar avveniment ikkontestat imma li fl-istess waqt kellu tant suċċess f'dawn





il-festi li nżammu f'April u Mejju 2014 kien dak tal-Ħadd 27 ta' April. Fil-jiem ta' qabel, kull familja Ġorġjana kienet irċiviet stedina personali d-dar biex tattendi għall-Velja Solenni tal-Martirju fi Pjazza Indipendenza, u setgħet tiżgura post billi takkwista biljett. Il-Velja, fil-preżenza ta' l-istatwa titulari, fl-aħħar snin bdiet tinżamm kull sena fi Pjazza San Ġorġ lejlet is-solennità liturġika, imma minħabba fir-relevanza storika u reliġjuża ta' dan l-anniversarju, il-Parroċċa għal din is-sena ddeċidiet li din il-Velja tinżamm fuq skala ikbar fi Pjazza Indipendenza, it-Tokk ta' Għawdex, imkien li għandu sinifikat hekk għoli fit-tessut soċjo-reliġjuż, amministrattiv u storiku ta' gżiritna. Minkejja tant qtigħ ta' qalb minn kullimkien – altru timla Pjazza San Ġorġ u altru Pjazza Indipendenza! – u biża' mit-temp pjuttost inċert, kienet ċelebrazzjoni kbira f'kull sens, li ħa tibqa' mnaqqxa b'ittri dehbija fl-istorja ta' beltna u tal-komunità tagħna. San Ġorġ riedha!

Wara li fis-6.30pm, l-Arċipriet Cardona kien mexxa l-Ewwel Għasar tas-Solennità fil-Bażilika, fis-7.30pm, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ intlaqgħet mill-Banda Ċittadina *La Stella* fil-bieb tal-Bażilika Ġorġjana u ġiet akkumpanjata minnha lejn Pjazza Indipendenza, fejn sabet tilqagħha l-ġemgħa miġbura u tqiegħdet fl-għoli tal-palk kbir armat apposta, bl-isfond imponenti tal-Banka tal-Ġurati warajha, imlewna bi spettaklu uniku ta' dwal.





Il-Velja, li bdiet fit-8.00pm, tmexxiet mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona (fl-assenza ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, li għal raġunijiet ta' saħħa kien indispost) akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan, u kienet animata minn Dun Richard N. Farrugia, Segretarju u Ċerimonier ta' l-Isqof Djoċesan, li kiteb it-test sabiħ u għani tagħha, imqassam ukoll fi ktejjeb lin-nies. Ħadu sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo u l-Banda Ċittadina *La Stella* taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent Surmast Sigmund Mifsud. Pjazza Indipendenza nbidlet fi spettaklu leqqieni ta' dawl u kant, imma wkoll f'awla liturġika mixgħula bl-imħabba lejn il-Patrun ta' Għawdex. Il-bejta tal-Kristjaneżmu Għawdxi laqgħet għal darb'oħra fiha dawl l-imsiebaħ tal-fidi Ġorġjana, li sa mill-għeruq, isimha twaħħad ma' dak ta' Kristu fi gżiritna. Kienet dehra impressjonati tara l-istatwa ta' San Ġorġ għaddejja mill-korsija qalb in-nies fil-pjazza; waqt li stajt tħoss lil kull persuna preżenti tieħu sehem ħaj, b'qari, talb, kant u ġesti pparteċipati minn kulħadd. Ftit wara d-9.00pm, malli ngħatat il-Barka Ewkaristika, bil-kant tal-*Ġorġi Tagħna* l-istatwa ġiet akkumpanjata lura fil-Bażilika. B'tifkira ħelwa ta' din il-ġrajja, tqassam lil dawk kollha preżenti ktejjeb taskabbli b'għadd ta' talbiet popolari lil San Ġorġ: *Confitemini Domino*.

**It-Tnejn 28 ta' April**

Is-solennità liturġika ta' San Ġorġ ġiet ittasferita għal dan il-jum, meta l-komunità Ġorġjana laqgħet fi ħdanha lill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, għall-Pontifikal tas-7.00pm, wara li nofs siegħa qabel ġie ċċelebrat it-Tieni Għasar Solenni mill-Kapitlu Ġorġjan. Il-Pontifikal kien bis-sehem ta' l-Orkestra, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, Assistent *Maestro di Cappella* tal-Bażilika. Il-Banda *La Stella* għalqet il-ġurnata bid-dimostrazzjoni tradizzjonali ta' jum il-festa liturġika bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, xogħol Vincenzo M. Cremona.



**It-Tlieta 29 ta' April**

Il-festi ma għalqux mal-jum liturġiku. L-istess kif kien ġara lura fil-Festi Ċentinarji ta' April 2003, is-solennità liturġika ġiet mifruda minn dik anniversarja. Għalhekk mill-għada bdew jiem ta' tħejjija spiritwali u kulturali għall-Ħadd ta' wara, meta San Ġorġ kellu joħroġ idur ibierek it-toroq ta' beltna. Fis-6.00pm, saret Quddiesa għall-morda u l-persuni b'diżabbiltà, bis-Sagrament tad-Dilka tal-Morda, li tmexxiet minn Mons. Manwel Curmi.

**Mill-Erbgħa 30 ta' April sal-Ġimgħa 2 ta' Mejju**

L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa kienu l-jiem solenni tat-Tridu, li ġie ċċelebrat fil-Quddies tas-6.00pm. Żgur li



ħadd aħjar minn Mons. Ġużeppi Gauci ma seta' jinseġ tliet riflessjonijiet il-ġmiel tagħhom li, ma jistax jonqos, fil-qalba tagħhom kien hemm l-istatwa titulari ta' San Ġorġ u l-messaġġ spiritwali tagħha. Kliem mirqum u ħiereġ mill-qalb ta' Ġorġjan, mhux nieqes mit-tifħir mistħoqq, tħejjija xierqa għall-festa li kienet ġejja.

**Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju**
Fit-8.00pm, inżammet Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bażilika, taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, b'qari ta' studju ta' Dr Eugene F. Montanaro u diskorsi minn Dr Paul G. Pisani u s-Sur Godwin Vella; poeżiji ta' Fra Ġorġ Grech OCSO, il-Kav. Joe M. Attard u Raymond Caruana; u interventi mużikali mill-Kor *Laudate Pueri*, Mariella Spiteri Cefai u Kathryn Mizzi.

**Is-Sibt 3 ta' Mejju**
Lejlet il-Festa Anniversarja ta' Mejju, il-Bażilika Ġorġjana riedet toħloq niċċa għal riflessjoni akkademika u teoloġika wkoll imnebbħa minn San Ġorġ, ġmiel fi ġmiel. Dan permezz ta' konferenza fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, fid-9.30am, bit-tema "It-Triq tal-Ġmiel: Sehem il-Knisja fil-Bini tas-Soċjetà". Hawn saru interventi mill-Professur Oliver Friggieri mill-Università ta' Malta, ir-Rev. Prof. Mario Farrugia SJ mill-Università Pontifiċja Gregorjana ta' Ruma, u l-Isqof Mario Grech. Il-moderatur kien Dun Richard N. Farrugia.



Fil-għaxija, fis-6.00pm, l-Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kolleġġjata Lateranensi mexxa t-Translazzjoni Solenni bir-Relikwa ta' San Ġorġ.

**Il-Ħadd 4 ta' Mejju**
Il-festi speċjali ta' April u Mejju għalqu b'jum ieħor memorabbli, il-Ħadd 4 ta' Mejju, meta lqajna fostna għall-ewwel darba lill-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju





Appostoliku għal Malta, li mexxa sew il-Pontifikal Solenni u sew il-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, li, bħal fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju Ġorġjan ta' ħdax-il sena qabel, ħarġet fid-dawl tax-xemx ta' fil-għodu u għaddiet mit-toroq il-qodma ta' beltna. Hekk kif San Ġorġ feġġ fuq l-għatba bil-kliem *"Mater et Magistra"*, kien hemm min ikkummenta: "Ħarġu żewġt ixmux!" għax fl-istess ħin, donnu providenzjalment, ħarġet ix-xemx minn wara s-sħab fejn kienet mistħobija! Il-Pontifikal kien fid-9.00am, waqt li għall-10.15am bdiet ħierġa l-Purċissjoni, fejn l-istatwa titulari ta' San Ġorġ intlaqgħet fi Pjazza San Ġorġ bl-innu reliġjuż *Georgius natus est* u bl-eżekuzzjoni ta' l-Innu l-Kbir immortali *A San Giorgio Martire* mill-Banda *La Stella*, bit-tixjir tal-palm waqt il-*Gloria*. Emozzjonijiet li dewqu lil dawk kollha preżenti ħjiel ċkejken minn dak li jsir f'Lulju, imma fl-istess ħin ħaduna lura lejn żminijiet oħra meta l-Festa Titulari ta' San Ġorġ kienet għadha tinżamm fir-Rebbiegħa. Id-dawra tal-purċissjoni ma kinitx eżatt bħal



dik ta' Lulju: malli ħalliet it-taraġ tal-Bażilika, daret mill-ewwel fuq ix-xellug lejn Triq San Ġorġ u minnha niżlet għal ħdejn San Ġorġ tal-Ħaġar, biex minn hemm kompliet bir-rotta normali tagħha. Kollox intemm għall-ħabta ta' nofs in-nhar bil-Barka Ewkaristika, li fi tmiemha l-Arċipriet Cardona radd ħajr lil dawk kollha li kkollaboraw bis-sħiħ biex dawn il-festi setgħu jsiru u jissarrfu f'ġid pastorali u waqtiet ta' ferħ għall-komunità parrokkjali kollha, u ta l-appuntament għal Lulju. F'ġest ieħor sabiħ u apprezzat ferm, l-Arċipriet xi ġimgħat wara bagħat kartolina ta' ringrazzjament lill-voluntiera u kollaboraturi kollha. Xi siltiet minn dan il-jum u dak tal-Ħadd 27 ta' April ixxandru fuq programm televiżiv fuq *NET TV*.

Fis-1.00pm, inżamm Pranzu tal-Festa fil-Lukanda *Ta' Ċenċ* f'Ta' Sannat, f'ġieħ in-Nunzju Appostoliku Cavalli.

**Mill-15 ta' Mejju sa l-10 ta' Lulju**

Id-disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-Festa Titulari ġew iċċelebrati minn Mons. Ġużeppi Gauci fil-Quddies tas-6.00pm. Magħhom intrabtet idea oriġinalissma u li ġiet imfaħħra ħafna minn kull min għaraf is-siwi pedagoġiku tagħha. Bl-għajnuna ta' l-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri* fi ħdan is-Soċjetà *La Stella*, kull nhar ta' Ħamis tqiegħdet fil-Bażilika statwa ta' xi qaddis li kiteb jew ippriedka dwar San Ġorġ, biex hekk kull min ġie għall-Ħamisijiet seta' jikber fl-għarfien tiegħu dwar dak li fit-Tradizzjoni għanja tal-Knisja għorrief kbar għallmuna fuq il-figura nobbli ta' San Ġorġ. Dan it-tagħlim, flimkien ma' testi liturġiċi, inġabar ukoll fi ktejjeb ċkejken bl-istampi li tqassam lit-tfal. L-idea kienet tassew ta' min ifaħħarha għax tefgħet dawl fuq il-valur kateketiku li għandhom ħafna mid-dekorazzjonijiet li naraw iżejnu it-toroq ta' beltna fi żmien il-Festa, u li forsi ftit nagħtu kasħom. L-istatwi esposti, li jintramaw it-Tiġrija, xogħol mill-aqwa ta' Wistin Camilleri, fl-2014 għalqu mitt sena minn meta żżanżnu.



**Mill-Erbgħa 2 sal-Ħamis 10 ta' Lulju**

Il-Programm tal-Festa Titulari f'Lulju fetaħ kważi mal-bidu tax-xahar, bin-Novena għall-Familji Ġorġjani, immirata b'mod speċjali għat-tfal. Sabiħ kien il-ġest ta' l-adolexxenti tal-Parroċċa li minn jiem qabel ħarġu jduru bieb bieb iwasslu l-istedina lil kull familja. Il-Bażilika nbidlet f'arena ta' festa, f'miġemgħa mħeġġa fit-talb, il-kant u l-liturġija, fi skola ta' katekeżi u formazzjoni mistagoġika, hekk kif Patri George Ocar Buttigieg, Franġiskan Konventwal imnissel minn din il-komunità Ġorġjana, fisser biċċa biċċa l-istatwa titulari li din is-sena għajnejn kulħadd kienu mitfugħa fuqha. Bl-għajnuna ta' riproduzzjoni mdaqqsa ta' l-istatwa f'għamla ta' ritratt, kbar u żgħar setgħu jaqraw is-simboloġija għanja li toffri x-xbieha ta' Azzopardi, u jifhmu – forsi xi wħud minnhom għall-ewwel darba – kif l-elmu, ix-xabla, il-kuruna, il-palma, il-libsa u l-mant, is-sandli, id-dragun, u l-ħaddejn sielma u l-id miftuħa huma biss sinjali ta' ġrajja wisq akbar u oħla li nkitbet f'qalb Ġorġi, il-ġrajja tax-xhieda u l-imħabba, tal-qaddej li mexa fuq il-passi ta' Sidu billi għamel minn jiemu fuq din l-art Vanġelu ħaj. Kull ġurnata tan-Novena kienet iddedikata lil xi parti jew oħra ta' l-istatwa, u t-tifsira spiritwali korrispondenti, kif il-ġemgħa setgħet tara mill-partijiet li bdew jitwaħħlu biċċa wara l-oħra kuljum mar-ritratt kbir tagħha fuq il-presbiterju. Il-kelma mħeġġa tal-predikatur ma naqsitx li tolqot il-qlub, u l-grazzja ta' Alla żgur għamlet il-bqija. Kull familja li ġiet b'uliedha għal din in-Novena ngħatat bħala tifkira *jigsaw puzzle* ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, magħmula minn 181 biċċa. Din kienet l-ewwel *jigsaw puzzle* li saret bi produzzjoni ta' stamperija Għawdxija, l-*A&M Print* tal-Qala. M'għandniex xi ngħidu, tant kienet suċċess li riduha anki l-kbar, u kellna nistampaw it-tieni edizzjoni biex illaħħqu mad-domanda. U kien hemm ukoll min ħa l-eżempju! Il-lum ħafna familji Ġorġjani għandhom din il-*jigsaw puzzle* tan-Novena ta' San Ġorġ inkwadrata f'post prominenti fid-djar tagħhom, tifkira li ħa tibqa' tal-katekeżi għanja fuq l-istatwa sbejħa tagħna matul din in-Novena.

Ma naqsux il-mumenti ta' divertiment għat-tfal, mhux biss bit-tqassim tal-ġelati fi tmiem il-Quddiesa, imma b'dawra bil-'ferrovija' ma' Għawdex fl-ewwel ġurnata u *bouncy castle* għaċ-ċkejknin fil-festin ta' l-aħħar jum fi Pjazza San Ġorġ. In-Novena ta' San Ġorġ fissret nies u entużjażmu, ideat friski u innovattivi, tagħlim u qsim ta' ħiliet u talenti, ċelebrazzjoni liturġika li tat rankatura pastorali lill-mekkaniżmu uniku tal-Festa ta' San Ġorġ. Dan kollu għalaq bħas-soltu b'ċelebrazzjoni ta' mużika, żfin





u drama u spettaklu awdjo-viżiv fil-Bażilika fl-aħħar jum, bl-istess tema tan-Novena kollha: "San Ġorġ ikellimna mill-istatwa titulari tiegħu". Fit-tmiem, fost il-ferħ ta' kulħadd, iddaħħlet fil-knisja l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ.

Kien propju meta konna fil-qalba tan-Novena li kontemporanjament id-Djoċesi ta' Għawdex kienet qed tifraħ bid-dikjarazzjoni uffiċjali li Madre Margerita De Brincat, imwielda Ta' Kerċem u mgħammda San Ġorġ, saret Venerabbli. Il-kwadru sabiħ tagħha ġie espost fil-Bażilika, u raddejna ħajr lil Alla li bint din il-komunità Nisranija maħsula fl-ilma tal-Magħmudija tal-knisja parrokkjali tagħna, hi pass hekk qrib lejn il-ġieħ ta' l-altari, u mudell għalina ta' qdusija fil-ħajja ta' kuljum. Matul il-jiem tal-Festa, kellna wkoll ix-xorti li naraw mill-qrib it-tonka tagħha esposta fin-niċċa, flimkien ma' oġġetti oħra personali tagħha, u r-reġistrazzjoni tal-Magħmudija fil-Fonti ta' San Ġorġ.

**Is-Sibt 12 ta' Lulju**

Ma setax jonqos li f'anniversarju bħal dan, għajnejn kulħadd ikunu fuq il-kapulavur ta' Azzopardi. Kritika artistika interessanti saret mill-istudjuż lokali ta' l-Arti Mark Sagona, li f'taħdita pubblika fil-Mużew tal-Bażilika *Il-Ħaġar*, daħal fil-fond tal-kuntest storiku artistiku li fih inħadmet din il-kummissjoni importanti mill-aqwa alliev ta' Mariano Gerada. Fuq il-Ktieb tal-Festa ppubblikat mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, dehru studji mirquma minn diversi awturi f'parti tal-pubblikazzjoni ddedikata kollha kemm hi lil din il-ġrajja. Fost dawn, spikka l-artiklu ta' l-Arċipriet Emeritu Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, li ta ħarsa storika, teoloġika u soċjo-kulturali lejn il-kummissjoni ta' din ix-xbieha għażiża.

**Il-Ħadd 13 ta' Lulju**

Minħabba li matul il-Ġimgħa tal-Festa kellha tasal ir-Relikwa minn Venezja, il-Ħruġ min-Niċċa ta' l-Istatwa sar Ħadd qabel il-Festa, fl-10.30am. Donnha qatt ma kienet ippakkjata daqshekk il-Bażilika biex tilqa' lil San Ġorġ fit-tempju tiegħu. Mal-Ġorġjani Għawdxin ingħaqdu bosta minn Malta, li ma sabuhiex bi tqila li f'jum ta' btala jaqsmu l-fliegu u jiġu jissieħbu fil-ferħ ta' sħabhom. Meta San Ġorġ tqiegħed fuq il-bankun tiegħu taħt l-arkata tan-nofs fil-korsija, setgħet titgawda dehra li l-aħħar li raw waħda bħalha kienu missirijietna fuq mitt sena ilu. Għall-okkażjoni ta' dan l-anniversarju tagħha, l-istatwa tqiegħdet taħt mant, jew pavaljun sabiħ ta' lewn ħamrani, li ġie misluf għall-okkażjoni mill-knisja arċipretali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Kif wieħed jistenna minn poplu paċpaċi u kritiku ta' kollox bħalma hu tagħna, mhux kulħadd għoġbitu l-idea, imma ftit hemm xi tmaqdar fid-dehra grazzjuża li ssokta ħa San Ġorġ taħt dan il-mant sbejjaħ – wara kollox din m'hix idea ġdida, imma biss kopja ta' dik li ħareġ biha l-għaref Mons. Giuseppe Farrugia fiċ-Ċentinarju ta' l-1903, meta ssellef minn għand il-Patrijiet Franġiskani Konventwali l-pavaljun tal-Kunċizzjoni biex taħtu jitqiegħed San Ġorġ, lura Għawdex minn taħt l-idejn abbli tar-restawr tal-Calì. Għal darb'oħra San Ġorġ reġa' ġibed l-attenzjoni! Xeraqlu l-pavaljun lil San Ġorġ, għax bħal li qallu, m'huwiex hu sultan li rebaħ lil qlubna għal dejjem u hu l-ġieħ u l-kuruna tal-poplu tagħna!

Wara l-Ħruġ min-Niċċa, inżammet bħas-soltu ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana, organizzata mill-Grupp *23four*>>, bis-sehem ta' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa, li din is-sena tmexxiet minn Dun Geoffrey George Attard, fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju presbiterali tiegħu. Mill-ġdid, is-suġġett – "Tlaqqmu fi Kristu Ġesù" – dar ma' l-istatwa, maħduma skond tradizzjoni antika fl-injam tat-tut, materjal li jfakkarna fl-għuda tas-Salib u li aħna wkoll imlaqqmin fi Kristu, u frotta li b'lewnha ħamrani hu bħal figura tad-demm tal-martirju mxerred bi mħabba, żerriegħa għal Insara ġodda. U biex iż-żgħażagħ dan jibqgħu jiftakruh, jiġifieri li bħal Ġorġi rridu nkunu mlaqqma fi Kristu Ġesù u lesti nagħtu xhieda għalih anki saċ-ċarċir tad-demm, it-tifkira li tqassmet kienet biċċa zokk żgħir tat-tuta, imċappas bil-lewn ħamrani ta' demm il-martirju.

**It-Tnejn 14 ta' Lulju**

Wasal f'Malta l-Em.T. Gennadios Zervós, Arċisqof Metropolita Grieg Ortodoss ta' l-Italja u Malta, l-ewwel fost kullana ta' prelati mistiedna distinti għal dawn il-festi. Hu kellu laqgħa ma' l-Isqof Djoċesan fil-Monasteru tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fejn kien qed joqgħod. Fil-għaxija kien fost il-mistiedna ta' l-unur waqt il-Kunċert Grandjuż ta' l-Għeluq tas-Sbatax-il Edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival*, fil-Bażilika.




















**It-Tlieta 15 ta' Lulju**

"Il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila…". Kliem is-Salmista (117:16) nebbaħna biex nifhmu x'riedet tfisser iż-żjara tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ fostna. Sa mil-laqgħat bikrin ta' l-Insara tal-bidu, il-fdalijiet tal-martri fl-oqbra tal-katakombi kienu l-altar tas-sagrifiċċju Ewkaristiku. Anki jekk ħafna l-lum iħarsu lejn ir-relikwi bħala xi ħaġa ta' l-imgħoddi, ħadd minna ma jiċħad li huma għeżież il-fdalijiet umani ta' dawk li ħallewna. Anzi, inħossuh dmirna nżuruhom u nitolbu fejnhom. Kemm iktar, allura, dawk tal-qaddisin tagħna, li l-Mulej tana x-xorti li nistgħu ngħożżu fostna l-għadam tagħhom! Jekk il-Mulej tagħna ried jibqa' fostna f'ħaġa tanġibbli bħalma hi l-Ewkaristija, il-qaddisin tiegħu wkoll jibqgħu 'jgħixu' fostna, mhux biss fit-tifkira ta' ġrajjiethom u l-eżempju tagħhom, lanqas fix-xbihat li naqqaxna tagħhom, sbieħ kemm huma sbieħ, imma wisq aktar fl-istess għadamhom, li għadu jgħajjat ix-xhieda li taw. Jekk anki ta' Kristu u l-Madonna għandna statwi li bihom nifirħu u nħossuhom ibexxqu tieqa fuq ġmielhom fis-Sema, kemm jgħodd wisq aktar dan l-argument għar-relikwi tal-martri, li huma sinjal tanġibbli tal-preżenza tagħhom fostna!

Din hi l-ottika – li għaliha diġà konna tħejjejna spiritwalment matul ix-xhur ta' qabel – li biha l-komunità tagħna ħarset lejn iż-żjara għall-ewwel darba f'pajjiżna tar-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ mill-Isola di San Giorgio Maggiore f'Venezja, bejn l-14 u l-20 ta' Lulju. L-ewwel waqfa tar-Relikwa mal-wasla tagħha Malta t-Tnejn kienet sinifikattiva ħafna. Qabel rifset Ħal Qormi, il-belt Ġorġjana ta' Malta, għaddiet l-Imdina, fil-Palazz ta' l-Isqof, fejn tawha l-ewwel qima l-Isqfijiet Maltin, l-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca u l-Awżiljarju Mons. Charles J. Scicluna. Imbagħad għaddiet l-ewwel lejl fil-parroċċa l-antika tal-Belt Pinto, fejn, kif mistenni, ferħu tant biha l-aħwa Ġorġjani ta' Malta.

Stħajjilnieh lil San Ġorġ "għaddej hieni bħal anġlu fuq l-art" bid-driegħ tiegħu jagħmel il-ġid kull fejn iterraq… hekk hu qasam il-fliegu, bħal dak in-nhar, mija u ħamsa u sebgħin sena ilu, meta x-xbieha tiegħu ngħabet minn Bormla għal Għawdex, u għamel l-ewwel waqfa, l-istess bħal f'dak il-jum mistur imma hieni ta' l-1839, fir-raħal tax-Xewkija, l-ewwel parroċċa rurali ta' Għawdex maqtugħa mir-Rabat. Mija u ħamsa u sebgħin ilu l-poplu tax-Xewkija kien ħareġ jitgħaxxaq bl-ewwel statwa titulari ta' Għawdex għaddejja minn ħdejn tal-Ħniena u mill-pjazza tiegħu. Tant tbellah,

li twebbel li lil Azzopardi jikkummissjonalu x-xbieha titulari ta' San Ġwann tiegħu, kif fil-fatt seħħ, erba' snin wara. Issa għal darb'oħra, ir-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ tieqaf l-ewwel fil-knisja ta' San Bartilmew, fejn tinħareġ mill-kaxxa tagħha, u minn hemm tkompli l-vjaġġ tagħha f'idejn l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u Mons. Ġużeppi Gauci. Ma' diversi twieqi u bibien tad-djar twaħħlu xbihat ta' merħba lir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ.

Fir-Rotunda tax-Xewkija sar mument ta' talb, biex imbagħad beda l-vjaġġ lejn il-Belt Victoria. Hawn ir-Relikwa sabet tistennieha ġemgħa kbira ta' nies f'Salib it-Tiġrija, immexxija mill-Isqof Djoċesan, flimkien ma' l-Em.T. Gennadios Zervós, Arċisqof Metropolita Grieg Ortodoss ta' l-Italja u Malta, u l-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl f'Malta. Il-Banda Ċittadina *La Stella* akkumpanjat il-purċissjoni bil-marċi reliġjużi, li wassluha sa quddiem il-Bażilika, fejn saret ċerimonja ta' merħba, b'diskors mirqum u mheġġeġ mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Tul iċ-ċelebrazzjoni kollha l-Isqof Grech kien jidher viżibbilment imqanqal.

Il-Liturġija Ekumenika Solenni fil-Bażilika kienet xi ħaġa spettakulari u għal kollox 'il fuq min-normal. Jekk soltu nistagħġbu fuq kif tkun maħnuqa l-Bażilika tagħna fil-liturġiji festivi, hawn ikollna nużaw kliem li jgħaddi lil dak tas-soltu. Folol fuq folol ta' nies imlew kull rokna vojta tat-tempju Ġorġjan, u donnu xejn ma seta' jxebbagħhom... u la l-liturġija mirquma bis-sehem tat-tliet rappreżentanti tal-Knejjes Insara, u la l-kant sabiħ tal-Kor *Laudate Pueri*, u la l-interventi mill-isbaħ taċ-ċelebranti, u la l-qari u t-talb mislut mil-Liturġiji tal-Knejjes tal-Punent u tal-Lvant... Fl-aħħar bilkemm kont tintebaħ li għaddew għoddhom sagħtejn. Imbagħad xmajjar ta' nies biex ibusu r-Relikwa, imissu magħha l-oġġetti tagħhom, u jammirawha esposta fuq pedestall quddiem l-istatwa titulari. Ir-Relikwa ta' San Ġorġ tqiegħdet quddiem ix-xbieha tiegħu, bi driegħu miftuħ biex jilqa' għandu lil uliedu u jurihom is-Sema. Tassew, "il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila...".

Il-liturġija esprimiet ix-xewqa riċenti, u espressa kemm-il darba, tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku għal inizjattivi konkreti ekumeniċi. U t-talb flimkien, għad-dell smewwi ta' qaddis maħbub minn Kattoliċi, Ortodossi u Protestanti, kien l-aqwa mezz kif dan seta' jseħħ. Għall-okkażjoni l-Uffiċċju Parrokkjali tal-Bażilika ppubblika ktejjeb bil-kulur, b'katekeżi fuq ir-relikwa u tagħrif fuq l-istorja tagħha. Tqassmu wkoll eluf ta' santi tar-relikwa, bit-talba għall-interċessjoni ta' San Ġorġ. Anki minn dawn kellna nistampaw it-tieni darba. L-animatur tal-Velja kien Mons. Ġużeppi Gauci.

**Mill-Erbgħa 16 sal-Ġimgħa 18 ta' Lulju**

Ir-Relikwa, fit-tlitt ijiem tat-Tridu Solenni ta' San Ġorġ, ma baqgħetx magħluqa fil-Bażilika. Iż-żjara tagħha ntużat bħala okkażjoni mill-Parroċċa biex testendi b'mod fiżiku ċ-ċelebrazzjoni tal-festi fiz-zoni komunitarji tagħha: il-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Koventwali, dik tal-Patrijiet Agostinjani u l-oħra tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla, fejn sar Quddies fil-għodu fil-preżenza tar-Relikwa. F'dawn it-tliet nofs ta' nhari, ir-Relikwa ttieħdet ukoll għal żjajjar lill-morda u l-anzjani fi djarhom, kif ukoll fid-djar u l-kliniċi tar-reliġjużi f'beltna u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Tassew stajt tilmaħ b'għajnejk l-imħabba rżina ta' poplu lejn il-qaddis tiegħu, il-fidi mixgħula li ma tħallix ix-xettiċiżmu miskin, li jinħeba taħt il-qoxra qarrieqa tal-modern, ixejjen



it-twemmin tagħha li l-Mulej kapaċi jagħmel għeġubijiet kbar imqar bid-driegħ ta' qaddej umli tiegħu. Fil-veru sens tal-kelma, Ġorġi dar il-belt tiegħu, jiftaħ idejh fuq uliedu, u jxerred fuqhom barka u sliem.

F'kull ħin, mingħajr eċċezzjoni, ir-Relikwa kienet akkumpanjata miż-żewġ anzjani fost l-erba' monaċi Benedittini li ntbagħtu magħha – Padre Biagio Toffan, il-kuratur tagħha f'Venezja, u Padre Igino Splendore. Magħhom l-Abbati ta' Praglia u San Giorgio Maggiore bagħat ukoll lil Padre Cristiano Ballan u Padre Daniele Corso. Huma ferħu jaraw l-entużjażmu li bih intlaqgħet ir-relikwa għażiża, u ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha, inkluż it-Tridu Solenni fejn kienet esposta quddiem l-istatwa titulari fil-knisja.

Aspett ieħor uniku li ħa jibqa' jagħżel fl-istorja din il-Festa minn dawk tas-snin l-imgħoddija hu dak tat-tliet priedki tat-Tridu Solenni, mis-saċerdot żagħżugħ Dun Simon Mario Cachia, li kien fostna minn Ruma. Ma ngħidux li ma konniex qed nistennew Tridu mill-kbar, meta konna nafu li fil-predikatur jiltaqgħu l-aktar żewġ ingredjenti importanti: il-qalb tħabbat ta' Ġorġjan veru u l-għerf ta' saċerdot żagħżugħ imma mimli ħeġġa għall-Vanġelu. U ħalliena litteralment bi lsienna barra, nistennewh jitmagħna kelma isbaħ mill-oħra, nixtiequ nissaħħru farka oħra mill-benna tal-predikazzjoni tiegħu mżewqa bir-retorika espressiva, misjuqa minn eżortazzjonijiet imqanqla, misterjożament għanja b'kontenut li mill-ewwel jikkonvinċik li fih hemm l-id, il-qalb, il-moħħ u l-polz ta' Ġorġjan. Li kellna niġbru l-ismijiet sbieħ li bihom indirizza Dun Simon lil San Ġorġ, konna ngħaqqdu Litanija ġdida li tiżboq lil kull waħda oħra li qatt smajna sa issa.

Il-preżenza ta' l-Arċisqof Grieg Ortodoss ma kinitx l-unika waħda ta' prelat matul il-Festa ta' din is-sena. Il-funzjonijiet tat-Tridu Mqaddes tmexxew minn tliet isqfijiet: Mons. Emanuel Barbara OFMCAP, Isqof ta' Malindi u Amministratur Appostoliku ta' Mombasa fil-Kenja; Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta; u l-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku għal Malta.

**L-Erbgħa 16 ta' Lulju**

Ir-Relikwa sebħet fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fejn fis-7.30am ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Eġidju Mizzi OFMCONV, u mbagħad ir-Relikwa rħitilha lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn iddawret fil-*wards* u f'Dar *Sant'Anna*. Tistgħu tistħajlu l-ferħ ta' l-anzjani u l-morda meta ħassew lil San Ġorġ daqshekk qrib tagħhom!

**Il-Ħamis 17 ta' Lulju**
Wara l-Quddiesa tas-7.00am fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Relikwa ttieħdet fid-djar tal-morda f'Taċ-Ċawla, u fid-djar tar-reliġjużi fejn hemm l-anzjani: is-Sorijiet Dumnikani, Karmelitani u Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll f'Villa *San Lawrenz* fejn hemm rikoverat il-Kan. Franġisk M. Vella.

**Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju**
L-aħħar jum tat-Tridu, wara li r-Relikwa żaret il-knisja ta' Santu Wistin u hemm ġiet iċċelebrata l-Quddiesa tas-7.30am, ittieħdet f'għadd ta' djar privati tal-morda u l-anzjani fil-Belt Victoria, u sa tniżżlet anki f'dar privata f'Marsalforn.







**Is-Sibt 19 ta' Lulju**
Il-Pontifikal tat-*Te Deum* tmexxa mill-E.T. Mons. Tadeusz Kondrusiewicz, Arċisqof ta' Minsk u Mahilyow fil-Belorussja. F'kollaborazzjoni mal-Bażilika ta' San Ġorġ, dak in-nhar ukoll reġa' nħareġ timbru ieħor speċjali Ġorġjan, din id-darba biex ifakkar iż-żjara tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ minn Venezja għall-anniversarju ta' l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Flimkien mat-timbru maħruġ mill-Posta Maltija, l-Uffiċċju Parrokkjali ħa ħsieb li jistampa wkoll kartolina kommemorattiva, kif ukoll żewġ tipi ta' bolli personalizzati bil-kulur, iddisinjati mill-fotografu professjonali Daniel Cilia.

Imbagħad fil-għaxija l-Isqof Djoċesan mexxa t-Translazzjoni Pontifikali bir-Relikwa tad-Driegħ. Il-President il-ġdid ta' Malta, l-E.T. Marie-Louise Coleiro, mexxiet l-assemblea liturġika fl-Ewwel Għasar Pontifikali.

**Il-Ħadd 20 ta' Lulju**
Il-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa Titulari tmexxa mill-Isqof Djoċesan, li niseġ ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni. Il-Parroċċa f'dan il-mument riedet taħseb fid-Djoċesi ta' Għawdex u fil-mija u ħamsin anniversarju tagħha tirregalalha l-ġabra ta' dan il-Pontifikal b'riżq is-Seminarju Maġġuri tagħha, li hu l-qalb tal-Knisja lokali.

Fil-għaxija, Mons. Salvatore Di Cristina, Arċisqof Emeritu ta' Monreale fi Sqallija, li fil-għodu kkonċelebra ma' l-Isqof Djoċesan, mexxa t-Tieni Għasar Solenni u anki l-Purċissjoni Pontifikali.

L-aħħar mument qawwi fil-Festa Titulari ta' din is-sena kien bla dubju ta' xejn il-Purċissjoni tal-Ħadd 20 ta' Lulju. Kif kien mistenni, f'din il-Purċissjoni spikkat ukoll ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ Imqaddes ta' San Ġorġ, li nġarret fuq pedestall minn erba' reffiegħa. Il-purċissjoni hi l-mument li fih il-qaddis, irrappreżentat fix-xbieha tiegħu imma preżenti wkoll fir-relikwa mqaddsa ta' l-għadam tiegħu, joħroġ iżur il-belt, billi simbolikament jgħaddi mit-toroq ewlenin tagħha. Nafu li l-Purċissjoni ta' San Ġorġ hi l-eqdem purċissjoni bi statwa titulari li għandna f'Għawdex, u meta din inġabet mija u ħamsa u sebgħin sena ilu, introduċiet l-idea li fil-purċissjonijiet titulari tagħna tinġarr l-istatwa patrunali.

Aħna u nitgħaxxqu b'San Ġorġ jixref fuq l-għatba tal-bieb tat-tempju grandjuż tiegħu, b'ħarstu mitfugħa lejn is-Sema imma riġlejh imiddu l-passi tagħhom fit-tokk u l-pjazez tagħna, ħsiebna minnufih tar mill-ġdid lejn l-iskop kollu ta' dawn il-festi speċjali. San Ġorġ ta' Azzopardi sar biex ikun statwa proċessjonali, xbieha li tintrefa' fl-għoli fuq l-ispallejn u tiddawwar mat-toroq waqt il-purċissjoni titulari. Hu hawn li San Ġorġ ikun fl-aqwa tiegħu, maż-







żifna ħelwa fuq l-ispallejn godlija tar-reffiegħa, ħiereġ rebbieħ biex jirbaħ, idur maestuż u eleganti waqt li jiġbed lejh l-għira ta' kulħadd, imma fuq kollox, ibierek lil niesu li tant iħobbuh. San Ġorġ ilu mija u ħamsa u sebgħin sena joħroġ kull sena jdur mat-toroq ta' beltna, jagħmel dan kollu, sew jekk f'April, sew jekk f'Mejju, u sew jekk f'Lulju kif ilu fl-aħħar sittin sena u fuqhom.

Għalhekk ma setax jonqos li din il-purċissjoni, f'dan il-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju, tkun immarkata minn mumenti speċjali li jagħmluha iktar memorabbli. L-ewwel minn dawn kienet it-tislima sabiħa li tawh bil-kant l-ilħna ċkejknin tal-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà *Piccole Stelle,* taħt id-direzzjoni ta' Mariella Spiteri Cefai, fi Pjazza Savina. Hemmx xi ħadd aktar mit-tfal li jħobb b'innoċenza u mħabba pura lil Ġorġi, il-qaddis dejjem żagħżugħ, il-qalbien li fil-fjur ta' ħajtu, bħal warda safja maħsuda mill-ġnien, twaħħad għal kollox mal-Ħallieq u Feddej tiegħu! Għalhekk ħarstu tibqa' tiġbed kbar u żgħar b'attrazzjoni li l-kliem, jipprova kemm jipprova, ma jasalx ilissen il-ħsus tagħha. L-istess kor ta' tfal żgħar, il-Ġimgħa tad-Dimostrazzjoni flimkien mal-Banda Ċittadina *La Stella* kien sellem fi Pjazza San Ġorġ lill-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ tal-Cremona bl-innu *Su Garzoni*, miktub propju għal ilħna ċkejkna mill-Monsinjur Tal-Vers. Kienet inizjattiva sabiħa tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* li mis-sena l-oħra reġgħet qajmet dan l-innu ċelebri, l-eqdem *Innu l-Kbir* ta' Għawdex, mill-qabar.

Waqfa oħra sabiħa kienet fi Strada Palma, quddiem is-Sorijiet ta' l-Istilla, kif nafuhom aħna lill-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fejn din id-darba San Ġorġ ġie milqugħ minn talba ħerqana li għamlet lill-poplu Mons. Ġużeppi Gauci, li ma naqasx li jsemmi wkoll lill-Venerabbli Madre Margerita tal-Qalb ta' Gesù, għarusa oħra ta' l-Imħabba, kif kien Ġorġi, il-Kavallier ta' l-Għarusa ta' Kristu li xxierek għal kollox fil-Misteru ta' l-Għid tas-Sinjur tagħna. X'ġieħ u unur għall-poplu tagħna li jkollu lil San Ġorġ bħala Protettur ewlieni, mudell ukoll għall-persuni ta' ħajja kkonsagrata, għax għalkemm la miżżewweġ u lanqas reliġjuż, hu kkonsagra ħajtu lill-Mulej!

Folol kbar ta' nies – li ġew apposta Għawdex u r-Rabat għall-Festa – imlew minn kull fejn għadda San Ġorġ, ħafna minnhom jakkumpanjawh għal darba, tnejn, tlieta, donnhom ma jridux jitilqu waħdu hu u miexi b'pass ta' kiesaħ – kif inħobbu ngħidu! – fit-toroq tal-belt il-qadima li tqimu b'missierha. Hekk x'ħin tfaċċa fit-triq ewlenija, it-Tiġrija, sab tilqgħu massa kbira ta' Maltin u Għawdxin, u t-triq kollha sa Pjazza San Ġorġ, ridt tissara biex tgħaddi minn ġo nofsha. X'ħin wasal quddiem is-Sede tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, id-dekana tal-gżira, li lilu taf l-eżistenza tagħha u r-raġuni tas-sopravvivenza, ix-xbieha tiegħu ġiet imdawra għal ftit waqtiet lejn il-faċċata artistika tal-Każin *La Stella*, bħal tifkira ta' dik il-ħalfa solenni li għamlet li tibqa' għal dejjem tħares imħabbtu u tfittex dak li hu tiegħu qabel li hu tagħha.

Hekk ġie akkumpanjat il-Patrun lura fit-tempju glorjuż tiegħu, mnejn b'qalb ta' missier u ħarsa ta' omm jindokra lill-poplu Għawdxi, speċjalment f'dan il-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi, id-Djoċesi tiegħu wkoll, għax bħal wasal qabilha jħejjilha t-triq, u ġrajjietu u dik tal-Knisja lokali sal-lum baqgħu jintisġu flimkien hekk li l-ebda editt ma jista' jħollhom. Dak li Alla għaqqad, ma jistax jifirdu l-bniedem!

Il-festi ta' Lulju ntemmu b'sensiela ta' ringrazzjamenti min-naħa ta' l-Arċipriet, imma wkoll b'radd ta' ħajr, f'isem il-komunità parrokkjali kollha, lilu li, imxierek minn għadd ta' kollaboraturi li l-Knisja u San Ġorġ huma l-ewwel interess tagħhom, tant ħabrek biex jara dawn il-festi jirnexxu. Anki dan ġest sabiħ ferm li ġie apprezzat u kien xhieda oħra ta' l-ispirtu komunitarju li seta' jinħass matul dawn ix-xhur, anki jekk ma naqsux l-isfidi li bl-għajnuna ta' Alla kollha ntrebħu.

Ir-Relikwa ttieħdet lura Venezja t-Tnejn stess, u magħha l-Patrijiet Benedittini ħadu ħafna tifkiriet sbieħ ta' akkoljenza u mħabba Ġorġjana.

**It-Tlieta 22 ta' Lulju**

Il-Festa dehret fuq il-programm televiżiv *Minn Festa għal Oħra* fuq *NET TV*. Programmi oħrajn li fihom dehru dawn il-Festi speċjali kienu *Mill-Imħażen tal-Festi* u *Għawdex illum* fuq *TVM*. Tifkira oħra speċjali kienet l-edizzjoni limitata ta' ħamsin platt taċ-ċeramika – iffirmati u nnumerati – b'pittura ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, maħduma bl-idejn miċ-ċeramista Taljan Nino Cascio. Mhux ta' min jinsa lanqas ir-ritratt bellezza li tqassam bieb bieb mal-Ġabra tal-Festa! Sabiħ ukoll is-sett ta' żewġ DVDs kommemorattivi tal-Festi Speċjali ta' April-Mejju.










## Il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru

Meta kulħadd ħaseb li kien spiċċa kollox u ħafna kienu mifnijin mill-festi kbar, l-ewwel f'Mejju u mbagħad f'Lulju, il-Parroċċa ħarġet tħabbar li għal Novembru kienu mħejjija ċelebrazzjonijiet oħrajn dinjitużi li bihom kellha tagħlaq il-Festa Anniversarja.

Lejlet is-solennità tal-Qaddisin kollha, inżammet fil-Bażilika Velja Solenni tal-Qaddisin Kollha bit-tema "Intom poplu qaddis", immexxija mill-Isqof Djoċesan. Il-ħsieb kien li ċ-ċelebrazzjoni, fis-7.30pm, tibda b'purċissjoni bil-kant tal-Litanija tal-Qaddisin minn Fuq it-Tomba, imma minħabba l-maltemp din saret fil-Bażilika stess, li għall-ewwel inżammet mitfija u n-nies ingħatat xemgħa mixgħula f'idejha. Il-liturġija sabiħa bit-talba ta' l-Għasar kienet animata mill-Kor *Laudate Pueri*. Bħala tifkira tqassmet santa sabiħa ta' San Ġorġ lil dawk kollha li attendew.

L-ispeċjalità ta' dawn il-festi ta' l-għeluq, biex ngħidu hekk, kienet il-'wirja' prestiġjuża miftuħa fil-Bażilika fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru, li ġabret għall-ewwel darba taħt l-istess saqaf erba' xogħlijiet ta' Pietru Pawl Azzopardi, l-iskultur ta' San Ġorġ. Taħt in-navi ewlenin tal-korsija kienu esposti għall-qima l-Kurċifiss ta' l-istess Bażilika; is-Sejba tas-Salib Imqaddes tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria; u l-Madonna taċ-Ċintura tal-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta. Imma l-kuruna ta' dawn kollha kienet, bla dubju, ix-xbieha titulari ta' San Ġorġ, li għal din l-okkażjoni memorabbli tqiegħdet fil-Kor tal-Bażilika, wara l-Altar Maġġur u t-Tribuna, fejn inżammet għal ġimgħa. Dehra tassew ta' l-għaġeb u tgħaxxqek!



## Is-Sibt 1 ta' Novembru

Fil-Bażilika, fis-7.30pm, inżammet it-tieni Akkademja Mużiko-Letterarja ta' dawn il-festi, taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u l-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Barra l-mużika sagra interpretata mill-Kor tal-Bażilika, il-wiri tal-*feature*





awdjoviżiv tas-*Citadel Video Communications* imħejji minn Joe Camilleri, il-qari tal-poeżija *Splenduri* ta' Ġorġ Pisani, u l-messaġġi ta' l-Arċipriet Cardona u l-Isqof Grech, id-diskors prinċipali ngħata minn Dr Joe Zammit Ciantar dwar il-ktieb ġdid ta' 130 paġna li l-Bażilika kienet qiegħda tniedi f'din l-okkażjoni: *San Ġorġ: L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex*, editjat minn Francesco Pio Attard, u b'saġġi ta' Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, Rev. Dr Richard N. Farrugia, Dr Eugene F. Montanaro, Dr Paul G. Pisani, Paul Cassar u Godwin Vella, flimkien ma' ritratti qodma f'kull paġna. Il-ktieb inbiegħ kważi kollu u kien tabilħaqq tifkira denja, imħejjija mill-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika, għal dawn il-festi. Wieħed jittama li fetaħ ukoll it-triq għal iktar riċerka fil-fond fuq l-istatwa li tista' tixħet dawl iktar ċar fuq l-oriġni tagħha.

Dritt wara l-Akkademja, l-Isqof u l-Ministru fetħu l-Wirja interattiva *San Ġorġ: 175 Sena Fostna* b'diversi pannelli interessanti wieqfa fi Pjazza San Ġorġ dwar l-istorja u t-tifsira ta' l-istatwa, ħaġa innovattiva f'Għawdex. Din il-Wirja baqgħet miftuħa tul kważi Novembru kollu. Imbagħad, fid-Dar *Leħen il-Belt Victoria* nfetħet it-tieni edizzjoni tal-Wirja *Beatus Georgius* imħejjija mill-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri*.

**Il-Ħadd 9 ta' Novembru**

Fil-Lukanda *Calypso*, Marsalforn, inżamm Pranzu Festiv ta' għeluq dawn iċ-ċelebrazzjonijiet anniversarji, taħt il-patroċinju ta' l-Isqof Grech. B'hekk intemmu uffiċjalment il-festi anniversarji tal-mija u ħamsa u sebgħin sena ta' l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex.

**It-Tlieta 23 ta' Diċembru**

L-eku tal-Festi baqa' jinħass sa Diċembru u iżjed. L-aħħar tifkira ħelwa ssarrfet fi ktejjeb ta' sitta u tletin faċċata, miktub minn Francesco Pio Attard u b'disinni kollha tal-kulur ta' Cynthia Saliba, li jirrakkonta lit-tfal l-istorja ta' l-istatwa ta' San Ġorġ. Dan tqassam fl-aħħar jum tan-Novena tal-Milied lit-tfal kollha li attendew.

**Jannar 2015**

Il-Kalendarju maħruġ mill-Bażilika għall-2015 nistgħu nsejħulu album ta' ritratti tal-Festa Anniversarja. Sa jibqa' tifkira oħra sabiħa u mlewna tal-ġrajjiet li żgur ma ninsew qatt.

**Għeluq**

Jien u nagħlaq dan ir-rakkont tiegħi, nixtieq ninqeda bir-ritratt sublimi tal-fotografu professjonali Leo Mario Haber li għażilna bi skop għall-qoxra ta' din il-ħarġa biex, fl-interpretazzjoni li nagħtih u fil-qari tiegħu li nħallikom tagħmlu, nixtarru flimkien il-ġmiel li kien, għadu u jibqa' San Ġorġ għalina. Ħarsu miegħi lejn għajnejn it-tfajjel ċkejken f'idejn missieru u dawk tat-tifla żgħira tiġġebbed biex tisraq ħarsa tajba tar-Relikwa iktar mill-qrib u tixħet bewsa lil San Ġorġ. Hu ħars li jfisser, b'mod li l-kliem ma jista' qatt jagħmel, l-imħabba Ġorġjana li, nissogra ngħid, f'dan it-tempju biss issibha! Il-ġenerazzjonijiet kollha Ġorġjani donnhom miġbura hawn f'dan ir-ritratt, madwar saċerdot żagħżugħ li bi kliem għaref tad-deheb niseġ mużajk ta' ġieħ lill-Patrun ta' gżiritna. Ħarsithom kollha hi ffissata fuq dik l-istess Imħabba: Ġorġi tagħna! Hu jidher preżenti fid-Driegħ imqaddes li bil-fdalijiet tiegħu stagħniet beltna f'Lulju li għadda, imma mill-isfond tgħajjat għal darb'oħra u b'qawwa kbira x-xbieha smewwija tiegħu, li sebbħet lil din gżiritna għall-medda ta' dawn l-aħħar mija u ħamsa u sebgħin sena, grazzjuża u ħelwa, tgħammex minn taħt il-mant ħamrani li ħejjejna għaliha, simbolu ta' dik il-qalb li għandna tħeġġeġ bl-imħabba għal Ġorġi. Kull għajn għandha l-ħila taqra storja differenti f'dan ir-ritratt, waħda li tmiss lil qalbha, għax għal kull qalb Ġorġi għandu kelma, personali, ta' mħabba... Nistedinkom tieqfu togħxew ftit b'dan ir-ritratt, b'San Ġorġ tagħna, u tħalluh ikellimkom, l-istess kif qatt ma heda jkellimna tul iktar minn mija u ħamsa u sebgħin sena ta' storja li biħom sebbaħ lil din il-gżira, lil din il-belt tiegħu, lilna wliedu Ġorġjani.

Ritratt fil-qoxra ta' din il-ħarġa:
*"Bewsa lid-Driegħ" - Ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ mbewsa lill-poplu, it-Tlieta 15 ta' Lulju 2014, wara l-Velja Ekumenika Solenni tal-Wasla tagħha fil-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria.*
*Fotografija ta' Leo Mario Haber.*



# Il-Festi li saru: Ċelebrazzjoni Nisranija

Rev. Dr Richard Nazzareno Farrugia

### Il-kwalità tal-festa Nisranija

In-Nisrani huwa l-bniedem li mdawwal mill-fidi, meħlus mid-dlamijiet u d-dell tal-mewt bis-saħħa tal-fidwa miġjuba minn Kristu, fi triqtu lejn is-Sema pajjiżu, jgħix ħajtu bħala *festa* li fiha jiċċelebra lil Alla s-Salvatur tiegħu. Din il-*festa* tingħax qalb it-taqbida li d-dixxiplu ta' Kristu jrid jagħmel kontra t-tnassis tal-Ħażin li jobgħod il-festa tal-fidwa. Għaldaqstant, dik tad-dixxiplu hija *festa* li tgħannaq is-Salib li hu s-sinjal tar-rebħa fuq id-dwejjaq ta' l-Għadu. B'hekk, il-*festa* li jiċċelebra fuq din l-art qalb it-taħbit tal-ħajja u t-tiġdid kontinwu ta' l-imħabba tiegħu lejn Kristu permezz tal-mixja ta' konverżjoni u ta' ndiema għal dnubietu, fl-azzjoni liturġika tal-Knisja ssir diġà parti mil-Liturġija tas-Sema, "fejn iċ-ċelebrazzjoni hi kollha għaqda u festa".[1] Hu għalhekk sewwa u xieraq li d-dixxiplu flimkien mal-ħlejjaq kollha mġedda fi Kristu, jgħanni lil Alla tiegħu sakemm idum ħaj (ara Salm 104:33) u jdakkar bil-ferħ tal-Vanġelu lil dawk li jiltaqa' magħhom fi triqtu lejn is-Sema.

Dan hu l-isfond li għandu jkollha kull ċelebrazzjoni Nisranija li tkun tali kemm-il darba għandha bħala *kawża* tagħha l-ferħ sħiħ li l-Imgħallem Irxoxt jagħti bħala don lid-dixxipli tiegħu (ara Ġw 16:22). Huwa Kristu li jagħmel mid-dixxipli tiegħu ħaġa waħda bejniethom hekk li jwieżnu wieħed lill-ieħor u bl-eżempju tagħhom jagħnu lil xulxin sabiex joffru lil Alla s-sagrifiċċju ta' radd il-ħajr ta' l-istess Ibnu l-Waħdieni. Dan jidher b'mod ċar meta d-dixxiplu jiċċelebra t-tifkira tal-martri u l-qaddisin, il-*ħbieb ta' Kristu*, li b'ħajjithom tilma s-sbuħija tal-fidwa u bl-eżempju tagħhom iqawwu qalb ħuthom li għadhom fil-vjaġġ sabiex ma jaqtgħux qalbhom u jħallu lil Kristu







jissawwar fihom. F'dawk maqtula minħabba fil-Kelma (ara Apok 6:9-11) u "li batew ma' Kristu u ġew igglorifikati flimkien miegħu", il-Knisja "ixxandar il-misteru ta' l-Għid" u "turihom lill-Insara bħala eżempji li jiġbduhom ilkoll lejn il-Missier permezz ta' Ġesù Kristu, u titlob f'ġieħ il-merti tagħhom kull ġid minn għand Alla".[2]

### Il-ġid li jibqa' minn dawn il-festi

Il-festi speċjali li saru fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ Megalomartri għandhom jiġu mgħarbla fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni Nisranija. Dan għaliex hu f'dan il-kuntest li wieħed jista' jagħmel tentattiv biex jara kemm dawn il-festi speċjali kienu sinifikattivi fil-ħajja tal-parroċċa. Fuq livell estern, "tal-qoxra", kull min ħa sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet marbuta ma' dan l-anniversarju jħares lejhom bħala mumenti *speċjali* li jsibu posthom fl-istorja flimkien ma' festi speċjali li l-Parroċċa organizzat fl-imgħoddi f'rabta ma' ċentinarji, anniversarji, u ġrajjiet partikulari. Iżda dak li jgħodd *għal dejjem* fis-sens ta' eternità bħala ġid li ma jispiċċa qatt, jeħtieġ li naqrawh b'mod aktar profond minn dak li jidher bl-għajnejn tal-ġisem. Il-frott u l-ġid spiritwali li ħareġ minn dawn il-festi jafu biss Alla li jaqra u jgħarbel il-qlub, u forsi wkoll dawk ħutna li megħjuna minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet imxew 'il quddiem fit-triq tal-konverżjoni tagħhom u resqu aktar qrib Alla fuq l-eżempju tal-Martri ta' Lidda. Biss fl-istess ħin nistgħu naraw x'kienu l-*istrumenti* li permezz tagħhom dawn il-festi għenu lill-parruċċani u lid-devoti ta' San Ġorġ biex minn ċelebrazzjoni ta' skultura, kapulavur ta' Pietru Pawl Azzopardi, jgħaddu biex jiċċelebraw b'mod aktar sħiħ billi jnaddfu qalbhom mill-ħmira l-qadima (ara 1 Kor 5:8) u jħallu lil Kristu jnaġġarhom ħalli tiddi dejjem aktar fihom ix-xbieha ta' Dak li ħalaqhom u fdiehom u hekk iħallu lill-Ispirtu "jaħdimhom" f'kapulavur tal-grazzja.

### Tiġdid tal-ħajja parrokkjali

Qabel xejn, dawn il-festi ġew maħsuba biex ikunu *mument qawwi* li jsaħħaħ il-mixja u l-ħajja spiritwali tal-parroċċa. Iċ-ċelebrazzjonijiet li saru kważi fuq medda ta' sena, kienu mifhuma bħala *tiġdid* tal-ħajja pastorali fil-kuntest tal-*konverżjoni pastorali* li għaliha l-Papa Franġisku qiegħed jistieden lill-Knisja kollha, u anki fid-dawl tal-Viżta Pastorali li hi ppjanata li Monsinjur Isqof jagħmel fil-futur qarib fil-komunità parrokkjali Ġorġjana.

**Tħejjija għall-festi**

Biex dawn il-festi jkunu megħjuxa bil-profondità li tagħtihom sens u ġustifikazzjoni Nisranija, l-ewwel xhur tas-sena 2014 kienu maħsuba biex jagħtu tħejjija spiritwali għal dawn il-festi. *Is-Siegħa tal-Martri* offriet tliet mumenti fejn il-Parroċċa ngħaqdet biex tisma' l-Kelma ta' Alla, "taqra" l-istatwa titulari bħala *katekeżi* ta' l-identità tad-dixxiplu ta' Kristu, u tirrifletti fuq il-virtujiet teologali tal-fidi, it-tama, u l-imħabba, tagħmel esperjenza taċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat u tgħaddi ftit waqtiet quddiem il-preżenza ta' Ġesù Sagramentat. Din is-sittin minuta ta' ċelebrazzjoni differenti minn dawk tas-soltu kellha l-għan li ddaħħal lil min jieħu sehem fiha fis-*"siegħa"* ta' Ġesù li offra ruħu għalina biex hekk jisma' s-sejħa li toħroġ mill-Magħmudija biex hu wkoll jibni ħajtu fuq din is-*"siegħa"* ta' l-Imgħallem u jagħti ħajtu b'offerta lil Alla u lill-oħrajn fuq l-eżempju tal-Martri li wkoll offra ħajtu lil Alla.

**Id-dimensjoni spiritwali**

Iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fix-xhur ta' wara bejn April u Novembru kienu ta' bosta xorta. Kien hemm ċelebrazzjonijiet ta' *natura spiritwali*, partikularment il-tliet Velji solenni li saru: dik ta' April fi Pjazza Indipendenza, dik Ekumenika ta' Lulju fil-wasla tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ, u dik li saret f'Novembru fil-festa tal-Qaddisin kollha u f'għeluq dawn il-festi speċjali. Il-Velja tfakkar fis-*sahra* li n-Nisrani għandu jgħix biex jishar fuqu nnifsu u jistenna lill-Għarus ta' l-umanità, Ġesù Kristu. Quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ, u b'mod partikulari fil-preżenza ta' fdal tiegħu, il-miġegħma setgħet tirrifletti fuq is-sejħa ta' kull Nisrani għall-qdusija biex isir jixbah lil Kristu bħalma jixbhuh il-qaddisin u l-martri tiegħu. Fuq livell komunitarju, il-preżenza ta' prelati ta' komunitajiet Insara oħra kienet espressjoni ta' l-impenn ekumeniku sabiex l-imgħammdin isiru dejjem aktar ħaġa waħda fi Kristu u hekk jagħtu xhieda ta' l-imħabba tiegħu għall-bnedmin.

**Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-katekeżi**

F'dawn il-mumenti ċelebrattivi ngħata post importanti lis-*smigħ tal-Kelma ta' Alla* u lill-*katekeżi*. Fid-dawl tal-Kelma, l-istatwa saret "ikona" li tgħallem lil dawk li jarawha dwar is-sbuħija vera tal-qdusija. Il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ, in-Novena b'attenzjoni speċjali għat-tfal, u l-priedki tat-Tridu kienu kollha mumenti qawwija ta' formazzjoni Nisranija. Bl-istess għan, il-pubblikazzjoni ta' sussidju ta' l-eżortazzjoni tal-Papa *Il-Ferħ tal-Vanġelu* għal matul il-jiem tar-Randan, tal-ktieb *San Ġorġ. L-ewwel statwa titulari ta' Għawdex*, u ta' ktieb ta' tpinġija għat-tfal ġiet imħejjija biex ikunu għodda mhux biss ta' informazzjoni imma ta' formazzjoni.





**Id-djalogu bejn fidi u kultura**

Marbut ma' dan l-aspett, il-festi servew biex l-istatwa li tgħaqqad flimkien *il-fidi u l-arti* isservi bħala okkażjoni ta' skambju bejn *fidi* u *kultura*. Fuq livell akkademiku dan l-iskambju seħħ fil-Konferenza li saret f'April fuq il-*Ġmiel tal-Fidi* fejn dawk preżenti setgħu jirriflettu aktar fuq l-isfidi li l-Knisja għandha l-lum biex tagħti xhieda u twassal is-Sbuħija li qatt ma tidbiel lill-bniedem kontemporanju. Fuq livell kulturali, l-akkademji mużiko-letterarji u l-wirjiet kemm fil-Bażilika u kemm fil-Pjazza kellhom l-għan li joħolqu "btieħi tal-Ġentili" ċkejknin fejn is-sbuħija artistika ssir mezz biex jixxandar il-ġmiel tal-Vanġelu.

**Għodda f'idejn l-Iskultur Divin**

Huwa diffiċli li wieħed jipprova jiġbor fi ftit kliem il-mumenti kollha ta' dawn il-festi speċjali. Li wieħed jista' jgħid hu li sar ħafna u ngħataw bosta opportunitajiet biex dan l-anniversarju jkun okkażjoni għall-Parroċċa ħalli tiġġedded biex, bħalma jistqarr il-Papa Franġisku, tkun "l-imkien fejn tinstema' l-Kelma, fejn tikber il-ħajja Nisranija, fejn isiru d-djalogu, it-tħabbira, l-imħabba ġeneruża, l-adorazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni".[3]

Filwaqt li f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-element uman fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi, wieħed jara li dejjem hemm lok għal titjib, hemm għalfejn irroddu ħajr lill-Mulej bl-interċessjoni ta' San Ġorġ għall-ġid spiritwali li għogbu jsawwab fuq il-Parroċċa matul dawn il-festi speċjali, filwaqt li nilqgħu l-impenn sabiex inkomplu nikbru fil-fidi tagħna u hekk nagħtu xhieda tal-Vanġelu kull fejn inkunu. Fi kliem ieħor, nistgħu ngħidu li dawn il-festi offrew l-*għodda* sabiex l-Iskultur Divin ikun jista' jagħmel minna *xbieha tal-Ġmiel tiegħu*, kif sawwar lill-"Kampjun tal-Qaddisin".

**Riferenzi**

[1] *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (edizzjoni Maltija 1993), 1136.
[2] Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium*, 104.
[3] Franġisku, *Il-ferħ tal-Vanġelu [Evangelii Gaudium]* (24 ta' Novembru 2013), 28.

# Diskors fl-Akkademja Mużiko-Letterarja fil-175 Anniversarju ta' l-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

Is-Sibt 1 ta' Novembru 2014

Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

## MIXJA TA' ĊELEBRAZZJONI



Eċċellenza Reverendissma, Onorevoli Ministru għal Għawdex, Mistiedna Distinti, Ħuti fis-saċerdozju, Għeżież mistiedna,

Kull mixja fiha l-bidu tagħha u t-tmiem tagħha. Jista' jkollok bidu li jaqtagħlek qalbek għax ma tafx fejn se tasal. Jista' min-naħa l-oħra jinkuraġġik biex tieħu l-inizjattiva.

Anki l-ħajja hija mixja twila li fiha wieħed jiltaqa' ma' tlugħ u nżul, mal-ferħ u man-niket. Hija esperjenza f'kull mument, għax l-ebda mument ma hu bħall-ieħor u l-ebda ġrajja ma hi bħall-oħra. Hekk l-istess varjetà tagħtik enerġija għal bidu ġdid.

Qiegħed ngħid dan għax aħna wkoll bħala komunità parrokkjali għamilna mixja flimkien, minn dak in-nhar li jien ħabbart din is-Sena Anniversarja fi tmiem il-Festa ta' l-2013. Kienet esperjenza mimlija ħajja u li ħalliet sodisfazzjon fil-qalb ta' kulħadd.

Il-lum qegħdin hawn biex niċċelebraw it-tmiem ta' din il-mixja, imma jekk inħarsu lura, ma kellniex biss tlajja' li qatgħulna qalbna. Imma kien hemm fuq kollox ħidma flimkien li kienet dejjem tnissel kuraġġ f'dawk li kienu involuti fl-organizzazzjoni, u bl-għajnuna ta' Alla u għax San Ġorġ ried dawn il-festi, issuperajna kull diffikutà.

Il-lum inħarsu lura lejn dak li għaddejna minnu u ngħidu li għandna għax irroddu ħajr lil Alla talli kull inizjattiva li kellna kienet tassew ta' sodisfazzjon u parterċipata.

Kien hemm okkażjonijiet li fihom ***tlabna flimkien***:

- hawn niftakar fit-tliet ċelebrazzjonijiet ta' *Is-Siegħa tal-Martri*;
- il-Velja Solenni (u straordinarja) tal-Martirju fi Pjazza Indipendenza;
- it-tħejjija kateketika bil-*Ħamisijiet* u n-*Novena*;
- il-*Velji ta' talb maż-żgħażagħ* u tfal tagħna;
- il-*Velja Ekumenika* Solenni;
- il-*Velja tal-Qaddisin Kollha* li ċċelebrajna l-bieraħ.

Mumenti li fihom ***fraħna flimkien***:

- meta fil-Pontifikal ta' l-Ewwel tas-Sena *l-Isqof tagħna Mario tana l-aħbar* taż-Żjara tar-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ fostna;
- il-*Purċissjoni straordinarja* bl-istatwa l-Ħadd fil-għodu, f'Mejju;
- il-*Wasla tar-Relikwa* u l-merħba li tajnieha f'Misraħ San Ġorġ;
- il-preżenza ta' *bosta prelati* għall-Festa ta' Lulju.

Mumenti li fihom ***ħdimna flimkien***:

- biżżejjed insemmi *l-Kalendarju 2014 tal-Parroċċa* – edizzjoni speċjali kollha b'ritratti ta' l-istatwa mill-passat;
- il-*Logo* uffiċjali (sinifikattiv ħafna) tal-Festi;
- it-*Timbri u Bolli* Speċjali f'April u f'Lulju;
- il-*Konferenza* dwar il-Ġmiel tal-Fidi;
- l-*Akkademji Mużiko-Letterarji* f'April u l-lejla;
- il-*Ktieb* li ser jiġi ppreżentat il-lejla: *San Ġorġ: l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex*;
- il-*Wirja* li ser tinfetaħ il-lejla: *San Ġorġ: 175 sena fostna.*

Kien hemm *inizjattivi* li tant laqtu s-sentimenti ta' dawk preżenti ***li se jibqgħu fil-qalb*** ta' kull min ħa sehem:

- biżżejjed infakkar *iż-żjajjar tar-Relikwa* insinji tad-Driegħ tal-Patrun San Ġorġ fid-djar tal-morda u l-anzjani, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-*Homes*, u l-preżenza tal-Patrijiet Benedittini.

Kien hemm ukoll *inizjattivi* li wara li jgħaddu ċ-ċelebrazzonijiet kollha ***se jibqgħu ħajja*** fi ħdan il-komunità, fosthom:

- il-*ġemellaġġ fratern* li nħoloq bejn il-parroċċa tagħna u dik ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi;
- is-*sussidju tal-Ferħ tal-Vanġelu* bil-Malti li akkumpanja lil kull membru tal-komunità parrokkjali matul ir-Randan Imqaddes;
- il-*Kelma ta' Alla* li bdiet tigi milqugħa fid-djar matul ir-Randan, u erġajna bdejna mill-ġdid mix-xahar ta' Settembru nduru fid-djar inxandru u nispjegaw il-Kelma;
- il-*formazzjoni* Ġorġjana u fuq kollox Nisranija li dawn il-festi tawna l-okkażjoni nwettqu.

Il-lum, miġburin għal dan l-għeluq ta' din il-mixja, l-istess armonija tal-mużika tesprimi l-armonija tal-komunità tagħna li għamlet mixja u li qiegħda f'mixja, u dan fid-dawl ukoll tal-Viżta Pastorali li ser ikollna fil-parroċċa.

Għalhekk, dawn l-esperjenzi sbieħ li kellna jridu jagħtuna enerġija biex bħala komunità parrokkjali nkomplu







għażiż Ġorġi, x'inhu Għawdex mingħajrek?

kapolavur ta' ħila u qawwa







wiċċek ħafn'oħla minn warda fir-rebbiegħa

jum is-Sid ta' dil-Belt ir-Rebbieħa, jum ta' min jieħu ħsieb ta' dan ġensna









ġmiel li jissupera l-ispazju u ż-żmien, ġmiel li jkabbar u jgħolli lid-Djoċesi tagħna





jum sabiħ li jdewwaqlek kull benna



ġmiel li jgħannaq lill-parroċċi kollha



stilla setgħana li tiddi fid-dlam, ħuġġieġa taqbad fil-ksieħ ta' bil-lejl







Is-siltiet f'dawn il-paġni huma meħuda mit-Tridu ta' Dun Simon M. Cachia, Lulju 2014.

l-mixja ta' poplu li dejjem qed ifittex li jersaq lejn Alla u jgħix fl-imħabba tiegħu fuq l-eżempju li jagħtina l-Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

Propju l-lum il-Knisja qed tiċċelebra *s-Solennità tal-Qaddisin Kollha* li hija festa u stedina, għax dawn il-qaddisin temmew il-mixja tagħhom b'sodisfazzjon kbir u għadhom jissemmew, imma qed jagħmlulna wkoll stedina biex lanqas aħna ma naqgħtu qalbna quddiem l-iebes tal-ħajja Nisranija. Ġorġi tagħna jispikka fir-rebħa tiegħu sa l-aħħar.

It-tema ta' dan il-Jum Universali għall-Qdusija hija li *"niktbu l-istorja tagħna ma' Alla"*. Dawn il-ġrajjiet sbieħ li kellna fi ħdan il-komunità f'dawn l-aħħar xhur se jinkitbu fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Hekk ukoll int u jien bil-ħajja tagħna rridu niktbu l-istorja tagħna ma' Alla, biex tkun storja glorjuża.

Jalla l-ispirtu ta' kollaborazzjoni u ta' parteċipazzjoni li kellna f'dawn il-festi u l-esperjenzi kollha li għaddejna minnhom ikomplu jidhru u jitqawwew fil-ħajja ta' kuljum tal-parroċċa tagħna.

Grazzi mill-qalb lil kulħadd, u nawguralkom mixja ta' qdusija!

Viva San Ġorġ!



# Daħla għall-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ

Pjazza Indipendenza, il-Belt Victoria

Il-Ħadd 27 ta' April 2014, fis-7.30pm

Rev. Dr Richard Nazzareno Farrugia



Mija ħamsa u sebgħin sena ilu waslet fostna statwa li saħħret il-qlub ta' bosta: l-istatwa ta' San Ġorġ Megalomartri minquxa minn zokk ta' siġra tat-tut, kapulavur ta' l-iskultur Malti Pietru Pawl Azzopardi. Il-lejla ħriġna minn djarna biex niċċelebraw. Biss il-ferħ tagħna m'huwiex tant għax-xbieha meraviljuża ta' l-injam, imma għall-kobor ta' Alla li bil-qawwa ta' Ibnu kapaċi jiskolpixxi qlub li huma tassew kapulavuri ta' l-imħabba tiegħu. Dan hu San Ġorġ, ix-xhud ta' Kristu: kapulavur maħdum mill-grazzja ta' Kristu. Alla hu tassew kbir fil-qaddisin tiegħu: hu kbir fil-qaddej tiegħu Ġorġi ta' Lidda. Bl-interċessjoni tiegħu l-Mulej għamel ħwejjeġ kbar mal-poplu tiegħu. Din l-istatwa tnisslet propju minħabba wegħda votiva li saret wara li gżiritna kienet mhedda mill-kolera ta' l-1837. Tul iż-żmien qalb l-Għawdxin intrabtet mal-qalb ta' dan il-ħabib ta' Kristu. Ilkoll nafuhom il-kelmiet: *Ukoll Għawdex, dil-gżira maħbuba, Alla xeħet bi ħniena f'riġlejk, għandek resaq fil-għajb u fin-niket, fit-tiġrib qatt ma twarrab minn ħdejk* Minħabba din ir-raġuni, din is-sena l-Velja qed issir fit-Tokk, fil-qalba tal-gżira Għawdxija, f'dan iċ-ċentru fejn il-*Banca Giuratale* – li fl-imgħoddi kienet is-sede ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-gvern lokali ta' Għawdex – hija monument li jfakkarna li ninsabu f'post li jirrakkonta l-istorja ta' din il-gżira. U f'din l-istorja hemm l-imħabba lejn il-Protettur ta' l-Għawdxin, San Ġorġ.

Din is-sena, peress li l-jum tat-23 ta' April ħabat matul l-Ottava ta' l-Għid, is-solennità ta' San Ġorġ qed tiġi ċċelebrata fil-jum tat-28 ta' April. Xieraq li nidħlu għal dan il-jum solenni billi ningħabru fit-talb permezz ta' din il-Velja. Il-veru spettaklu m'huwiex tant dak ta' barra, daqskemm dak li tista' tagħmel qalbna jekk tkun imżejna bil-valuri Nsara, bħalma kienet qalb Ġorġi. Għalhekk nilqgħu l-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ mill-Bażilika fi spirtu ta' talb u nħallu l-qdusija tal-Patrun tagħna ddakkarna u tħeġġiġna biex inkunu xhieda ta' Kristu fuq din l-art.

# Omelija fis-Solennità Liturġika ta' San Ġorġ

## Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria
## It-Tnejn 28 ta' April 2014

L-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta



Nimmaġina liż-żagħżugħ Ġorġi jersaq bħala katekumenu għall-Magħmudija, u l-Isqof jgħammdu fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Nimmaġina liż-żagħżugħ Ġorġi nieżel fil-Battisteru min-naħa tal-punent, iħares lejn fejn titla' x-Xemx, minn fejn tiddi l-Kewkba ta' fil-għodu.

Bħalma ħabbarna fil-Lejl Qaddis ta' l-Għid, din il-Kewkba, qabel kollox, din l-Istilla – kif tħobbu ssejħulha intom – hija Ġesù. Min jgħid li hu ta' l-Istilla, irid jiftakar li qed jgħid xi ħaġa impenjattiva, għax l-Istilla, il-Kewkba hija l-Mulej. Dik il-Kewkba tiddi li turina li s-Sebħ hija l-kelma tar-rebħa, u d-Dawl tal-ġnus jinfed il-qlub u jistieden lill kull wieħed u waħda minna għall-konverżjoni.

U Ġorġi ħareġ mill-battisteru, bħalma ħarġu eluf ta' Nsara qablu – għalkemm qegħdin fir-raba' seklu – u eluf ta' Nsara warajh. U beda jieħu sehem fil-Knisja ta' Ġesù, mill-Mejda ta' l-Ewkaristija, jitrejjaq bil-Ġisem u d-Demm ta' l-Imgħallem. U bħalma jgħid Santu Wistin, Ġorġi beda jqis x'kien qiegħed iħejjilu s-Sultan ta' qalbu. Kien iħejjilu fuq il-Mejda ta' l-Ewkaristija lilU nnifsu. U l-istedina għall-qalb ġeneruża ta' Ġorġi kienet ċara: "Is-Sultan tiegħi minn fuq il-mejda ta' l-altar qed jagħtini lilu nnifsu. Kif jiena ma nagħtix lili nnifsi lilu? Minn fuq l-altar il-Mulej qiegħed iċarċar demmu biex jifdina. Kif nista' jien, fis-siegħa tal-prova, nirrifjuta li nċarċar demmi b'xhieda għalih?".

U fil-laqgħat ta' l-Insara Ġorġi beda jisma' fuq Bidwi – *Geōrgios* – staordinarju: il-Bidwi li għandu Dielja għażiża li għandha ħafna frigħi msejħa biex jagħmlu l-frott. Il-frott tagħhom irid jibqa', imma bħala prezz dan il-Bidwi jirrikjedi minnhom żewġ kundizzjonijiet: li jibqgħu ħaġa waħda mad-Dielja, u li jaċċettaw li kull tant żmien il-*Georgios*, il-Missier li hu l-Bidwi, jiżborhom. Dawn huma ż-żewġ kundizzjonijiet fundamentali tal-ħajja Nisranija. U Ġorġi, li kellu l-isem ta' l-istess Bidwi, *Georgios*, mhux biss fehemhom dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li l-Missier etern u ċelesti kien qed jagħmel, imma għexhom. "Ibqgħu fija... jekk kliemi jibqa' fikom". U allura din l-immanenza tal-friegħi mad-Dielja hija li tisma' l-Kelma u tħalliha tagħmel frott fil-qalb tiegħek. Ma tkunx il-blata li fiha ż-żerriegħa tmut; ma tkunx l-art mimlija b'xewk; imma tkun l-art fertili, għammiela, li fiha ż-żerriegħa tal-Kelma tista' tixxettel.

*Georgios* sema' bl-Iben ta' Alla, dak il-Bidwi li lil Sid is-siġra li kienet iddgħajfet wisq u ma baqgħetx tagħmel frott, qallu: "Sinjur, ħu paċenzja biha din is-siġra! Ħallini nagħżaqha u nagħtiha ftit demel. Imbagħad ejja u ara...". U tgħallem *Georgios* li l-Iben fil-ħniena tiegħu ta' Ħanin Samaritan ta' l-umanità jitlob lill-Missier jieħu paċenzja u jagħmel ħiltu biex waqt li jagħżaq l-art tal-Knisja bit-tagħlim li huwa n-nutriment ta' l-art, jerġa' jġib is-siġra fertili u tagħmel il-frott. Tgħallem Ġorġi li mhux biss irid jimita lill-Missier li huwa l-Bidwi tad-Dielja, imma anki lill-Iben, il-Bidwi li jgħajjat kontinwament "ħniena, paċenzja" quddiem it-Tron tal-Ġustizzja Divina.

*Georgios* tgħallem ukoll li ismu ried ifisser Nisrani li japprezza l-ilma ġieri ta' l-Ispirtu s-Santu, li kull fejn jgħaddi joħloq il-ħajja, jibdel id-deżert f'art mimlija xtieli, fjuri, siġar, frott; l-ilma ġieri ta' l-Ispirtu s-Santu li l-ilma mielaħ ibiddlu f'ilma ħelu; l-ilma ta' l-Ispirtu s-Santu li jġib il-ħajja. U qalb Ġorġi xegħlet bid-doni ta' l-Ispirtu s-Santu, u fil-fjamma ta' l-Ispirtu qalbu tħeġġet, imtela bid-doni ta' l-Ispirtu, u bl-għajnuna tas-Sagramenti tal-Knisja kellu l-qawwa jegħleb it-tentazzjonijiet tad-dragun infernali, l-eħrex dragun, Satana, il-giddieb, il-qattiel, dak li jġib il-firda – għalhekk *diabolos*. Il-Mulej, bil-qawwa tal-ħniena tiegħu, għalkemm midneb bħalna, lil San Ġorġ tah il-qawwa jisħaq id-dragun u jirbaħlu f'isem il-ħniena ta' Alla.

Din l-istorja ta' seħibna Ġorġi l-martri hi għalina, fis-Solennità translata tiegħu din is-sena, xhieda u messaġġ ta' kuraġġ: xhieda ta' kemm il-qdusija għadha neċessarja u attwali. Il-qdusija ta' Ġorġi m'hijiex 'il bogħod mill-ideal li l-Mulej qiegħed ipoġġi quddiem kull wieħed u waħda minna. L-għajnuna li kellu hu għadha mal-Knisja. Aħna wkoll għandna aċċess għall-istess għajnuna, u l-Mulej qed isejħilna skond il-vokazzjoni tagħna biex inkunu qaddisin, biex inkunu xhieda, martri. Xhieda f'soċjetà li kull tant tirrita ruħha għall-messaġġ Nisrani, trid tibni futur mingħajr għeruq. Il-Mulej, il-*Georgios*, jgħidilna x'jiġri mill-friegħi li jiddeċiedu li jridu jibdew jibnu futur mingħajr ma jibqgħu magħqudin mad-Dielja: jintremew u jintefgħu fin-nar li ma jintemmx.

Dan hu l-futur li rridu? L-enerġija li għandna bżonn tiġi mill-Ispirtu s-Santu. Dik hija l-enerġija li għandna bżonn, u l-ebda slogan tan-*New Age*! Inħarsu lejn il-martri tagħna u nifhmu x'kien iħeġġeġ lil qlubhom, u nifhmu li

m'humiex stejjer 'il bogħod fis-sekli li għalina huma biss nostalġija Nisranija, jew xi stendard li bih nifirħu u li nużaw biex nimpikaw! Dak huwa insult lejn ix-xhieda tal-martri: li nżeffnuhom fit-tagħjir miskin ta' bejnietna! Jekk irridu tassew ikollna devozzjoni vera lejn il-martri tal-Knisja, irid ikollna rispett lejn id-demm li xerrdu. U d-demm li jbaqbaq fil-vini tagħna, anki jekk m'aħniex imsejħin li nċarċruh għal Kristu, irid ikun demm li jbaqbaq biex nagħtu xhieda, mingħajr biża', imma dejjem bl-imħabba, b'mod ċar u mingħajr kompromessi.

Ġorġi wasal, għax hekk kienet il-Providenza tal-Mulej għalih, li jieħu deċiżjoni aħħarija fil-ħajja tiegħu: dik, kif tgħid l-Antifona fl-Għasar li ċċelebrajna qabel il-Quddiesa, li jmidd għonqu għall-mannara tal-martirju. Imma l-martirju ta' Ġorġi ssiġilla ħajja ta' xhieda. Huwa l-martirju, ix-xhieda aħħarija ta' ħajja li kuljum tagħmel mill-qaddis tagħna veru sulċat qalbieni ta' Kristu. L-armatura tiegħu kienet l-Ispirtu qaddis tal-Mulej, is-sejf tiegħu l-Kelma tal-Mulej li hija xabla b'żewġt ixfar, l-elmu tiegħu l-ħarsien tal-Liġi ta' Alla.

Ejjew nitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ biex aħna l-Insara tal-lum inħarsu lejn il-Bidwi tas-Sema, il-Missier tad-Dielja; inħarsu lejn il-Bidwi tas-Sema, l-Iben Inkarnat li jgħajjat quddiem il-Ġustizzja Divina biex tieħu paċenzja; waqt li ma ninsew qatt li aħna nieħdu veru ruħ jekk inħallu lill-Ispirtu Qaddis tal-Mulej iħeġġeġ qalbna bil-vera mħabba u jsaffi l-qalb tagħna bin-nixxiegħa ħelwa ta' l-ilma għażiż tal-grazzja tiegħu.

Viva San Ġorġ Martri!




# It-Tielet Priedka tat-Tridu tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria
Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2015
Mons. Ġużeppi Gauci

## "TKELLEM, SAN ĠORĠ"

Nerġgħu niftakru l-lejla kif il-Michelangelo, imkabbar bl-opra tal-Mosè li ħarġet minn idejh, b'daqqa ta' martell talbu jitkellem, u Mosè rħam kien u rħam baqa', u minkejja l-kolossalità u s-sbuħija tiegħu, ebda kelma ma ħarġet minn fommu.

U aħna, fi spirtu ta' umiltà, quddiem l-opra li ħallielna Pietru Pawl Azzopardi mija u ħamsa u sebgħin sena ilu, qed nitolbu lil San Ġorġ ikellimna u ngħidulu, kif qalulu dejjem dawk kollha li resqu quddiemu jitgħaxxqu bi sbuħitu: "Tkellem, San Ġorġ". U San Ġorġ, kif rajna fil-jumejn li għaddew, tkellem u għadu jitkellem, u dejjem iwassal messaġġi utli u qaddisa għall-ħajja spiritwali ta' kull min jersaq lejh, speċjalment tagħna wliedu.

Wara l-Festi Ċentinarji ta' l-1903, San Ġorġ baqa' jitkellem, l-aktar f'jiem il-Festa tiegħu, sa l-1953 fir-raba' Ħadd wara l-Għid u mbagħad fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Kien jitkellem bil-kelma ta' l-aqwa predikaturi li bħal donnhom kienu jkunu mnebbħin minnu x'għandhom jgħidu lill-folol ta' nies li dejjem inġabru f'dan it-tempju biex dejjem jiffesteġġjaw bl-aħjar mod il-glorji tal-qaddis Patrun ta' beltna u ta' gżiritna.

Għadhom imsemmijin sal-lum il-priedki li bihom San Ġorġ kien jitkellem fil-festi li xorta baqgħu jsirulu fil-jiem mudlama ta' l-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija. In-nies, f'dawk il-jiem tal-biża', kienu jersqu lejn San Ġorġ, jgħidulu li qed ngħidulu aħna llum: "Tkellem, San Ġorġ". U San Ġorġ kien jagħmlilhom il-kuraġġ, kien jimlihom bit-tama tas-Sema li ma tqarraqx bihom. Kienu jiffesteġġjawlu b'mod moderat għal dawk il-jiem tal-biża', imma dejjem b'qalb imħeġġa bl-imħabba għalih.

Bi kliem l-Isqof Camilleri f'talba li approva fl-1915, kienu jduru lejn San Ġorġ u jgħidulu: "Tkellem, San Ġorġ: o Martri bla mirbuħ ta' Ġesù u Protettur l-aktar qawwi tal-Kristjani, aħna mbikkijin, lejk nerfgħu għajnejna f'dawn iż-żminijiet tal-biża'". L-Isqof Mikiel Gonzi, fl-1940, approva l-istess talba li biha l-Għawdxin kollha kienu jduru lejn San Ġorġ matul it-Tieni Gwerra Dinjija, u jgħidulu: "Tkellem, San Ġorġ, idher int flokna quddiem it-tron ta' Alla inkurlat għalina; urih demmek imxerred għalih u għall-merti tiegħu, itolbu jfarragna; għidlu flokna li aħna niedma mill-ħtijiet tagħna".

Fl-1941, il-Festa li ħabtet fil-11 ta' Mejju, kif inkiteb fil-ġurnali, "kienet jum nazzjonali ta' talb" minħabba l-Gwerra. Il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ kienet



imsieħba minn folol kbar ta' nies wara l-istatwa ta' San Ġorġ, jgħidu r-Rużarju. Dak in-nhar San Ġorġ tkellem fis-skiet tiegħu u wera l-importanza tat-talb fiċ-ċelebrazzjoni tal-Festi. Fl-1942, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, x'ħin l-istatwa ta' San Ġorġ kienet se tinħareġ għall-Purċissjoni, tħabbar ħbit mill-ajru u San Ġorġ inżamm fil-bieb għal ftit ħin u reġa' ddaħħal lura f'postu, u l-poplu mhux ħlief itenni minn qalbu: "Tkellem San Ġorġ, aqbeż għalina".

"Tkellem, San Ġorġ", mar jgħid il-poplu tagħna quddiem l-ikona votiva tiegħu, fi żmien it-terremoti, u xi problemi oħra. Fl-1922, San Ġorġ ittieħed f'purċissjoni flimkien mal-Madonna ta' Lourdes lejn il-knisja tal-Kapuċċini, waqt it-tħeżżiż ta' l-art li werwer lil niesna. Fl-1924, San Ġorġ inħareġ fil-knisja biex bil-kelma setgħana tiegħu quddiem il-Missier Alla, jaqbeż għal niesna fi żmien it-terremoti. Fl-1972, San Ġorġ ġie espost fil-knisja biex isir talb minħabba s-sitwazzjoni politika diffiċli ta' dak in-nhar u minħabba nuqqas ta' xita. U l-poplu tagħna dejjem kien joħroġ minn qalbu l-karba sinċiera u mimlija tama: "Tkellem, San Ġorġ", u San Ġorġ mhux ħlief kien jinterċiedi għall-maħbubin tiegħu u jfarragħhom u jaqbeż għalihom.

Tkellem San Ġorġ, meta fis-6 ta' Settembru 1958, il-Papa Piju XII għolla lil dan it-tempju tiegħu għad-dinjità ta' Bażilika, u fid-Digriet tiegħu fakkarna kif San Ġorġ, bil-protezzjoni tiegħu, ħarisna fi żmien il-pesta u gwaj ieħor; meta fl-10 ta' Marzu 1968 dan it-tempju ġie aggregat ma' l-Arċibażilika Lateranensi; u meta fit-8 ta' Diċembru 1975, f'din il-Bażilika twaqqaf il-Kulleġġ tal-Kanonċi... u f'dawn l-okkażjonijiet qalilna: "Tinsewx li intom l-aqwa dekorazzjoni ħajja, l-aqwa titlu dinjituż li jżejjen lil dan it-tempju tiegħi: fittxu li sebbħuh bil-preżenza tagħkom fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru, fittxu li l-preżenza tagħkom fih tkun dinjituża, meqbura u attenta, tħallux li tintrebħu minn distrazzjonijiet żejda waqt li tkunu tqimu lill-Mulej Alla f'dan it-tempju tiegħi".

Fl-1984, meta tfakkar is-Sbatax-il Ċentinarju minn Twelidu, San Ġorġ tkellem bir-Relikwa tal-Qorriegħa tiegħu li nġabet mill-Bażilika tal-Velabro f'Ruma mid-devot kbir tiegħu Mons. Dante Balboni. Tkellem ukoll bl-Ittra Pastorali ta' l-Isqof ta' Għawdex Nikol Ġ. Cauchi li, dak in-nhar, fost l-oħrajn, qal: "Is-sejħa li nixtieq nagħmlilkom f'dan iċ-Ċentinarju hi li tagħmlu ħilitkom biex issiru tixbhu lil San Ġorġ fil-qdusija partikulari tiegħu. Fih, li kien martri żagħżugħ, tidher iż-żgħożija spiritwali tal-Knisja, li tinħass meta xi wħud mill-membri tagħha jgħixu skond it-tagħlim tal-Vanġelu li jgħodd għal kull żmien".

Fl-1996, bil-ħidma ta' l-Arċipriet Mons. Salv Borg u ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, wara li ttieħdu l-pariri meħtieġa, ġew restawraturi professjonali minn Napli, taħt it-tmexxija ta' l-istoriku ta' l-arti u kuratur Rev. Dr Ugo Dovere, biex iwettqu r-restawr meħtieġ fuq l-opra ta' Pietru Pawl Azzopardi. Ir-restawraturi Taljani użaw l-aħjar metodi xjentifiċi biex taw lill-istatwa l-istat oriġinali li fih kien ħallieha Calì fl-1903. Interessanti li, tul il-ħidma ta' preservazzjoni, instab li l-firma ta' l-iskultur *"Pietro Paolo Azzopardi"* kienet tidher fuq in-naħa ta' isfel ta' l-istatwa. Ix-xogħol ta' restawr sar bejn it-3 u l-15 ta' Novembru 1996, u meta tlesta, saret traslazzjoni solenni bl-istatwa, mill-Oratorju tal-Bażilika fejn sar ir-restawr, sal-knisja, u l-istatwa tbierket waqt konċelebrazzjoni pontifikali solenni mmexxija mill-Kardinal Benedittin Paul Augustin Mayer, nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru 1996. Dak in-nhar San Ġorġ tkellem b'ċerta enfasi u ħeġġiġna naraw fi sbuħitu s-sbuħija dejjiema li hemm tistenniena fis-Sema jekk nimxu fuq il-passi tiegħu, jekk infittxu li bla waqfien nistinkaw biex nirrestawraw il-ħajja spiritwali tagħna ħalli fina tidher dejjem il-firma ta' l-Artist Divin li ħalaqna xbieha tiegħu.

"Tkellem, San Ġorġ"... U San Ġorġ kompla jitkellem, minn jum għall-ieħor, minn Festa għall-oħra. Sakemm wasal biex ikellimna b'ċerta qawwa u mħabba mħeġġa aktar minn tas-soltu, meta fl-2003 fakkarna bil-kbir is-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju tiegħu. Tkellem fil-Festi kbar li saru f'April; tkellem matul is-Simposju Internazzjonali li sar dwaru bejn l-24 u s-26 ta' April; tkellem matul il-Velja ta' Talb, li saret għall-ewwel darba fil-lejl tal-Martirju tiegħu bejn it-22 u t-23 ta' April, f'Misraħ San Ġorġ, quddiem ix-xbieha tiegħu u ta' Ġesù Msallab; tkellem fil-Purċissjoni li saret f'jum il-Ħadd, 27 ta' April, fil-għodu li fiha fakkarna li hu l-ġawhra tiddi u tilma għad-dawl tax-xemx ta' Kristu Rxoxt, kif suppost issir ir-ruħ ta' dawk li jħobbuh tassew.

"Tkellem San Ġorġ"... U kompla jitkellem fil-Festi kbar li saru f'Lulju ta' l-istess sena Ċentinarja 2003, bil-preżenza ta' prelati illustri tal-Knisja, bil-kapitli u l-kappillani tad-Djoċesi mħarsa minnu, bil-preżenza tar-Relikwa Insinji tal-Qorriegħa tiegħu li reġgħet inġiebet, din id-darba minni stess, mill-Bażilika tal-Velabro f'Ruma, liema miġja kienet imżejna bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Dak in-nhar, permezz ta' din il-grazzja mogħtija mill-Knisja Ommna, San Ġorġ qanqalna għall-maħfra ta' dnubietna.

Iva, tkellem ukoll San Ġorġ, bl-Ittra Pastorali ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi li fiha, fost l-oħrajn, fakkarna li "biex iħares sa l-aħħar il-fidi tiegħu, San Ġorġ kellu jġarrab persekuzzjoni ħarxa u fl-aħħar jinkuruna ħajtu bil-martirju għall-imħabba ta' Kristu". Kemm nies dak in-nhar semgħu lil San Ġorġ jitkellem mill-istatwa tiegħu li bħal teżor mill-aqwa, bla waqfien isebbaħ lil dan it-tempju għażiż tiegħu u tagħna! Kemm nies dak in-nhar ftakru fix-xhieda li ta San Ġorġ għall-fidi Nisranija, meta fit-tielet

Ħadd ta' Lulju d-Djoċesi kollha ċċelebrat Jum San Ġorġ, bil-permess mogħti lill-Isqof Cauchi mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin ta' Ruma.

Niftakru li minn dak in-nhar ta' l-1925, meta nġieb is-sett tal-qniepen armonjużi minn għand id-Ditta *Baricozzi* ta' l-Italja, il-qanpiena l-kbira ngħatat l-isem ta' "Ġorġa" u biha San Ġorġ għadu jsemmgħalna leħnu u jitlobna biex f'ħajjitna u fil-komunitajiet tagħna jkun hemm dejjem dik l-armonija spiritwali ta' ftehim u mħabba u għaqda li jkun hemm meta din il-qanpiena ssemma' leħinha mal-bqija tal-qniepen l-oħra. Din l-armonija li għaliha jsejħilna San Ġorġ tilħaq l-aqwa tifsira tal-ħlewwa tagħha meta x'ħin jitfaċċa fil-bieb ta' din il-Bażilika f'jum il-Festa tiegħu, leħen Ġorġa jitħallat man-noti armonjużi tal-*"Gloria a Giorgio"* tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella, li nstemgħu l-ewwel darba fil-ħruġ tal-Purċissjoni ta' l-1934, u ġnien ta' palm dak il-ħin jitfaċċa madwar il-kapolavur ta' Pietru Pawl Azzopardi, u San Ġorġ dak il-ħin bħal jitkellem minn qalb dak il-ġnien ta' palm u jistedinna għal rebħa fuq dak kollu li jġib firda u jeqred l-armonija fil-komunitajiet tagħna.

"Tkellem, San Ġorġ", ngħidulek il-lejla, mat-tfal tagħna u agħmel li bħalek isibu formazzjoni Nisranija tajba; tkellem maż-żgħażagħ tagħna u agħmel li jkunu dejjem mimlija bl-enerġija ta' xhieda Nisranija bħal tiegħek; kellem lill-familji tagħna u agħmel li fihom ikun dejjem jeżisti dak l-ispirtu Nisrani li jrawwem Insara awtentiċi; kellem lill-adulti tagħna u għinhom ikunu mudelli ta' maturità Nisranija; kellem lis-saċerdoti u lill-persuni kkonsagrati kollha biex l-għotja tagħhom tkun tassew sħiħa kif kienet tiegħek; kellem lill-morda tagħna u agħtihom il-qawwa li bi tbatijiethom, bħalek, jissieħbu ma' Kristu fil-Passjoni tiegħu.

"Tkellem, San Ġorġ". Ibqa' kellimna fil-festi li ġejjin, li bihom se nfakkru dawn il-mija u ħamsa u sebgħin sena li għaddejt magħna, anki billi jkollna fostna r-Relikwija Insinji ta' Drieghek li se tinġieb minn San Giorgio Maggiore ta' Venezja għall-Festi ta' Lulju; kompli tkellem, f'kull sitwazzjoni ta' ħajjitna, f'kull ħin, f'kull ambjent.

"Tkellem, San Ġorġ". Iva, aħna rridu nisimgħu leħnek, li jgħallimna u fejn meħtieġ iċanfarna. Għalhekk spiss induru lejk bit-talb tagħna, biex noħolqu miegħek djalogu fejn int tkellimna u aħna nkellmuk. U l-lum nixtiequ wwasslu lill-Mulej Alla tagħna x-xewqa li jkompli jwasslilna l-messaġġi tiegħu permezz tiegħek, b'talba sabiħa li nsibu fil-Ktieb liturġiku uffiċjali *Common Worship* tal-Knisja Anglikana, ippubblikat fis-sena 2000: "Alla ta' l-eżerċti, li kebbist sewwa l-fjamma ta' l-imħabba fil-qalb tal-qaddej tiegħek Ġorġi, li ta xhieda għal Kristu Rxoxt bil-ħajja u bil-mewt tiegħu; agħtina, nitolbuk, l-istess fidi u l-istess qawwa ta' mħabba, biex aħna li nifirħu bir-rebħiet tiegħu, naslu biex naqsmu flimkien miegħu l-milja tal-Qawmien".

"Tkellem, San Ġorġ". Lilek irridu wkoll inkellmu b'silta minn Innu ta' San Anatolju, li l-Liturġija Biżantina tkantalek f'jum il-Festa tiegħek, u li tant għandna x'nitgħallmu minnu: "O Ġorġi, suldat tas-Sultan il-Kbir, ifraħ u thenna: int u tixxennaq biex togħġob 'l Alla, warrabt kollox u emmint fil-ħajja dejjiema tas-Sema; għalhekk issaportejt it-tbatijiet kollha li ġagħluk issofri l-bnedmin, u dak Kristu li int ħabbejt, sebbħek".

Ma' l-istess Liturġija Biżantina rridu nħeġġu lil xulxin bl-istedina li biha din il-liturġija tħeġġeg għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tiegħek: "Ejjew, mela, flimkien inkantaw bil-fidi lil Ġorġi bħala interċessur imħeġġeġ hu, bħala qaddej ta' Kristu, mexa b'attenzjoni fuq il-passi ta' l-Imgħallem u fittex li jimitah f'kollox".

"Tkellem, San Ġorġ". Iva, San Ġorġ tkellem: u fuq nota personali tkellem kemm-il darba miegħi f'okkażjonijiet speċjali ta' ħajti. Kellimni meta hawn fit-tempju tiegħu rċivejt il-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma ta' l-Isqof. Iżda, niftakar, kellimni eżattament bħal-lum, it-2 ta' Mejju ta' disgħa u erbgħin sena ilu, meta hawn fuq l-altar ta' din il-Bażilika tiegħu – dak in-nhar kien għadu mdawwar biss biż-zokklaturi ta' l-irħam – iċċelebrajt l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħi.

U baqa' jkellimni matul dawn id-disgħa u erbgħin sena ta' saċerdozju tiegħi: xi drabi ferraħni, drabi oħra nikkitni; ġie li ċanfarni u ħafna drabi inkuraġġieni; f'xi mumenti bikkieni u f'oħrajn farraġni; imma dejjem ħabbni b'dak kollu li qalli bil-kliem sieket tiegħu. U, min-naħa tiegħi, ġara x'ġara, dejjem ippruvajt inħobbu bl-aħjar mod possibbli. Għalhekk, inkompli ngħidlu: "Tkellem, San Ġorġ, irrid nisimgħek, irrid inħobbok".

"Tkellem, San Ġorġ". Kelmtek togħġobna, nixtiquha, irriduha. Għax kelmtek hi eku ta dak li hu l-Kelma tassew, tal-Verb ta' Alla, Ġesù Kristu Sidna, li sar bniedem u salvana; kelmtek, kif kienet dejjem, tfisser dak li hu ismek: Ġorġi magħna, Ġorġi tagħna. Ġorġi l-mudell tagħna, Ġorġi l-maħbub tagħna, jew aħjar, kif jitkanta fl-Innu l-Kbir, fuq il-versi ta' Luigi Billion, *"Giorgio nostro amor"*. Amen.



# Messaġġ fl-Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju tal-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria, Għawdex
Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju 2014

L-E.T. Mons. Mario Grech,
ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana

## MARTRI BIT-TBISSIMA



Darba għalliem tal-filosofija, biex ifisser lill-istudenti xi tkun *contradictio in terminis*, qalilhom biex imorru għand wieħed li kien jagħmel il-pasturi, Majsi ta' l-Għadmu, u jitolbuh jagħmlilhom statwa tad-Duluri tidħak! Għax meta tgħid li d-Duluri tidħak, tkun qed tgħid kontradizzjoni! Normalment il-bniedem ma jitbissimx meta jkun fid-dulur!

Meta l-lejla qegħdin nagħmlu din it-tifkira fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju ta' l-istatwa artistika, eleganti u devota ta' San Ġorġ li ħarġet minn idejn Pietru Pawl Azzopardi, jiġini f'moħħi li f'din l-istatwa titulari nilmaħ mhux tant *contradictio in terminis* imma sinjal ta' kontradizzjoni! Fil-fatt, fix-xbieha ta' San Ġorġ għandna martri jitbissem. Għalkemm San Ġorġ ingħata l-martirju, il-wiċċ grazzjuż tiegħu jixgħel bit-tbissima ħelwa fuq xofftejh. Jekk m'hux normali li wieħed jitbissem meta jkun fid-dulur, għaliex il-Martri ta' Lidda għandu tbissima?

Naħseb li l-Patrun tagħna Ġorġi jitbissem minkejja t-tbatija tal-martirju għaliex iħossu konvint li Alla sabu denn li jbati għall-imħabba ta' Ġesù. San Ġorġ jirnexxielu jwaħħad it-tbatija tiegħu ma' dik ta' Kristu u flimkien ma' San Pawl jgħid: "Jien nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1:24). Għalhekk, nixtieq li x'ħin għajnejna jinsterqu mill-ġmiel u t-tbissima ta' San Ġorġ, niftakru ftit f'dawk li qegħdin ibatu. Bħalkom jien naf persuni li għaddejjin minn tbatija kbira, partikularment minħabba l-mard. Kieku bħal San Ġorġ jirnexxielna ngħaqqdu t-tbatija tagħna ma' dik ta' Kristu, minflok ma tkun kawża li twaqqagħna fid-diqa u d-dipressjoni, toħloq fina tbissima.

Raġuni oħra għaliex jien konvint li Ġorġi tagħna huwa martri li jitbissem hija għax hu ħabb ħafna. Aħna nafu li min iħobb tassew, ibati, u min iħobb ħafna, ibati ħafna. San Ġorġ għadda mill-martirju għax kellu qalbu tad-deheb. Kieku ried, seta' japplika r-regola "għajn għal għajn u sinna għal sinna", seta' għażel li jkun vendikattiv ma' min kien aħrax miegħu, kien ħieles li jpatti lil min għamillu d-deni! Imma peress li kien jemmen f'Ġesù, għaraf jimxi fuq il-kmandament ta' l-imħabba – kif jgħallem Ġesù, San Ġorġ ħabb anki lill-għadu tiegħu. Għalhekk ħadd ma seta' jisraq dik it-tbissima minn fuq fomm San Ġorġ.

Meta dawk id-dirgħajn ġolfi jerfgħu 'l fuq lil San Ġorġ u s-seħer tiegħu jimla l-pjazza, niftakar f'dak li jgħid l-Imgħallem tagħna: "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin lejja" (Ġw 12:32). Fil-waqt li nqiegħed dan il-kliem fuq fomm San Ġorġ, nawgura li x'ħin mill-għoli nitgħaxxqu bil-ġmiel tiegħu, niftakru li San Ġorġ, martri bit-tbissima, huwa "kontradizzjoni Kristjana", u nitolbuh jieqaf magħna biex bħalu aħna wkoll inkunu sinjal ta' kontradizzjoni għad-dinja tal-lum billi nibqgħu nħobbu wkoll lil min huwa xħiħ fi mħabbtu għalina. Għaliex anki jekk l-imħabba tiswielna l-martirju, aħna nemmnu li l-imħabba tagħti l-frott kif ġara fil-każ ta' San Ġorġ.



IL-BELT VICTORIA

# Diskors ta' Merħba fil-Wasla tar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ mill-Abbazija Benedittina ta' San Giorgio Maggiore, Venezja

Pjazza San Ġorġ, il-Belt Victoria

It-Tlieta 14 ta' Lulju 2014

Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

## "IL-LEMINIJA TAL-MULEJ GĦAMLET ĦWEJJEĠ TA' ĦILA" (Salm 118:16)



Eċċellenza Reverendissma, Mons. Mario Grech, Isqof tagħna; *Vostra Eminenza Rev.ma Gennadios Zervós, Metropolita dell'Arcidiocesi Greca Ortodossa in Italia e Malta*; *Right Reverend Canon Simon Godfrey, Chancellor of the Anglican Communion of Malta and Gozo*; *Reverendi Padri Benedettini di Praglia e dell'Isola di San Giorgio Maggiore*; ħuti fis-saċerdozju; poplu Ġorġjan.

Grazzi tal-preżenza tagħkom. *Grazie della vostra presenza in mezzo a noi, attorno ai resti di un grande campione della fede in Cristo: Giorgio nostro! I thank you for your presence here this evening, as we celebrate our beloved patron Saint George.*

Merħba fostna, maħbub San Ġorġ, merħba!

Għażiż tagħna Ġorġi, il-lum aħna miġbura f'festa ta' ferħ iktar mis-soltu, għaliex il-lejla barra x-xbieha tiegħek, li għaddewlna missirijietna b'tant imħabba mija u ħamsa u sebgħin sena ilu, u li hi tant għażiża għalina l-Ġorġjani, għandna fostna parti mill-ġisem qaddis tiegħek: ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ Imqaddes tiegħek.

Dan il-mument ma jħalliniex nieqfu fuq sempliċi ċelebrazzjoni esterna, imma għalina huwa wkoll mument ta' riflessjoni biex din il-miġja tar-Relikwa tiegħek tħalli fina frott spiritwali.

Jiġini l-lejla li nistħajjel u nirrifletti fuq dik l-*Id* tiegħek:

- dik l-id bieżla ta' bidwi ħawtiel li tant ħadem u stinka bla heda fl-għalqa tal-Mulej;
- dik l-id li min jaf kemm ingħaqdet fit-talb quddiem Alla u b'qima offrietlu kull sagrifiċċju sa ma wasalt għall-offerta sħiħa ta' ħajtek biċ-ċarċir ta' demmek fil-martirju;
- dik l-id li dejjem kienet lesta taqbeż għal kull min jeħtieġ l-għajnuna, għax fl-aħwa rat lil Ġesù fqir, qed ibati u fil-bżonn;
- dik l-id miftuħa beraħ għall-oħrajn biex tagħti sinjal ta' paċi lill-ħbieb u saħansitra lill-għedewwa;
- dik l-id li dejjem ħafret mill-qalb lil dawk li ppersegwitawha;
- dik l-id li minn jum għall-ieħor laqgħet minn għand Alla l-pjan tiegħu ta' mħabba għalik.

Għalhekk, flimkien ma' din il-ġemgħa Ġorġjana li l-lejla qed toħnoq din il-pjazza, ngħolli t-talba tiegħi lejk, Mulej, biex:

- bħal Ġorġi tagħna, *tifthilna jdejna* ħa nkunu ġenerużi mal-fqir, mal-batut, mal-barrani u ma' kull min jeħtieġ l-għajnuna tagħna;
- bħal Ġorġi, *turina* kif nersqu lejk b'idejna magħqudin fit-talb personali u komunitarju;
- bħal Ġorġi, *tgħallimna* nnewlu l-id tal-paċi lil kulħadd;
- bħal Ġorġi, *tuża jdejna* biex bihom tkompli tibni l-Knisja tiegħek, li hi garanzija għall-fidi ta' wliedha.
- Grazzi, Mulej Ġesù, talli tajtna lil Ġorġi bħala Difensur tal-Fidi tagħna, Patrun tal-Gżira u d-Djoċesi tagħna, Protettur ta' Beltna; talli permezz tiegħu int għadek tissokta "tagħmel ħwejjeġ ta' ħila" mal-poplu tiegħek.

Merħba bik, San Ġorġ; għallimna wwarrbu minna dak kollu li int warrabt biex, bla xkiel ta' xejn, stajt titħabbeb ma' Kristu, il-Maħbub tiegħek.

Merħba bik, Ġorġi tagħna; għallimna nitwaħħdu ma' Dak li int tant ħabbejt u li tajt ħajtek għalih, ħalli aħna wkoll inkunu nistgħu nirbħu l-kuruna tal-glorja u nkunu miegħek u miegħu għal dejjem.

Itlob għalina u idħol għalina, San Ġorġ

Merħba bik San Ġorġ, din darek, din beltek, dan pajjiżek, aħna lkoll uliedek.

Viva San Ġorġ!

# Homily at the Solemn Ecumenical Vigil welcoming the Holy Relic of St George's Arm from the Benedictine Abbey of San Giorgio Maggiore, Venice

St George's Basilica, Victoria

Monday 15 July 2014

Canon Simon Godfrey, Chancellor of the Anglican Communion in Malta and Gozo



In the name of the Father, and of the Son, and of the Holy Spirit. Amen.

At the close of the millennium. William Dalrymple, the writer and traveller, visited the Christian quarter of Jerusalem. He discovered the shrine and church of Saint George at Beit Jana, a short distance from the city. He met with the shrine's Greek Orthodox custodian Father Aphodius. The priest told the visitor that the locals believed this was the place of Saint George's birth. The icon depicting Saint George as a young Byzantine cavalryman with his golden breastplate and the spear has the familiar classical face and was highly venerated. All the Arabs, Christian and Muslim alike call him *"Khadir"* – the Green One, he said. All the Palestinians thank Saint George for all he can do. He gives women babies, he brings good crops to their fields and healthy lands; and if they get what they want, they come and offer him sacrifice.

Dalrymple said it's all very curious, not the way perhaps that the Knights of the Garter might expect their Patron Saint to be venerated. For in England, Saint George is our national Patron and we English always like to think that we have monopoly on Saint George. However no one can travel for very long along the Middle East without quickly realising that the English are not the only people to claim Saint George as their own. We English may fondly believe that we have got Saint George safely deposited in Saint George's Chapel in Windsor Castle, guarded by the Knights of the Garter and the priests of the chapel, but this will come as news to the nine monasteries on Mount Athos, the thirty five other churches in Greece, the twenty four churches and monasteries on Crete and the Greek islands, the six churches on Cyprus, the fifteen churches in Egypt, the five churches in Israel and on the West Bank, the Citadel in Aleppo, and the two monasteries in Northern Iraq, which also claim the honour of possessing parts or all of the relics of Saint George.

In fact the veneration of Saint George originated in the Byzantine Levant and did not become popular in England until the returning Crusaders brought the saint's cult back with them in 1348. Edward III made Saint George Patron of the Knights of the Garter, and you have a statue of him in your square here in Victoria. Saint George replaced Edward the Confessor as England's national saint. Although now all scholars accept that Saint George was an historical figure, solid facts about him are scant. He appears to have been a Christian legionary from Palestina who was martyred during the reign of Diocletian between the year 284 and 305. He could have been the unnamed martyr who suffered a particularly horrible death in the Eight Book of Eusebius' *Ecclesiastical History*. But what is clear is that his cult was a very early one and that is originated in Lydda, now the Tel Aviv suburb of Lod, known as the Heathrow of the Holy Land.

In the sixth century Saint George was referred to as "that good man whose deeds are known to God alone", but lack of facts never stopped Mediaeval hagiographers from assembling impressively detailed lives, and the cult of Saint George's spread with astonishing speed gathering all stories, embracing pagan legends, and by the time of Jacobus de Voragine's book *The Golden Legend* written in Genoa in 1260, Saint George's life history had become one of the longest epics in Mediaeval hagiography, devolving around the dragon whose breath could poison everyone who came within reach. But what is intriguing about the cult of Saint George practised near Jerusalem, in Beit Jala, is the extraordinary debate which it still resembles the *cultus* before Mediaeval times. On the one hand he is venerated as a fertility symbol, and on the other, as the soldier saint.

The relic that we welcome today from the Benedictine Abbey of San Giorgio Maggiore in Venice seems to have been venerated as early as 1255, and it was taken to the island of San Giorgio Maggiore in 1296, where many miracles have been attributed to its presence.

Today we welcome with humble and outstretched arms the presence of England's Patron Saint and Gozo's Patron Saint. Indeed, a venerated saint for the entire world!

*Viva San Ġorġ! Viva Għawdex!* Amen.

# Omelia nella Vigilia Ecumenica Solenne in occasione dell'Arrivo della Reliquia del Braccio di San Giorgio dall'Abbazia Benedittina di San Giorgio Maggiore, Venezia

Basilica di San Giorgio, Victoria

Lunedì 15 luglio 2014

Sua Em. Gennadios Zervós, Metropolita dell'Arcidiocesi Greca-Ortodossa dell'Italia e Malta



È una grande benedizione per Gozo, ma per tutta Malta, accogliere le miracolose reliquie di san Giorgio il megalomartire, un grande santo della Chiesa indivisa di Cristo, un megalomartire che lo festaggiamo tutti noi cristiani con venerazione, amore e gioia.

Io sono fiero perchè san Giorgio è di spiritualità greca, anche il suo nome è stato il simbolo dell'amore, il simbolo del martirio, il simbolo della Croce e del sacrificio. È un santo che unisce anche oggi tutti i cristiani. È un santo meraviglioso vicino al popolo di Dio, un santo che manda a noi tantissimi messaggi. È un santo di amore e di fede, che aiuta anche noi, gli uomini di oggi, ad essere fedeli e amare il nostro prossimo, il nostro vicino.

Ogni uomo è creatura di Dio, e come dicono i padri cappadoci, è l'icona di Dio, immagine di Dio. Lui sta in quella parte della Cappadocia, una gurisdizione di grande importanza, perchè ha dato tanti santi e tanti padri di spiritualità cristiana che hanno insegnato a tutto il mondo la salvezza del uomo, la Santissima Trinità; in realtà, lo stesso Dio è amore e unità.

San Giorgio ci da tante spinte, ci da tanti esempi, ci da tanti messaggi per applicare nella nostra vita per risolvere i nostri problemi e per essere fedeli a Dio che è il Nostro Salvatore Gesù Cristo.

Gia avete ascoltato una parte del panegirico di san Andrea di Creta, un grande innografo che si è occupato tanto con san Giorgio, scrivendo tanti canoni, tanti inni, i quali dimostrano il suo martirio, il suo sacrificio, il suo amore e la sua fede verso il Nostro Salvatore Gesù Cristo.

Noi sappiamo tutti che venendo qui – cattolici, ortodossi, anglicani, anche altri cristiani – a venerare oggi le reliquie di san Giorgio il megalomartire, è una grande cosa, è una bella cosa pregare per la pace, pregare per l'unità dei cristiani, pregare per la buona convivenza dei popoli.

Qui, come sapete, è venuto san Paolo, e noi dobbiamo seguire la sua *didascalia*, la sua dottrina, la sua linea, il quale ama tutti senza distinzione e dice che tutti nel nome di Cristo siamo fratelli. E noi dobbiamo essere fratelli, e come fratelli dobbiamo amare l'uno l'altro, pregare insieme. E la Chiesa di Cristo ci da sempre tanti esempi, tanti messaggi, ma ci da anche i suoi figli – i santi – che noi veneriamo, per essere insieme, pregare e venerare insieme il nostro Gesù Cristo, il quale è nato, crocifisso e risuscitato per salvare l'uomo. Così la venerazione dei santi è una felice occasione per tutti i cristiani.

E veneriamo questo santo, per essere fieri e forti, e prendere coraggio per continuare la nostra vita difficile che i nostri santi danno a noi, con i loro messaggi, con la loro vita, risposte alle nostre cose bisognose. Danno, per esempio, la grande virtù della pazienza, della semplicità, della disponibilità, danno l'amore, la fede. È poi è Dio che decide, è Lui che ci da la forza per continuare la nostra vita.

Io vorrei ricordare, perchè nel mio cuore è molto improntato questo grande incontro del Papa Francesco e del Patriarca Ecumenico di Costantinopoli Bartolomeo a Gerusalemme, che loro ci danno un grande esempio di pregare insieme, di vederci fratelli, e di non dimenticare la nostra parentela con il Battesimo, che siamo figli dello stesso Signore Gesù Cristo.

Noi dobbiamo diventare veri fratelli, sinceri fratelli, come dice il nostro grande Apostolo, l'Apostolo delle genti, san Paolo. Dobbiamo essere fratelli nel nome di Gesù Cristo, senza distinzione: "Non c'è ebreo, ne greco, ma tutti siamo fratelli nel nome di Cristo".

Io ringrazio infinitamente Sua Eccellenza per l'invito fraterno che mi ha fatto a venire qui a Gozo e pregare con voi, festeggiare con voi, prendere anche io coraggio, forza, speranza, unirmi con voi perchè siamo veramente fratelli; pregare per voi, per tutti i bisognosi, per tutti che non possono venire anche in chiesa, sono malati.

E questo nostro megalomartire san Giorgio dice alla Chiesa dell'Oriente che lui è l'imperatore dei carcerati, lui è sostenitore dei poveri, lui è grande amico dei fedeli cristiani, e per ogni uomo lui è una grazia per tutti quelli che vogliono la benedizione e vogliono fare la volontà di Dio.

Giorgio il megalomartire sia per voi, per le vostre famiglie, per tutti i giovani, per tutta l'isola di Malta, protezione, benedizione e grazia.

# Omelija fil-Velja Ekumenika Solenni tal-Miġja tar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ mill-Abbazija Benedittina ta' San Giorgio Maggiore, Venezja

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

It-Tnejn 15 ta' Lulju 2014

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana



Eminenza, Fr Godfrey, Reverendi Padri Benedittini, Poplu ta' Alla,

Il-lejla ħassejtni emozzjonat ħafna x'ħin, f'isimkom, Poplu ta' Alla f'din il-Knisja lokali, f'din il-parroċċa, ilqajt id-Driegħ Imqaddes tal-Patrun tagħna San Ġorġ. U l-emozzjoni tiegħi kibret matul il-purċissjoni x'ħin qgħadt nikkontempla illi dan id-Driegħ għandu tlett iswaba' miftuħa, illi fl-ikonografija dan huwa sinjal li jitkellem dwar it-Trinità Qaddisa, Alla wieħed fi Tliet Persuni.

Ikkontemplajt u nixtieqkom tikkontemplaw dan id-Driegħ tal-martri Ġorġi tagħna bħala dik l-għodda li Alla l-Imbierek inqeda biha biex jindika l-preżenza ta' Alla fid-dinja. Għax il-preżenza ta' Alla hemm mumenti fejn hija evidenti, imma hemm mumenti fejn hi moħbija. U hemm bżonn, għeżież tiegħi, il-lum aktar minn qatt qabel, li aħna nagħmlu bħalma għamel San Ġorġ: nippuntaw subgħajna biex nuru l-preżenza ta' Alla, għax il-bniedem tal-lum, u jista' jkun anki n-Nisrani, b'xorti ħażina huwa sajjem minn Alla, donnu m'għadux jaf jaqra l-preżenza ta' Alla. U din hija waħda mit-talbiet li jien għamilt u rrid nagħmel lil San Ġorġ, ħalli dan id-Driegħ tiegħu li qiegħed jippuntalna dan is-sinjal, is-simbolu ta' Alla Trinità – il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu – ikun grazzja anki għall-Knisja tagħna, għas-soċjetà tagħna, biex nagħrfu li Alla hu preżenti.

U ladarba qed nitkellem dwar it-Trinità Qaddisa, toħroġ waħedha t-tema ta' l-Unità, li qegħdin niċċelebraw il-lejla f'din il-Liturġija Ekumenika: l-unità ta' Tliet Persuni fit-Trinità Qaddisa, distinti minn xulxin, magħżulin minn xulxin, imma ndaqs f'kollox u magħqudin flimkien. Li kien, jaħasra, it-Trinità Qaddisa li qed jindikalna San Ġorġ tagħna tkun għalina mudell kif aħna jirnexxielna nġibu l-għaqda, l-għaqda l-ewwel u qabel kollox ma' Alla, l-għaqda bejnietna l-bnedmin, l-għaqda bejnietna l-Insara... imma rrid ngħid ukoll l-għaqda fil-Knisja tagħna, fil-Knisja Kattolika, għax għandna diversi ġrieħi jnixxu d-demm.

U meta rrid ngħid l-għaqda fi ħdan il-Poplu ta' Alla, fi ħdan il-Knisja, tafu xi rrid ngħid, hux veru? L-għaqda ta' bejnietna: hawn ħafna firdiet bejnietna, hawn ħafna ġlied, hawn ħafna rabja għal xulxin. Bambin għinni, imma hawn il-mibegħda lejn xulxin! Għeżież tiegħi, kif nistgħu nippermettu dan, imbagħad niċċelebraw l-Ewkaristija? Jien għalija eżami ta' kuxjenza kontinwu, li nitla' fuq l-altar, is-Sagrament ta' l-għaqda, imbagħad l-għaqda ta' bejnietna niskapriċċawha.

Hekk il-lejla għadda minn moħħi. Min jaf kemm fostkom, u jiena magħkom, qed nagħmlu talbiet lil San Ġorġ! Il-preżenza ta' din ir-Relikwa żgur illi tqanqal fina l-ħtieġa li nagħmlu talba lil Alla. U din hi t-talba li nagħmel lil San Ġorġ, f'din is-sena partikulari: illi jiftaħ idu u jilqa' fiha t-talbiet tagħna kollha. Jien, bħala Ragħaj tagħkom, nista' nimmaġina t-toqol li hemm f'qalbkom! Biċċa minnu ngħaddi minnu jien, u hemm toqol ieħor li tgħiduli bih intom. Imma hemm toqol ieħor li nosservah, u allura nista' nimmaġina anki mill-mod kif ilqajna din ir-Relikwa l-lejla, kemm minn qalbna, minn qalbkom toħroġ talba ħerqana lil Alla l-Imbierek bl-interċessjoni ta' San Ġorġ! Allura ngħidlu: "Iftaħ, iftaħ dak id-Driegħ tiegħek ħalli fuqu aħna npoġġu t-talbiet tagħna".

Imma partikularment nixtieqkom titolbu ħalli jkun hemm iktar l-għaqda bejnietna; ħalli min hu mifrud, jingħaqad; min hu mbiegħed, joqrob; min hu mweġġa', tkun il-grazzja ta' Alla illi tfejqu. U jekk aħna nibdew b'din il-ħidma għall-għaqda, għall-unjoni bejnietna fil-Knisja tagħna, imbagħad nistgħu nitkellmu wkoll dwar l-għaqda bejn il-Knejjes: l-Ortodossi, l-Anglikani, il-Knisja tar-Riforma. Imbagħad nitkellmu wkoll dwar l-għaqda li tant għandha bżonn l-umanità.

Ma kellix ħsieb illi ntawwal, imma qed inkellimkom b'qalbi miftuħa. Jalla din il-ġrajja li fiha qegħdin nikkommemoraw il-mija u ħamsa u sebgħin sena ta' din l-istatwa, kapulavur illi jżejjen mhux biss dan it-tempju imma lill-Knisja u lil Għawdex tagħna... jalla fil-preżenza eċċezzjonali, irrid ngħid li bil-ħidma tal-maħbub tagħna l-Arċipriet, irnexxielna nġibu fostna r-Relikwa Insinji ta' San Ġorġ tagħna, aħna nagħmlu talba lil Alla l-Imbierek. U taqtgħux qalbkom! "Ġorġi qalbieni tagħna", hux hekk inkantaw? Hux hekk qal San Lawrenz Giustiniani, "Ġorġi qalbieni tagħna"! Minn fejn ġabha dik il-qawwa tiegħu Ġorġi tagħna? Mill-fidi tiegħu f'Alla Wieħed fi Tliet Persuni, fit-Trinità Qaddisa! Itolbu lil Alla l-Imbierek, nitlob jien magħkom ħalli aħna wkoll f'din l-okkażjoni nirċievu l-grazzja ta' l-Unità, tal-komunjoni. Glorja lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

# Omelija fil-Velja Solenni tal-Qaddisin Kollha

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

Il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2014

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana



Bħal-lum ġimgħa ġejt lura minn esperjenza sabiħa fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet li, kif tafu, kellu bħala tema l-familja. U l-lejla, meta aħna qegħdin niċċelebraw il-qdusija, mhux biss għaliex għada Jum il-Qaddisin Kollha, imma għaliex qegħdin taħt il-ħarsa u l-imħabba tal-Patrun tagħna San Ġorġ, hekk għaddej minn moħħi episodju li għext.

Fid-diskussjoni tkellem il-Kap-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, jiġifieri dawk li jagħmlu l-proċess għall-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni. U waqt li ħafna kienu qegħdin jitkellmu dwar kemm hawn problemi fil-familji tagħna u ż-żwiġijiet, dan qal: "Agħmlu daqsxejn il-qalb, għaliex fl-uffiċċju tiegħi, fil-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, hemm lista sabiħa ħafna ta' kandidati biex jiġu ddikjarati beati jew qaddisin, li huma nies tal-familja: jew koppji flimkien, jew missirijiet, jew ommijiet. Qalb il-Knisja, fl-iskjera tal-qaddisin, għandha ħafna li huma membri tal-familja". U biex jagħtina indikazzjoni, beda jgħid: "Mill-Italja, ngħidu aħna, hawn tnax-il kawża; mill-Amerika hemm ħmistax...". Imbagħad qal: "Minn Malta, hemm kawża". U ngħidilkom is-sew jiena ftaħt widnejja! Jien naf li hemm il-kawża ta' Madre Margerita [De Brincat], naf li hemm il-kawża ta' Monsinjur [Ġużeppi] De Piro, imma ma kontx naf li hemm ukoll kawża ta' koppja minn tagħna. Naf li hemm koppja, il-koppja [Heny u Ineż] Casolani, m'ilhomx li mietu, illi d-Djoċesi ta' Malta ġie li għamlet diskors biex tippreżentahom għall-kanonizzazzjoni. U allura x'ħin mort lura lejn fejn kont qed noqgħod, ċempilt, ikkomunikajt ma' Mons. [Anton] Gouder u għidtlu: "Għidli ftit, il-lum fis-Sinodu kien hemm aħbar sabiħa dwarna l-Maltin u l-Għawdxin. Għal li jista' jkun, min hi dik il-koppja?". U kkonfermali: "Snin ilu għamilna talba biex jinbeda l-process". Għax qabel ma tibda Proċess, trid tagħmel talba lill-Kongregazzjoni biex jagħtik il-*go ahead*. Qalli: "Agħmilna talba, imma kollox għadu fuq l-ixkaffa". Allura sa hawnhekk l-esperjenza tas-Sinodu.

Imma mbagħad jien u naħseb, jiena għidt: Jien ma naqbilx mal-Kardinal Prefett tal-Kongregazzjoni, illi minn Malta hemm kawża waħda; li f'Malta u Għawdex għandna biss koppja waħda fit-triq tal-qdusija. Għax jien konvint, u l-lum bħala Isqof tagħkom kbirt f'din il-konvinzjoni, illi fostna, magħna, għandna ħafna koppji, ħbieb tiegħi li huma kanonizzabbli, jiġifieri nista' nippreżentahom għall-qdusija. Jien ġie li nkun għaddej mit-toroq tagħna – imma l-aktar bil-lejl – u nibda ngħid, waqt li jkun hemm dik il-ħemda fit-triq: Imma min jaf x'esperjenza ta' umanità u ta' spiritwalità, ta' qdusija qiegħda sseħħ wara dawk il-bibien u t-twieqi magħluqin! Jiġifieri nkun għaddej minn Triq Palma, inkun għaddej minn Triq Vajringa, ħa nagħtikom eżempju biex tifhmuni! U nista' nsemmi t-toroq kollha. Xi kultant jgħaddili dan il-ħsieb, ngħid: It-triq baħħ, imma min jaf wara dawn il-bibien magħluqa x'esperjenzi ta' qdusija qed iseħħu!

Nimmaġina dak il-missier illi matul il-ġurnata ħadem għall-familja u fil-għaxija daħal għajjien u nstabat fuq is-siġġu jew fuq il-mejda, maħlul għall-familja. Nisthajjel dik l-omm illi l-ħin kollu taħseb fi wliedha, x'jonqoshom uliedha, anki jekk iżżewġu. Naħseb f'dik l-omm jew f'dak il-missier illi ma jistax jorqod minħabba l-inkwiet li għandu ma' ibnu jew ma' bintu, imma hu jibqa' jħobbhom. Jien naħseb f'dik l-omm u f'dak il-missier illi qed jieħu ħsieb ibnu marid fis-sodda; jew f'dak l-iben, f'dik il-bint illi qiegħda tikkura b'għożża lil ommha, lil missierha, anzjani, flok ma tagħtithom f'xi *home*. Nista' nibqa' sejjer nagħmel listi bħal dawn, li huma l-esperjenzi tagħkom, li huma l-għaġna tal-ħajja tagħna. U min qed jgħixhom bil-fidi, min hu misjuq mill-imħabba ta' Kristu biex jagħmel dawn l-atti eroiċi, jien għalija qiegħed jaħdem it-triq tal-qdusija, għalija huma persuni li nistgħu npoġġuhom fuq l-altar. U minn dawn, tgħiduli intom, għandna mhux ftit!

Mil-lejla, allura, ladarba l-Knisja qed tfakkarna f'din is-sejħa universali għall-qdusija u f'ħurna l-qaddisin kollha, il-lejla rridu nsaħħu l-fehma tagħna, il-konvinzjoni tagħna. L-ewwel nett, biex kuljum inħallu l-ġmiel ta' Ġesù Kristu jkaxkarna warajh. Għax x'inhi l-qdusija? Kif ħa nsib il-qawwa biex, kif jgħid San Pietru, "inżomm minni 'l bogħod kull ħażen u kull qerq, biex inwarrab il-wiċċ b'ieħor, biex l-għira u kull xorta ta' tqassis iwwarrbu minni"? Kemm hu prattiku San Pietru! Kif ħa nsib il-qawwa biex nibqa' nħobb lil min ma jħobbnix? Kif se nsib il-qawwa biex jien inkeċċi l-ħażen minn ġo fija u minn madwari, jekk ma tkunx din l-imħabba ta' Kristu għalina, illi aħna nindunaw biha?

Jien xi darba naħseb illi nirraġunaw bil-maqlub: aħna naħsbu li l-ewwel irridu nħobbu lil Kristu biex Kristu jħobbna. Imma mhux hekk! Jien irrid inħalli l-imħabba ta' Kristu tistrieħ fuqi, tinżel fuqi, tbejjet f'qalbi, ħalli mbagħad inkun nista' nħobb, inkun nista' nagħmel dawn l-atti erojċi. Allura, min hu kandidat għall-qdusija? Tgħidulix: Min hu qaddis diġà! Għax min hu qaddis, qaddis! Imma kandidat għall-qdusija huwa int u jien, li nagħrfu lilna nfusna midinbin, għax il-qdusija hija sejħa biex il-bniedem, bil-mod il-mod, jinfatam mid-dnub tiegħu u jħalli l-qdusija timlieh, iħalli l-grazzja ta' Alla tfawwar il-qalb tiegħu.

Allura l-lejla rrid ngħid kelma ta' kuraġġ ukoll lil min hu mgħobbi b'xi forma jew oħra ta' dnub, ħalli nagħmlu l-kuraġġ. Is-sejħa għall-qdusija hija sejħa magħmula għalina l-midinbin, u aktar ma nagħmlu esperjenza tal-ħniena ta' Alla – San Pietru jgħidha fil-qari tal-lum – iktar aħna nikbru fil-qdusija. Allura ma nitfixklux, għax jien xi darba nieħu din l-impressjoni illi hawn min qed jitfixkel; x'ħin nagħmlu din is-sejħa għall-qdusija fuq kwalunkwe sfera tal-ħajja, fi kwalunkwe stat tal-ħajja, anki jekk dak l-istat fih innifsu għadu ma jaqbilx mija fil-mija ma' dak li jrid Alla minnu. Il-qdusija tgħid illi jiena u int, bil-mod il-mod, nikkonformaw lilna nfusna mal-pjan ta' Alla. Anki f'dak li għandu x'jaqsam mal-familja, biex ma tiħdux skandli u ma tħallux lil ħaddieħor jagħtikom xi skandlu b'dak li jgħid jew jikteb! Min għandu widnejh, ħa jisma'.

San Pietru jgħidilna: "Jiena nqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka magħżula u għażiża, u min jemmen fiha ma jkollux għax jitħawwad". F'Sijon, il-Mulej poġġielna ġebla magħżula u għażiża, li fuqha jistrieħ il-bini spiritwali. Din il-ġebla bla dubju ta' xejn hija Kristu, iċ-ċentru, il-qofol, il-kollox tal-ħajja tagħna. "Għalija li ngħix huwa Kristu", San Pawl. Imma Kristu wkoll għażel lil xi wħud, il-Knisja għażlet lil xi wħud biex tpoġġihom fostna bħal din il-ġebla f'nofs il-belt, għażiża u magħżula, biex tkun għalina ta' għajnuna. U din il-ġebla ċentrali għalina mhux biss huwa Kristu, imma huwa Ġorġi tagħna. San Ġorġ Martri, li din is-sena għamilna ċelebrazzjonijiet biex infakkru l-miġja fostna ta' l-istatwa artistika tiegħu, li ssebbaħ u tqanqal id-devozzjoni ta' tant dixxipli tal-Mulej.

Jien nixtieq illi d-devozzjoni, l-imħabba tagħna lejn il-Patrun tagħna San Ġorġ tgħinna tassew biex inkomplu nsaħħu dak it-tajjeb li hemm fina, inkomplu fil-mixja tagħna għall-qdusija. Ħafna drabi jiġrilna illi tant neżaltawhom lill-qaddisin, illi naqtgħuhom mill-art u allura nibżgħu li ma nistgħux nimitawhom. Nistgħu nimitawhom! Anzi, il-ħajja ta' San Ġorġ turina biċ-ċar illi fl-ordinarjetà ta' ħajtu huwa għaraf iħobb lil Kristu u jagħti xhieda ta' Kristu, anki jekk din swietlu l-martirju. Xi rridu aktar milli jkollna xempju, mudell bħal dan?

Minn qalbi jiena nitlob illi l-ispirtu Ġorġjan ma jmutx fostna, ma jninx, imma jkompli jissaħħaħ. Għaliex? Għaliex min tassew għandu mħabba vera lejn San Ġorġ, daqstant ieħor għandu jkollu f'qalbu xenqa biex jikber fil-qdusija. U jekk aħna mxennqin għall-qdusija, jekk aħna nħallu l-imħabba ta' Kristu ssuqna, kif ġralu San Ġorġ, aħna nistgħu nserrħu rasna illi wara l-bibien u wara t-twieqi tad-djar tagħna, fil-familji tagħna tibqa' tiżvolġi ruħha dik l-esperjenza ta' qdusija illi seħħet sal-lum. Aħna nistgħu nserrħu rasna illi l-familja tagħna, minkejja d-diffikultajiet, ħa tibqa' sservi bħala arena, ġinnasju, fejn il-bniedem, il-membri tagħha jikbru fil-qdusija. U min jikber fil-qdusija, ikun imżejjen bil-kwalitajiet umani u soċjali li tant nixtiequ naraw fil-bniedem tal-lum.

# Diskors fl-Akkademja Mużiko-Letterarja fil-175 Anniversarju ta' l-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex

Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria

Is-Sibt 1 ta' Novembru 2014

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana

## ZOKK MAĦDUM

Quddiemna għandna lil San Ġorġ, statwa tarmi l-ġmiel u s-seħer; imma meta Pietru Pawl Azzopardi beda jaħdem fuqha, din l-istatwa kienet zokk ta' siġra. Bl-artistrija u bl-għodod li kellu, wara li lesta t-taqxir taz-zokk, Azzopardi beda jnaddfu, jaqta' u jirfina sakemm bil-mod il-mod bdiet ħierġa l-figura ta' dan il-Kavallier ta' Lidda li mhux biss iżżejjen dan it-tempju imma wkoll lil qlubna. Fil-fatt, propju waqt li kont dieħel hawn il-lejla, ilmaħt waħda anzjana moħbija wara pilastru u stedintha tersaq fin-nofs biex tkun tista' tara l-istatwa ta' San Ġorġ. It-tweġiba tagħha kienet: "Dak jien narah għaliex qiegħed fil-menti tiegħi".

Naħseb li waqt li kien jiskolpixxi z-zokk ta' din l-istatwa, Azzopardi ltaqa' ma' xi ingropp, għoqda, qasma jew tiċrita. Fuq kollox, huwa kellu jaħdem bis-sabar kollu biex din l-għuda mqallgħa, jagħmilha lixxa u sabiħa. Hekk il-lum għandna din l-istatwa ta' qaddis.

X'inhi l-qdusija li naraw tilma f'San Ġorġ? Hija l-ħidma li Alla jwettaq fuq il-bniedem. Dak Alla li qaddes lil Ġorġi huwa l-istess li jqaddes lilna.

Din l-istatwa ma tweldītx sabiħa, imma kien l-artist li ħareġ dan il-kapulavur. San Ġorġ ma twelidx qaddis, imma maż-żmien libes il-qdusija. Jekk aħna nippruvaw nagħmluh qaddis minn ġuf ommu, naħseb li ma nkunux realistiċi, għaliex il-qaddis huwa dak li bil-mod il-mod jikber fix-xebh tiegħu ma' Kristu.

Kull wieħed u waħda minna qisu zokk, anki xi ftit imqalla'. L-artist huwa l-Ispirtu ta' Alla. Aħna rridu nħalluh jaħdem fina biex joħroġ dik ix-xbieha li hemm fina li konna maħluqa fuq ix-xebh ta' Alla. Ma nistagħġbux jekk f'ħajjitna jkun hemm l-ingroppi jew għoqod jew tiċrit. L-artist divin huwa kapaċi jdur ma' l-ingroppi,








ineħħi l-għoqod u jimla t-tiċrit biex minn kull wieħed minna joħroġ il-ġmiel u l-qdusija. Huwa importanti li fuq l-eżempju ta' San Ġorġ inħallu l-Ispirtu ta' Alla jaħdem fina – aħna min aħna u tkun xi tkun il-qagħda tagħna. Ma hemm ebda zokk li ser jaqta' qalb l-imgħallem li jrid joħroġ minna xbieha sabiħa.

Meta nitkellmu fuq San Ġorġ ħafna drabi aħna nieqfu nirriflettu fuq il-martirju tiegħu; imma San Ġorġ ma kienx ser jagħmel l-għażla tal-martirju kieku matul il-pellegrinaġġ ta' ħajtu hu ma għamilx għażliet żgħar li ħejjewh għall-għażla l-kbira. Huma dawn id-deċiżjonijiet iż-żgħar li jħejjuna biex meta jkun il-waqt, ma nibżgħux nagħtu xhieda tiegħu, anki jekk dan ikun jiswielna prezz għoli!

San Ġorġ huwa kbir għaliex il-grazzja ta' Alla strieħet fuqu u għamlet minnu stilla tiddi li għadha tarmi d-dawl (qdusija) tagħha. Nawgura li ċ-ċelebrazzjonijiet li saru matul din is-sena biex ifakkru l-mija u ħamsa u sebgħin sena ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, iservu bħala stimolu biex il-membri fi ħdan il-komunità parrokkjali jixxenqu għal gradi ogħla ta' qdusija. Nirringrazzja lill-Arċipriet [Pawlu] Cardona għall-attivitajiet spiritwali, liturġiċi u kulturali li bihom insiġtu din is-sena speċjali. Jekk wieħed irid ikejjel is-suċċess ta' dawn il-festi, nistiednu jħares f'għajnejn il-komunità parrokkjali u jara jekk fihom jilmaħx *stilel* li bħal San Ġorġ jarmu d-dija tal-qdusija.

## Ġorġi tagħna, Ġorġi magħna

Minn tal-qaddisin ta' Kristu
għandna bosta fdalijiet,
anki tal-Kbir Martri Ġorġi,
għalkemm tgerrbu ż-żminijiet.

Il-kult lejh beda mill-ewwel,
fejn midfun huma indikaw,
ħbiebu Nsara b'żelu ġabru,
il-fdal tiegħu ppreservaw.

Lilu talbu b'devozzjoni,
tagħhom l-hemm huma stqarrew
fuq il-qabar ġewwa Lidda
u mirakli tant seħħew.

Bosta huma fdalijietu
li fl-Ewropa l-lum qegħdin,
f'katidrali u fi knejjes
fejn b'tant għożża mimmumin.

Ġo Ferrara u l-Velabro
żewġ relikwi meqjumin,
ġewwa Como u bliet oħra
bosta oħra mifruxin.

F'Lulju b'ferħ nilqgħu f'gżiritna,
ġo dal-maqdes wisq għażiż
id-Driegħ tiegħu minn Venezja,
ta' dan Ġorġi l-Kbir qaddis;

fl-okkażjoni tant speċjali
tal-mija w ħamsa w sebgħin
mindu Azzopardi naqqax
statwa tpaxxi 'l-għajnejn.

Għawdex stagħna b'dina l-arti
ta' dil-vara wisq mis-sbieħ,
l-ewwel waħda titulari
ta' San Ġorġ glorjuż, rebbieħ.

**Raymond Caruana**
23 ta' April 2014

## San Ġorġ dejjem ħarisna 175 sena magħna

**(1839-2014)**

*Fl-okkażjoni tal-wasla ta' l-Istatwa Titulari 175 sena ilu!*

Din is-sena qed infakkru
ġrajja ħelwa, m'hix komuni –
dal-ferħ kollu ġewwa Beltna
għandu bażi u raġuni.

Għax l-istatwa titulari
illi timla l-knisja tagħna
*mija w ħamsa w sebgħin sena*
qiegħda tagħlaq fostna, magħna!

Kien minn tuta illi tnaqqxet
din il-vara hekk sabiħa –
opra illi lilna ssaħħar,
ġawhra sbejħa tarmi l-fwieħa!

X'sengħa w ħila wera l-Mastru
f'dan il-kbir kapolavur!
Min jaf x'ħass meta lil Ġorġi
ma' triqatna rah idur!

Għażiż Ġorġi, ġejt biex tibqa'
f'nofs il-qalb tagħna l-Għawdxin
u ssaltan ġewwa l-maqdes
kollu rħam u deheb zekkin.

U biex dan l-anniversarju
ma jintesa qatt u qatt
minn Venezja ġibna 'l Driegħek
illi hu fuq fomm kulħadd.

Għax il-kult universali
illi tgawdi kullimkien
kull ma jmur dejjem jinfirex –
ma jagħmillu xejn iż-żmien!

U mill-bogħod tal-Kappadoċja
infidt anki l-qlub tagħna,
u żewġ tempji tellajnielek –
imkabbrin bihom arana!

Wieħed qiegħed fil-Belt Pinto
u l-ieħor fil-Belt Victoria,
sabiex b'hekk ix-xbieha tiegħek
tibqa' f'qalbna, fil-memorja.

Dik ix-xabla, il-kurazza,
dak il-elmu, dak il-ħżiem,
dik il-palma, ħaddejk ħomor
ma jonqoshom xejn ħlief kliem!

Grazzi illi l-lum dawwaltni
biex inferra' t-tifħir
fuqek, Ġorġi, rebbieħ, qawwi,
u tal-Knisja martri kbir!

Bierek lill-Ġorġjani kollha,
u lil dawk illi jħobbuk,
berrħilna bibien il-Ġenna
għal meta niġu ngawduk.

Iżda dment li għadna hawn isfel
minn taħt ħarstek titlaqniex,
żommna taħt il-mantell tiegħek
u minn hemm la twarrabniex!

Kif fi żmienek ħlist lit-tfajla
li ried jibla' d-dragun,
f'dan is-seklu mħarbat tagħna
eħlisna minn kull kaġun!

Ħalli mbagħad bir-raġun kollu
ilkoll ngħajtu: "Ġorġi tagħna!
Inti l-mimmi ta' għajnejna,
qalbna kollha bik tistagħna!".

Bierek lil dan Għawdex tagħna
f'din is-sena hekk speċjali;
inwiegħduk, aħna wliedek,
lejk nibqgħu dejjem leali!

**Kav. Joe M. Attard**
Il-Belt Victoria, Għawdex
2014

# "San Ġorġ. L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex"
## Kumitat Storiku-Kulturali Bażilika San Ġorġ
## (Ed. Francesco Pio Attard), Malta 2014, 130 paġna
**Riċensjoni ta' Dun Geoffrey George Attard**



SAN ĠORĠ
*L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex*

Meta ġie f'idejja għall-ewwel darba l-ktieb *San Ġorġ. L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex* maħruġ mill-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, tal-Belt Victoria, Għawdex, l-ewwel ħsieb li għadda minn moħħi kien li bħal vojt kbir kien qed jimtela, lakuna fonda kienet qed issib il-milja tagħha f'dik li tista' titqies bħala l-ġrajja ta' waħda mill-'ikoni' Nsara Għawdxin l-aktar popolari u l-aktar familjari mal-poplu tagħna b'mod ġenerali. Dan qed ngħidu għax ftit huma dawk l-Għawdxin, biex ma ngħidx Maltin, li malli jaraw l-istatwa ta' San Ġorġ ta' Azzopardi ma jqegħduhiex fil-kuntest propju tagħha – dak ta' l-ewwel statwa titulari ta' l-Għawdxin. Għaldaqstant dan il-ktieb li dwaru se nikkummenta b'mod liberu u popolari mingħajr ix-xewqa li nkun b'xi mod jew ieħor xjentifiku jew formali, għandu valur preċiż u huwa żieda sabiħa fil-kollezzjoni ta' min jgħożż b'ħerqa l-*Melitensia* fis-sens l-aktar wiesa' tagħha.

### Ġrajja ta' anniversarju

Aħna l-Maltin u l-Għawdxin għandna ħabta kif infakkru l-anniversarji. Anzi, nazzarda ngħid, għandna ħabta kif ma ninsewhomx, kif ma nħalluhomx jaħarbulna minn taħt għajnejna. Ċertament, aħna poplu li ngħożżu 'il-memorja'. F'dan il-qasam, diġà jiġu f'moħħi l-mija u sebgħin sena mill-wasla fix-Xewkija ta' l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista, xogħol l-istess Azzopardi. Kif nista' ma nsemmihx?

L-ewwel nett l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tippuntana u tiddiriġina lejn din ix-xbieha devota tal-Prekursur ta' Kristu, l-istess kif tifel tewmi jfakkrek f'ħuh tewmi miegħu. Imbagħad hemm raġuni oħra għalfejn ma nistax ninsa dan l-anniversarju. Il-Kappillan tax-Xewkija fi żmien il-wasla ta' din l-istatwa ma kien ħadd għajr Dun Nikol Vella, wieħed mill-antenati tiegħi. Dun Nikol kien iz-ziju ta' Dun Pawl Grech min-naħa ta' l-omm, u dan sar Kappillan tax-Xewkija wkoll. In-neputi ta' Dun Pawl Grech kien Dun Pietru Pawl Ciantar, li kellu jsir l-ewwel Arċipriet tax-Xewkija fis-sena 1893. U Dun Pietru Pawl Ciantar jiġi z-ziju ta' Francesca Ciantar, in-nanna paterna li ta' ommi u li kellha wkoll ħuha saċerdot jismu Dun Pawl Ciantar. Familja tassew ta' saċerdoti!

Imma biex ma jiġrix bija l-ħsieb, nerġa' lura fejn kont ħallejt! Aħna poplu ta' memorja. Dan jgħodd l-aktar għall-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat. Naħseb kulħadd jaqbel li din hija parroċċa li tħobb tiċċelebra. Din hija parroċċa li tħobb tfakkar! Din hija parroċċa li tħobb tagħti qima lill-memorja! U meta tagħtiha qima, dan tagħmlu b'mod solenni u ċelebrattiv tassew! Matul din is-sena 2014, l-istatwa ta' San Ġorġ inħarġet tliet darbiet min-niċċa tagħha, l-ewwel f'April, imbagħad f'Lulju u issa dan l-aħħar f'Novembru. Ir-raġuni kienet waħda: il-ġrajja ta' anniversarju. Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn meta tfakkar il-mija u ħamsin sena tal-wasla tagħha. Kienet is-sena 1989 u jien kelli ħdax-il sena. Ma niftakarx li kienu saru festi speċjali. Imma niftakar li minn dak in-nhar 'l hawn, jiġifieri fis-sena 1996, fuq inizjattiva ta' Mons. Ġużeppi Farrugia u bl-approvazzjoni ta' l-Isqof djoċesan Mons. Nikol Ġ. Cauchi u l-Arċipriet Mons. Salv Borg, kien sar xogħol estensiv ta' restawr fuq l-istatwa. Il-kura ta' l-opri artistiċi għandha tkun għal qalb il-Knisja; mhux darba u tnejn li anki fuq livell aktar universali sar xogħol serju ta' restawr bħal meta ġie rrestawrat *Il-Ġudizzju Universali* tal-Michelangelo fil-Kappella Sistina fil-Vatikan. Anki l-Katidral Kattoliku ta' Westminster ta' Londra dan l-aħħar kien għaddej minn fażi ta' restawr. Nemmen li huwa aktar ta' valur li wieħed jirrestawra opri antiki milli wieħed jidħol għal opri ġodda; iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u l-ħsarat li jsiru matul is-snin mhux dejjem ikunu jistgħu jinħlu jistennew aktar żmien sabiex jiġu mħarsa mill-għedewwa naturali tagħhom.

### Fil-qalb ta' poplu

Kull meta naqra kitba fuq l-istatwa titulari ta' San Ġorġ ta' Għawdex ikolli nammetti li din ix-xbieha serqet il-qalb ta' poplu. Għadni niftakar meta wieħed saċerdot li kien qed iservi bħala amministratur fil-parroċċa tal-Fontana (u li ma kienx mill-Belt Victoria) stqarr miegħi kif baqa' mistagħġeb kif fid-djar ta' din il-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù matul il-ġimgħat tat-tberik seta' jilmaħ kullimkien ix-xbieha ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Komplejt nikkonferma kemm tkun konklużjoni ġusta dik li tgħid li San Ġorġ ta' Azzopardi, jew 'San Ġorġ tal-knisja' kif jafuh in-nies, kien tassew seraq il-qalb ta' poplu. Id-devozzjoni lejn il-Qaddis

ta' Lidda mingħajr dubju kienet aktar b'saħħitha fl-irħula ta' Għawdex fil-qedem. Niftakar sew meta saċerdot mix-Xagħra kien qalli li meta kien qed jitrabba, il-familjari tiegħu li jaħdmu fil-biedja kienu jinvokaw lil San Ġorġ sabiex l-uċuħ tar-raba' jagħtu l-frott tagħhom. Dan jaqbel preċiż ma' dak li s-Sur Godwin Vella jikteb dwaru fl-istudju tiegħu f'din il-pubblikazzjoni.

Sal-lum għadna ma nafux preċiż kif u meta daħal fi gżiritna, biex ma ngħidx fi gżirijietna, il-kult lejn San Ġorġ. Jiena nemmen li dan il-kult daħal f'Għawdex b'mod partikulari fi tliet stadji differenti, kull stadju jkompli jibni fuq dak ta' qablu. Jekk il-Biżantini kienu jqimu lil San Ġorġ u lil San Dimitri bħala "id-Djoskuri tal-Kristjaneżmu", mela allura bil-fors li daħal mal-Biżantini. Philip Wilkinson u Neil Philip fil-ktieb tagħhom *Mythology* fis-sensiela *Eyewitness Companions* maħruġ fis-sena 2007 jgħidu hekk dwar id-Djoskuri: *"Castor and Pollux were the two sons of Zeus, king of the gods, and the moral woman Leda. They were widely known as the Dioscuri (from the Greek words* dios kouroi, *sons of Zeus) and were revered by the Romans... for their Roman worshippers, they were more powerful in death than in life"* (p. 89). Ma kinux biss ir-Rumani ta' l-era pagana, repubblikana jew imperjali li kienu jqimuh. Addattawhom għall-fidi Nisranija l-Biżantini, il-werrieta leġittimi ta' l-Imperu Ruman fil-lvant tal-Mediterran. Kull fejn marru ħaduhom magħhom; kienu għalihom bħal karta ta' l-identità navali fuq l-ibħra tal-Baħar Nofsani. San Ġorġ ta' Ġebel Ciantar, il-knisja troglodita fil-limiti tas-Siġġiewi, hija xhieda ta' din il-preżenza Biżantina. It-tieni stadju ta' l-introduzzjoni jew tisħiħ tal-kult Ġorġjan seħħ fi żmien in-Normanni. Bħala ħakkiema militari li ġew ikkristjanizzati u nbidlu mill-Vikingi selvaġġi għan-Normanni Nsara li daħlu għall-wegħda li jipproteġu lill-Papa Girgor VII, dawn il-werrieta tal-Biżantini u l-Għarab fi Sqallija kellhom il-qima tagħhom lejn San Ġorġ. Imbagħad it-tielet stadju seħħ fi żmien il-Kruċjati, meta Malta u Għawdex kienu taħt il-ħakma Anġuvina, imbagħad dik Aragoniża. San Ġorġ huwa l-Patrun ta' Aragona per eċċellenza.

Devozzjoni qawwija u dejjem ħajja bil-fors li hija s-saff tal-wiċċ li nbena fuq saffi ħafna aktar qodma u antiki. Aktar ma jogħlew 'il fuq is-saffi, aktar ikun diffiċli li wieħed jgħarbel il-qiegħ. Il-lum ħadd ma jista' jgħid liema huwa dan il-qiegħ tal-kult Ġorġjan u jitkellem b'ċertezza konklużiva. Imma kif stqarr Dr Paul G. Pisani fl-artiklu tiegħu f'dan il-ktieb, huwa u jikkwota lil François Baudouin, mhux ta' min iwarrab "l-importanza li l-istoriku serju jieħu konjizzjoni wkoll ta' l-istorja orali fejn ma hemmx sorsi oħra" (p. 51).

### Ħarsa sħiħa u oġġettiva

Fil-psikoloġija nitgħallmu li ebda bniedem ma jista' jkun 'newtrali' fil-ġudizzji tiegħu, għax sa minn meta jitwieled jibda jagħmel tiegħu l-ideat ta' l-oħrajn u jifforma, imqar jekk b'mod inkonxju, ġudizzji u opinjonijiet. Dan jgħodd għall-mod ta' kif inħarsu lejn it-teżori artistiċi tagħna, b'mod speċjali dawk li magħhom norbtu affezzjoni partikulari, sentimentali jew familjari. L-istatwa devota ta' San Ġorġ ta' Azzopardi m'hijiex xi eċċezzjoni. Kull min dara ta' kull sena jattendi għall-funzjonijiet tat-Tridu fil-jiem tal-Festa, kull min trabba jżur il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ b'mod regolari u jidħol jinviżta lil San Ġorġ fil-Kappella tal-Kurċifiss (il-lum tas-Sagrament), ma setax ma ntrabatx xi ftit jew wisq b'mod affettiv jew devozzjonali ma' din ix-xbieha li f'dinja li qed issir dejjem aktar sekulari, nilmaħha tieħu dehra dejjem aktar 'tas-Sema'. Is-serenità li tirradja mill-wiċċ smewwi tal-qaddis tikkuntrasta ma' l-istil tal-ħajja mgħaġġla u teknoloġika li nippruvaw bla suċċess nlaħħqu magħha.

Il-ktieb *San Ġorġ: L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex* huwa ġabra ta' artikli jew studji interessanti dwar il-fenomenu li huwa l-ewwel statwa titulari tal-gżira. Nifhem li kien hemm artikli u kitbiet jew studji oħra interessanti dwar l-istatwa ta' San Ġorġ li kellhom jitħallew barra. *"To choose is to lose, to choose is to renounce"*. Niftakar li kien hemm xi żewġ studji oħra ħelwin dwar San Ġorġ tal-knisja fil-Ktieb tal-Festa ta' San Ġorġ 2014. Kont smajt ukoll id-diskors ta' Dr Mark Sagona dwar din l-istatwa u li ġie kkwotat minn Dr Paul G. Pisani fil-ktieb stess. Madankollu wieħed irid jagħmel għażla, wieħed irid ikun selettiv. Anki *"not to choose is to have chosen"*. Tolqotni l-kitba ta' Mons. Ġużeppi Farrugia li fl-opinjoni tiegħi mhux biss huwa namrat ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, imma huwa fuq kollox antropologu ta' ħila, osservatur meqjus, bniedem għaref li japplika dak li jaf għall-kitba u għalhekk joħloq skrittura li biex wieħed japprezzaha, ikun meħtieġ li jaqraha aktar minn darba. Huma importanti wkoll ir-riflessjonijiet frott ta' l-immaġinazzjoni, għax għalkemm din titbiegħed mid-dokumentazzjoni, madankollu tagħti spazju għal aktar riflessjoni, u r-riflessjoni tqanqal il-ħsieb, u l-ħsieb iwassal għar-riċerka, u r-riċerka hija l-għajta tal-verità.

Il-kontenut tal-ktieb sar b'mod sistematiku; dan tqiegħed taħt tliet titli li huma t-Teoloġija, l-Istorja u l-Arti. Fil-fehma tiegħi dawn jevokaw il-programm pastorali li kien anki tnieda matul il-parrokkat ta' Mons. Ġużeppi Farrugia meta t-termini "Fidi – Storja – Kultura" kienu saru sinonimi mal-Parroċċa ta' San Ġorġ. B'dan it-tqassim metodiku, il-ktieb jibni pont bejn l-istorja xjentifika, ix-xjenza tat-teoloġija Nisranija u l-arti li l-lum tiġi studjata wkoll mill-perspettiva xjentifika tagħha. Kif nafu lkoll, matul is-snin inkiteb ħafna dwar din l-istatwa titulari. Ġew anki stampati kotba f'Malta dwar l-istatwi titulari tal-gżejjer tagħna. Qed tinħareġ is-sensiela *Ilwien il-Festi*. Is-Salesjani qed jippubblikaw is-sensiela *The Cultural Legacy of Malta and Gozo*. Fil-Ktieb tal-Festa ta' San Ġorġ li s-Soċjetà Filarmonika *La Stella* tippubblika ta' kull sena f'Lulju, ma tonqosx xi riferenza, xi paragrafu xi mkien jew inkella xi artiklu li jittratta l-istatwa titulari. Għax kif għedna aktar qabel, din ix-xbieha bħal inbidlet f'ikona, bħal ħadet is-sura ta' tieqa miftuħa fuq l-eternità.

Il-kitbiet huma mżewqa tassew. Rev. Dr Richard N. Farrugia mhux biss għandu parti minn nislu mir-Rabat u mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, imma joħloq ir-riflessjoni tiegħu dwar l-istatwa mill-perspettiva tat-Teoloġija; hu jirrikonoxxi li l-istatwa hija "opra tal-grazzja". Tirrifletti l-ispiritwalità ta' min għamilha, liema spiritwalità jidħol garanti għaliha Dr Eugene F. Montanaro meta fil-kitba tiegħu jitkellem dwar Pietru Pawl Azzopardi bħala l-Malti Nisrani mill-Belt Valletta li sawwar l-istatwa. L-artiklu tas-Sur Godwin Vella nieħu pjaċir naqrah u nerġa' naqrah l-ewwel nett minħabba l-valur intrinsiku tiegħu li jittratta lil San Ġorġ u x-xbieha tiegħu minn perspettivi li ftit li xejn ġew studjati jew innotati qabel, imma wkoll minħabba li kitbietu – imqar jekk għandha t-timbru pekuljari tagħha – inħoss li tevoka lil dik ta' ziju u ħabib kbir u antik tiegħi l-Kanonku Nikol Vella Apap. Li Dun Nikol kien Ġorġjan m'hemmx għalfejn ngħiduh sakemm ma rridux nistqarru l-ovvju; li Dun Nikol injetta lil dawk li kienu jiġu minnu jew jafuh bi mħabba lejn San Ġorġ huwa msarraf f'esperjenza li tinħass ukoll f'din il-kitba li hija oġġettiva daqskemm hija ħerqana. L-artiklu ta' Paul Cassar huwa ġawhra oħra fil-kuruna ta' kitbiet li jittrattaw lil San Ġorġ ta' Azzopardi fl-isfond artistiku veru tagħha, u allura rroddu ħajr lill-pubblikaturi u lill-imħuħ wara dan il-ktieb li għażluh, biex ma ngħidx 'eleġġewh' minn fost l-istudjużi ta' l-arti f'Malta, ħalli jinseġ din il-kitba u

jissokta f'paġna 53...



# Il-Logo Uffiċjali tal-Festi tal-175 Anniversarju ta' l-Istatwa Titulari ta' San Ġorġ

SAN ĠORĠ
L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex
175 SENA

Fl-okkażjoni tal-festi speċjali ta' din is-sena ġie mħejji logo biex jintuża matul iċ-ċelebrazzjonijiet li sa jsiru. Fl-istil sempliċi u fl-istess ħin eleganti tiegħu, il-logo jfisser bl-immaġni s-*sinifikat* u l-*iskop* tal-mumenti li ser tgħix il-komunità parrokkjali Ġorġjana fix-xhur li ġejjin.

Fil-logo m'hemm l-ebda immaġni li tokkupa l-parti ċentrali, imma għajn l-osservatur minnufih tmur fuq partikular tax-**xbieha ta' l-istatwa titulari** ta' San Ġorġ Martri li hija l-fokus ta' dawn il-festi.

Minn taħt idu l-leminija naraw għaddejjin żewġ linji: il-**linja ħamra** li tifforma disinn forma ta' ċirku li jdawwar il-logo u l-**linja griża** li tifforma l-figura ta' tliet għoljiet. Iċ-ċirku ffurmat mil-linja l-ħamra u li jisfoka fl-isfond abjad – liema kuluri jevokaw il-Bandiera Maltija – jagħti ħjiel ta' żewġ immaġni li huma marbuta mat-twemmin Nisrani.

L-ewwel nett nilħmu x-xbieha tal-**ħuta** li sa mill-ewwel snin l-Insara adottawha bħala simbolu ta' Kristu nnifsu, tant li l-kelma ħuta bil-Grieg hija ἰχθύς li tifforma l-akronimu tal-kelmiet fil-frażi "Ιησοῦς Χριστός Θεοῦ Υιός Σωτήρ (Iesùs CHristòs THeù HYiòs Sotèr)", li tfisser: *Ġesù Kristu Bin Alla Salvatur*. San Ġorġ kien *dixxiplu* u *martri* ta' Kristu li baqa' fl-imħabba ta' l-Imgħallem (Ġw 15:9), sar jixbhu (1 Kor 11:1) fil-Passjoni tiegħU – bħalma tgħid il-Liturġija tal-Qaddis Megalomartri nhar il-festa tiegħu: *"dominicæ fuit passionis imitator"*.

L-immaġni l-oħra li joħloq iċ-ċirku aħmar hija dik ta' **dgħajsa**, li hija simbolu tal-Knisja u tfakkarna għalhekk li Ġorġi kien Nisrani, membru tal-Poplu l-ġdid ta' Alla li bix-xhieda tiegħu u bid-demm tiegħu xettilha u qawwiha fuq din l-art u issa mis-Sema jintercedi għaliha kontra t-tnassis ta' l-għadu.

Il-linji l-ħomor jiffurmaw fin-naħa ta' fuq tal-logo s-sinjal tas-**Salib aħmar fi sfond abjad** li hu simbolu ta' Kristu Rebbieħ u huwa wkoll l-istendard tar-rebħa ta' San Ġorġ. Il-**ħarsa merfugħa** ta' Ġorġi tistrieħ fuq is-sinjal tas-Salib: huwa s-Salib ta' Kristu l-qawwa u l-ftaħir tiegħU (ara Gal 6:14).

It-**tliet għoljiet** huma simbolu tal-gżira Għawdxija li hija marbuta ma' Ġorġi, il-*"vindex insulam"*, il-Harries tagħha mhux biss fl-imgħoddi imma wkoll f'dawn iż-żminijiet ta' evanġelizzazzjoni ġdida. **Id** San Ġorġ tidher bħal qed tressaq lill-gżira Għawdxija lejn is-Salib ta' Kristu. Fil-fatt l-iskop ta' dawn il-festi huwa li jkunu mument ta' tiġdid spiritwali għall-komunità Nisranija Għawdxija biex tkun xhud, martri ta' Kristu fi żminijietna, partikularment f' din is-sena meta qed tiċċelebra l-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha bħala Djoċesi u li f'dawn is-snin qiegħda tgħix il-Viżta Pastorali – is-Salib u t-Tliet Għoljiet flimkien jevokaw ukoll xi ftit il-logo tal-Viżta.

Fin-naħa ta' isfel tal-logo nsibu l-kelma **"San Ġorġ"**, isem li waħdu jgħid kollox, kif ukoll ir-raġuni ta' dawn il-festi: **"l-ewwel statwa titulari f'Għawdex"**, **"175 sena"** – mill-1839 sal-lum 2014 – ta' xbieha li bi sbuħitha tgħaxxaq il-qalb ta' kull min jaraha u tnissel fl-Insara x-xewqa għas-Sbuħija Nfisha, dik li biha hu mżejjen Ġorġi, jiġifieri ta' Alla nnifsu.

...jaqbad minn paġna 51

b'dan il-mod, konxjament jew inkcxjament, komplew jagħtu wisa' lill-kittieba/studjużi żgħażagħ li għandna fil-Gżira tat-Tliet Għoljiet.

**Ir-ritratti jgħidu storja**

Inħoss li din il-kitba riflessiva tiegħi ma tkunx sħiħa jekk ma ngħidx kelmtejn fuq ir-ritratti li jżewqu u jimmortalizzaw dan il-ktieb. Tippermettuli ngħid li r-ritratti joħolqu *colpo di scena*? Inkun nazzarda jekk nipprova ninkarna ħsieb moħħkom il-qarrejja u ngħid li ħadd qatt ma basar li kellna f'idejna daqstant ritratti dwar ix-xbieha titulari tal-qaddis tagħna? Kif jgħidu bl-Ingliż, *I for one* stagħġibt! Imma fraħt ukoll! U hawnhekk ippermettuli nkun ftit lawdatorju fil-konfront ta' nisel razzi! Qabel kollox irrid ngħid prosit lil min ġabarhom! Prosit ukoll lil min għażilhom! Lura għal li kont se ngħid!

Fil-kotra tar-ritratti jien stajt nilmaħ liz-ziju ta' missieri, Feliċ Attard. Imwieled fir-Rabat, Għawdex nhar il-21 ta' April 1917 u mgħammed l-għada f'San Ġorġ, id-destin daħaklu liz-ziju ta' missieri, jew il-pro-ziju biex insejjaħlu hekk, għax bħal donnu riedu Ġorġjan sa minn ġuf ommu! Jewwilla m'huwiex il-21 ta' April, jumejn qabel San Ġorġ! Inċidentalment għeluq snin ir-Reġina Eliżabetta II, nhar San Anselmu! U Ġorġjan kbir tassew kellu jkun, imqar jew imwieled minn Iljuni; għax il-bużnanna Delina kienet oħt Dun Tarċisju Gatt u Ljuna tassew. Missierha kien Ġorġ Gatt li ħareġ jgħajjat: "'Leone' ikun jisimha!". Kien wieħed mill-ewwel grupp ta' bandisti li ffurmaw il-Banda ta' Ljun. U omm Delina kienet Mariroż ta' Qaraboċċu, Iljuna oħra! Imma għandu jkun, l-Iljuni jnisslu l-Istilel, kif kien iħobb jgħid b'ċajta z-ziju l-ieħor ta' missieri, Anton Attard 'ta' Kunċetta'! Ħuduha b'ċajta!

Hu x'inhu, fil-kotra tar-ritratti f'dan il-ktieb, jidher Feliċ Attard, l-ewwel wieħed li refa' l-Umbrellun tal-Bażilika, wieħed mill-parruċċani ta' San Ġorġ li id f'id ma' Mons. Emanuel Mercieca u s-Sur Paul M. Cassar tħabtu, l-ewwel biex jaraw lil San Ġorġ parroċċa awtonoma, imbagħad biex jaraw lil San Ġorġ Bażilika u Kolleġġjata! Kemm għandna għax tassew inkunu grati għal nies bħal dawn! Feliċ Attard jidher (sa fejn stajt nagħraf u forsi f'ritratti oħra wkoll fejn jien m'għaraftux) fir-ritratti fuq paġni xii, 72, 78 (preċiż quddiem l-istatwa fin-nofs kważi taħtha), mill-ġdid f'paġna 84 fis-solita poża tiegħu, f'paġna 88 qiegħed jiftaħ it-triq quddiemu biex tgħaddi l-istatwa, f'paġna 92 bħala l-persuna l-aktar ċentrali. Imbagħad fir-ritratt ta' paġna 104 fuq il-lemin taħt it-tribuna jidher ibnu l-mibki Victor Attard li miet qasir il-għomor u li ma kienx iġib għajb lil missieru fl-imħabba lejn San Ġorġ.

Fil-kotra tar-ritratti jispikkaw numru ta' saċerdoti. Qatt ma kont għadni rajt lill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca – sekondu kuġin tan-nannu Baskal (ommijiethom kuġini u n-nanniet maternali tagħhom aħwa) – f'ritratt ta' San Ġorġ ħiereġ mill-knisja fil-Festa. L-Arċisqof jidher fir-ritratt ta' paġna 70 u jidher qed jitbissem. Kważi quddiemu preċiż jidher is-Sur Paul M. Cassar, fuq il-parti tax-xellug tar-ritratt, x'aktarx qed iħarsu lejn il-palk li fuqu kienet toqgħod il-Banda qabel ma kabbru l-pjazza. L-Arċisqof jidher aħjar fir-ritratt ta' paġna 78 fin-nofs preċiż tal-folla li hemm fuq it-taraġ quddiem l-istatwa; warajh preċiż hemm Dun Ġużepp Borg ta' Kuzzitu u mill-ġdid quddiemu, bl-eċċezzjoni ta' persuna, hemm Paul M. Cassar.

Kienet tkun ħaġa sabiħa kieku ġie inkluż ir-ritratt ta' San Ġorġ tiela' mit-Tigrija quddiem il-Kurja li deher fit-tieni paġna tal-ktieb ta' Jeremy Boissevain bl-isem *Saints and Fireworks*, fl-edizzjoni ta' l-1993. Kont ktibtilhom lil tal-*Progress Press* biex nistaqsihom kinux żammew xi kopja tiegħu, imma ma kelli ebda tweġiba. Xtaqtu dak ir-ritratt l-ewwel nett minħabba San Ġorġ u t-tieni għax fih jidhru n-nannu Baskal u missieri Ġużeppi. Min jaf, forsi għada



pitgħada għad nakkwistawh!

Tkun ħaġa sabiħa kieku xi wħud minn dawn ir-ritratti jsir studju fuqhom u jingħata numru lill-persuni li għandhom jistgħu jintagħrfu u jiġu mogħtija l-isem. Biċċa xogħol iebsa tkun din! Imma hu x'inhu, il-ktieb huwa komplut b'dawn ir-ritratti.

**Konklużjoni**

Kemm nonfqu flus fix-xejn! Mela kemm tkun ħaġa sabiħa kieku kull familja fil-parroċċa takkwista dan il-ktieb. Joħorġu ħafna kotba, imma mhux il-kotba kollha għandhom l-istess valur! Jekk San Ġorġ huwa, fi kliem il-mibki Kanonku Mejlak, "dejjem f'qalbna", wieħed m'għandux joqgħod lura milli jakkwistah u jaqrah! San Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti msemmi għall-Martri l-Kbir ta' Lidda u wild il-parroċċa ta' San Duminku li nqatgħet awtonoma mill-Arċimatriċi Ġorġjana ta' Ħal Qormi, kien iħobb jgħid li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid! U hekk hu tassew!

Imbagħad, lil dawk li ħadmu biex dan il-ktieb sar realtà, m'għandniex kliem għalihom. Ħa jkun grat u ġust lejhom u magħhom il-ġejjieni li għadu fi ħsieb Alla u li mal-mixja tas-snin japprezza aktar dak li għandu u jixtieq iweġġaħ dak li hu tiegħu!

Fl-aħħar u mhux l-inqas, jalla din il-kitba monumentali tgħollilna ruħna 'l fuq biex ma' missirijietna l-Insara ta' dawn l-elf sena u aktar ngħajtu u ntennu l-għajta tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada: "San Ġorġ, dejjem ħarisna!".

# Anniversarji Presbiterali

25 Sena

**Il-Kanonku Manwel Buttigieg**



Dun Manwel twieled il-Belt Victoria, fl-24 ta' Ottubru 1959. Wara l-istudji primarji u sekondarji, hu daħal fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex biex beda l-kors ta' formazzjoni għas-saċerdozju. Qatta' s-sena intermedjarja tiegħu f'Ruma, fejn ħadem bħala gwida tal-pellegrini fil-Katakombi ta' San Bastjan fuq Via Appa Antica. Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fil-Katidral ta' Għawdex, nhar l-24 ta' Ġunju 1989, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-Bażilika ta' San Ġorġ fid-9 ta' Lulju.

Wara l-Ordinazzjoni, hu kien Vigarju Parrokkjali għal erba' snin, u għallem ir-Reliġjon fil-Liċew ta' Għawdex bejn l-1994 u l-2000. Wara dan, hu ssokta jaqdi bosta uffiċċji fil-Kurja Veskovili, fl-Uffiċċju Pontifiċju tal-Missjonijiet u fl-Arkivji Ekkleżjastiċi.

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ hu serva għal bosta snin bħala Ċerimonier tal-Kapitlu u bħala Direttur ta' l-Abbatini. Fis-17 ta' Lulju 2009 hu ħa l-pussess bħala Kanonku Effettiv tal-Kapitlu Ġorġjan.

40 Sena

**Dun Charles Cini SDB**

Dun Charles twieled il-Belt Victoria, fis-22 ta' Awwissu 1944.



Fl-1962 daħal mas-Salesjani ta' Don Bosco f'Katanja, Sqallija, u fl-14 ta' Lulju 1974 ġie ordnat saċerdot fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex. Fl-istess okkażjoni ġie ordnat saċerdot ukoll Dun George Mercieca, ukoll mgħammed San Ġorġ, li mbagħad minn Salesjan sar saċerdot djoċesan. Dun Charles iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-18 ta' Awwissu.

Fl-1976, Dun Charles beda kors tat-Teoloġija Pastorali fl-Università Pontifiċja Salesjana f'Ruma. Fl-1982, ġie intgħażel bħala Delegat Provinċjali għas-Salesjani f'Malta, u fl-1985 sar Delegat Dinji għall-*Past Pupils* Salesjani f'Ruma. Ħadem ħafna fost iż-żgħażagħ, speċjalment dawk bil-vizzju tad-droga.

Fl-1991, Dun Charles ġie ddekorat bħala Kavallier tar-Repubblika Taljana mill-President Francesco Cossiga u Kavallier ta' l-Ordni Francisco De Miranda minn Carlos Andres Perez Rodriguez, President tar-Repubblika tal-Veneżwela. Fl-2011, hu ġie mogħti wkoll il-ġieħ ta' Kavallier tal-Grazzja Ekkleżjastika ta' l-Ordni Sagru u Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ (Malta).

Dun Charles baqa' jgħożż ħafna l-Parroċċa tiegħu ta' San Ġorġ. Ippromova l-arti u l-istorja tal-Bażilika tagħna f'bosta kotba li ħareġ, ewlenin fosthom *Gozo, the Roots of an Island* fl-1990 u l-volum lussuż *St George, Gozo's Golden Basilica* fl-2011, dan ta' l-aħħar b'ritratti professjonali ta' Daniel Cilia

Fl-1998, hu kien wieħed mill-imħuħ wara t-twaqqif tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*, u sar l-ewwel President tagħha. Matul is-sitt snin taħt it-tmexxija tiegħu, hu ħadem fuq bosta proġetti, fosthom l-istampar ta' l-edizzjoni *facsimile* ta' l-Istorja ta' Għawdex ta' De Soldanis (1999). Hu għadu President Onorarju ta' din il-Fondazzjoni, li l-lum il-ġurnata tmexxi l-Mużew tal-Bażilika, li kienet il-ħolma oriġinali sa mit-twaqqif tagħha minn Dun Charles.

Fil-Parroċċa għandna bosta għotjiet sbieħ ta' Dun Charles, bħas-sett ta' pasturi taċ-ċeramika minn Sciacca (1997), il-kwadru tal-Madonna u l-Bambin fis-Sagristija (2011), u għadd ta' kotba fil-Librerija Parrokkjali.

50 Sena

**L-Arċipriet Monsinjur Carmelo Mercieca**

Għalkemm issa ilu tnejn u erbgħin sena Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija, Mons. Karm Mercieca hu oriġinarjament mill-Parroċċa Ġorġjana u fil-fatt għamel l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar is-7 ta' Ġunju 1964.

Dun Karm twieled ir-Rabat fil-15 ta' Settembru 1941, u ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace nhar il-5 ta' April 1964, fil-Katidral ta' Għawdex. Immedjatament wara l-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, l-Isqof tah f'idejh ir-responsabbiltà ta' l-Oratorju Don Bosco fil-Belt Victoria, fejn kien ukoll maħtur Viċi-Parroku fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħatar lil Dun Karm Arċipriet tax-Xewkija fl-età ta' 31 sena, nhar is-6 ta' Frar 1972, uffiċċju li għadu jaqdih bl-akbar dedikazzjoni sal-ġurnata tal-lum.

# Nifirħu lil...

• **Is-Sur Paul M. Cassar**, li fi Frar 2014 ġie elett bħala



President tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*. Is-Sur Cassar hu meqjus bħala figura mill-aktar importanti fl-istorja reċenti kemm tas-Soċjetà u l-Banda *La Stella* u kemm tal-Bażilika u l-Parroċċa ta' San Ġorġ. Bejn l-1955 u l-1995 kien membru fil-Kumitat tas-Soċjetà *La Stella* fejn fost l-oħrjan kellhu sehem ewlieni fil-bini tal-kumpless tal-Każin *La Stella* u t-Teatru Astra. Kien fost il-promoturi biex sar it-tkabbar ta' Pjazza San Ġorġ, għat-trasferiment tal-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju, kif ukoll għall-avvanzi onorifiċi li kisbet il-Parroċċa ta' San Ġorġ mis-Separazzjoni sat-twaqqif tagħha bħala Kolleġġjata Urbana. Bejn l-1958 u l-1961 kien elett membru għall-Belt Victoria fl-ewwel kumitat tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. Aktar reċenti, fis-sena 2000 ġie elett Sindku tal-Belt Victoria, kariga li dam jokkupa sal-2003. Is-Sur Cassar hu wkoll Kavallier ta' l-Ordni Ekwestri tas-Santissmu Sepulkru. Fuq livell professjonali hu kien il-Bibljotekarju ta' Għawdex bejn l-1952 u l-1994.

Nifirħu wkoll lill-bqija tal-**membri tal-Kumitat Ġenerali** tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* li ġew eletti fl-elezzjoni li saret lejn tmiem Jannar 2014.

• **Ino Attard**, bandist tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u membru ħabrieki tal-Parroċċa tagħna, speċajlement fi ħdan il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira, li flimkien mal-familja li tagħha hu l-iben il-kbir, huma r-rebbieħa tal-43 edizzjoni tal-Premju *Qalb tad-Deheb* 2013. Dan il-Premju jingħata kull sena mill-Istitut tal-Familja *Papa Ġwanni Pawlu II* fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex, tradizzjonalment magħruf fostna bħala ċ-Ċentru ta' Kana, lil familja Għawdxija fejn ikun twettaq att erojku li jixraqlu r-rikonoxximent tas-soċjetà kollha.



Ino u l-familja tiegħu ngħataw il-Premju minħaba fil-ġest tassew nobbli li hu għamel ma' ommu Carmela, armla għal dawn l-aħħar sittax-il sena, meta f'Ottubru 2013 għadda minn intervent mediku serju li fih ta kilwa lil ommu u b'hekk prattikament raddilha l-ħajja mill-ġdid! Dan biex ma nsemmux id-disponibbiltà ġeneruża li biha hu dejjem lest ipoġġi wara dahru l-impenji l-oħra kollha biex jara li ommu u t-tliet ħutu l-oħra m'huma nieqsa minn xejn.

Ix-*shield* tal-Premju ġie ppreżentat lill-Familja Attard mill-President ta' Malta Dr George Abela, fil-preżenza ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, nhar is-Sibt 15 ta' Frar 2014, f'ċerimonja li nżammet fl-Istitut tal-Familja *Papa Ġwanni Pawlu II* fil-Belt Victoria. Is-serata, li għaliha kien preżenti wkoll Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, kienet imżewqa bil-kant tal-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Dr John Galea.

Nafu biżżejjed kemm Ino, bħala mastrudaxxa fuq il-passi tal-mibkija missieru Ġorġ u nannuh Baskal 'ta' Kunċetta', it-tnejn Ġorġjani kbar, jagħti kontribut siewi ħafna u spiss mingħajr ħlas lill-Bażilika ta' San Ġorġ u lill-Għaqda tal-Armar fi ħdan is-Soċjetà *La Stella*.

• **Dun Fabio Attard**, li f'Marzu 2014 ġie kkonfermat Kunsillier Ġenerali għall-Pastorali maż-Żgħażagħ fi ħdan il-Kongregazzjoni Salesjana ta' Don Bosco. Hekk kif is-27 Kapitlu Ġenerali tal-Kongregazzjoni Salesjana ħatar lill-Ispanjol Don Ángel Fernández Artime, 53 sena, bħala l-għaxar suċċessur tal-fundatur Don Bosco, fil-jiem ta' wara ġew ikkonfermati l-Kunsillieri l-oħra li jgħinu lir-Rettur Maġġur fit-treġija tas-Salesjani li jgħoddu fuq ħmistax-il elf imferrxa f'132 pajjiż madwar id-dinja kollha, fosthom Malta. Fit-tieni sessjoni tiegħu l-Kapitlu Ġenerali kkonferma fil-kariga tiegħu lil Dun Fabio Attard, Salesjan Għawdxi mill-Parroċċa tagħna, bħala Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ. Għall-mistoqsija li skond il-prassi r-Rettur Maġġur il-ġdid għamel lil Dun Fabio, dan wieġeb: "Inqiegħdu kollox f'idejn Marija u, ejja... naċċetta!".



Dun Fabio Attard twieled fil-Belt Victoria, Għawdex, fit-23 ta' Marzu 1959 u pprofessa bħala Salesjan fit-8 ta' Settembru 1980 f'Dublin, l-Irlanda, fejn għamel in-novizzjat tiegħu. Irċieva d-djakonat fil-11 ta' Lulju 1986, u ġie ordnat saċerdot fl-4 ta' Lulju tas-sena ta' wara fil-Bażilika Ġorġjana. Ħa sehem fis-26 Kapitlu Ġenerali bħala Delegat ta' l-Ispettorija Irlandiża, fejn ġie maħtur Kunsillier għall-Pastorali maż-Żgħażagħ. Kif għamel ma' Chavez, issa Dun Fabio qed ikompli jaħdem mar-Rettur il-ġdid tal-Kongregazzjoni tas-Salesjani ta' Don Bosco.

**Ritratt:** ANS

• **Il-Kan. George J. Frendo**, Assistent *Maestro di Cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ u Direttur tal-Kor *Laudate Pueri*, li nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju 2014, fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, irċieva d-dekorazzjoni tas-Salib *"pro piis meritis" pro Merito Melitensi* li tingħata mill-Gran Mastru u l-Kunsill Sovran ta' l-Ordni fuq rakkomandazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni Maltija, bħala rikonoxximent għas-sehem ta' persuna fl-attivitajiet ta' l-Ordni. Iċ-ċerimonja nżammet wara Quddiesa Solenni mmexxija minn Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju ta' Malta, u fiha xi membri tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ngħataw l-opportunità li jkantaw mill-gallarija ta' l-orgni ta' l-Oratorju. Il-preżentazzjoni saret minn Dr Philip Farrugia Randon, President tal-MASMOM, u l-Kanċillier il-Markiż Daniel de Petri Testaferrata.



F'rabta ma' l-Ordni ta' Malta, il-Kor *Laudate Pueri*, li tiegħu Dun George hu d-direttur flimkien ma' oħtu Maria, meta mitlub dejjem offra s-servizzi tiegħu f'ċelebrazzjonijiet ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' San Ġwann, kif ilu jagħmel, ngħidu aħna, sa mill-2009 fil-festa tal-Bambin ta' Praga li tiġi ċċelebrata f'Settembru fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta.



• **Mons. Giovanni Bosco Cremona**, membru tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li b'digriet ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, maħruġ mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex nhar is-6 ta' Ġunju 2014, ġie maħtur Rettur tal-knisja ta' Santa Marta, magħrufa bħala Ta' l-Għonq, fil-Belt Victoria.



Nifirħu wkoll lil **Mons. Renato Borg**, mill-Parroċċa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat, li jaqdi l-ministeru tiegħu f'waħda miż-zoni tal-parroċċa, dik Taċ-Ċawla, li bl-istess digriet ġie maħtur Rettur tal-knisja tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes f'Għajnsielem.

• **Mons. Alfred Xuereb**, li f'Marzu 2014 ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Prelat Segretarju Ġenerali tas-Segretarjat għall-Ekonomija, id-dikasteru ġdid imwaqqaf mill-Papa bħala parti mir-riforma tas-Santa Sede. Fil-prattika dan ifisser li issa Dun Alfred qed jaħdem id f'id mal-Kardinal George Pell, Prefett ta' dan is-Segretarjat responsabbli mill-attivitajiet ekonomiċi u amministrattivi tas-Santa Sede u l-Vatikan. Hu jwieġeb direttament lill-Papa, għax jaġixxi ta' rappreżentant jew delegat tiegħu f'dan is-Segretarjat b'ħidma tant delikata. Minħabba l-impenn li titlob din il-missjoni ġdida tiegħu, Mons. Xuereb, għalkemm għadu residenti mal-Papa fid-Dar Santa Marta, m'għadux jaqdi r-rwol ta' Segretarju Personali tiegħu, xogħol li minn April ġie assenjat uffiċjalment lill-Arġentin Mons. Fabian Pedacchio Leaniz, bis-saċerdot Kopt Mons. Yoannis Lahzi Gaid bħala t-tieni segretarju.



Bi snin twal ta' esperjenza diplomatika fis-Segreterija ta' l-Istat u l-Palazz Appostoliku, Mons. Xuereb kien ġa serva bħala t-tieni Segretarju Personali tal-Papa Benedittu XVI, u f'Marzu 2013, mal-ħatra tal-Papa Franġisku fuq is-Sede ta' Pietru, beda jservi fir-rwol ta' Segretarju Personali tal-Qdusija Tiegħu.

• Dr **David Farrugia**, membru tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u għal żmien twil attiv fil-Grupp taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa *23four>>*, li fl-2014 ġie maħtur membru tar-*Royal College of Surgeons of Edinburgh.*

• **Andrew Formosa u Maria Attard**, voluntiera attivissmi fil-Bażilika Ġorġjana, li ngħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ fil-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar is-Sibt 12 ta' Lulju 2014. Fost il-ħafna ħidmiet fi ħdan l-Uffiċċju Parrokkjali, Andrew huwa wkoll il-kordinatur ta' din ir-rivista *Il-Belt Victoria.*



• **Richard Grech** u **Daniela Sultana**, li ngħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ fil-Bażilika tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ix-Xagħra, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2014. Richard ilu s-snin jagħti kontribut fuq diversi livelli fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment fil-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>*.



## Insellmu lil...

• **Michelangelo Saliba**, bandist tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* għal kważi ħamsin sena, li miet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu 2014, fl-età ta' 88 sena. Il-Funeral tiegħu nżamm fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu, wara korteo funebri minn Triq ir-Repubblika akkumpanjat mill-Banda Ċittadina *La Stella.*

• **Michelangelo Galea**, għal snin twal involut f'karigi diversi fi ħdan il-Kumitat Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li miet nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2014, fl-età ta' 82 sena. Il-Banda Ċittadina *La Stella* akkumpanjat il-korteo funebri tiegħu nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju minn Triq ir-Repubblika għall-Bażilika Ġorġjana, fejn ġie ċċelebrat il-Funeral tiegħu. Barra l-ħidma attiva tiegħu fi ħdan is-Soċjetà, speċjalment fuq il-palk tat-Teatru, lil Ġangu nafuh ukoll dejjem interessat fl-attività tal-Parroċċa. Hu għandu rabta partikulari ma' din ir-rivista *Il-Belt Victoria*, li kienet għal qalbu ħafna, u sa mill-bidu tagħha kien joffri l-għajnuna tiegħu biex tintbagħat bil-posta lill-parruċċani tas-safar u qarrejja oħra.



• **George Vella**, membru tal-Parroċċa tagħna, li miet fit-3 ta' April 2014, fl-età ta' 66 sena. George kien strumentali ferm biex ġew salvati għadd ta' dokumenti storiċi imprezzabbli ta' żmien il-Franċiżi u l-Ingliżi f'Malta, u li l-lum jinsabu ppreservati fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Hu ħadem ukoll biex jitwaqqaf fi Pjazza Inipendenza bust f'ġieħ l-Arċipriet tar-Rabat Saver Cassar. Għal dan u aktar, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2014, l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, ippreżentat lil martu Josephine l-unur *Ġieħ Għawdex*, mogħti kull sena miċ-*Circolo Gozitano.*



• **Dr Alexander Cachia Zammit**, eks-Ministru tas-Saħħa u Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, li miet fit-30 ta' Lulju 2014, fl-età ta' 89 sena. Dr Cachia Zammit kien benefattur kbir tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Hu u martu kienu ħallsu għar-restawr u l-induratura fuq l-Altar ta' Santa Katarina ta' Lixandra fl-1987, u fl-1992 ħareġ il-flus għall-istatwa ta' San Ġużepp li żżejjen waħda min-niċeċ tal-faċċata tal-Bażilika, xogħol fil-fajber ta' Alfred Camilleri Cauchi. Dr Cachia Zammit hu wkoll il-benefattur ta' l-Evanġelarju tal-fidda li għandha l-Bażilika u jintuża fil-funzjonijiet liturġiċi ewlenin. Sandy, kif kien magħruf, kien membru fil-Kabinett ta' Dr George Borg Olivier fis-snin ħamsin u strumentali fil-kisba ta' l-Indipendenza ta' Malta ħamsin sena ilu.



Alexander Cachia Zammit, ġa irtirat minn Ambaxxatur Malti għas-Santa Sede, f'ritratt mal-*Chorus Urbanus* meta f'Awwissu 1990 kanta fl-Udjenza mal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Awla *Pawlu VI* f'Ruma. Jidher ukoll l-Arċipriet Mons. Salv Borg.

## Irrestawrata l-istatwa l-qadima ta' San Ġorġ tal-Ħaġar

Il-Ministeru għal Għawdex, f'kollaborazzjoni ma' *Wirt Għawdex*, għadu kemm temm restawr intensiv fuq waħda mill-eqdem statwi li għandna mxerrda fin-niċeċ madwar il-gżira Għawdxija. Din hi l-istatwa ta' San Ġorġ li tinsab fuq ħajt quddiem il-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani fi Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria.

Għal ħafna snin din l-istatwa kienet mitluqa għal riħha, bil-konsegwenza li minħabba fl-elementi tan-natura u t-traskuraġni umana spiċċat iddeterjorat u saħanistra tkissru partijiet minnha. Matul is-Sajf li għadda, grazzi għall-fondi tal-Ministeru għal Għawdex, *Wirt Għawdex* għamlet analiżi xjentifika fuq kampjuni meħuda mill-istatwa, li tnaddfet minn erbatax-il passata żebgħa. Hekk seta' jitwettaq il-proċess ta' konservazzjoni u restawr meħtieġ, fejn l-istatwa ngħatat il-kuluri oriġinali li kellha fuq il-ġebla.

Din l-istatwa għandha storja interessanti li tulha 'ivvjaġġat' minn post għall-ieħor. Il-post oriġinali tagħha kien f'kantuniera bejn Triq San Ġorġ u Triq il-Librerija fil-ħâra antika tar-Rabat magħrufa bħala San Ġorġ tal-Ħaġar; tant hu hekk li, minkejja li tħarrket minn hemm, xorta fuq fomm il-popolin żammet dan l-isem. Għalkemm ma nafux meta nħadmet, hi xogħol ta' kwalità artistika għolja ferm, u żgur li tmur lura lejn is-seklu tmintax. Biss biss, in-niċċa antika f'dan il-post diġà tissemma f'benefiċċju f'testment ta' Arnoldo Arabi fl-1410. Tant jidher li kisbet popolarità li Edward Caruana Dingli fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor idaħħalha fl-akwarell tiegħu *A street corner in Gozo*, li qiegħed għall-wiri fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti fil-Belt Valletta; hawn ukoll l-istatwa tidher miżbugħa bi lwien differenti, u mhux imqaxxra fuq il-ġebla kif konna nafuha dan l-aħħar.

Fin-niċċa, flok din l-istatwa, il-lum hemm waħda iktar imdaqqsa ta' l-istess qaddis patrun tal-gżira, li kienet inħadmet minn Ġużeppi Agius magħruf bħala "il-Brejbex" fl-1925. Kien għalhekk wara din is-sena li l-istatwa l-antika ta' San Ġorġ tal-Ħaġar sabet ruħha l-ewwel fuq binja quddiem is-Seminarju ta' Għawdex, u mbagħad fuq il-ħajt fl-istess triq fejn tinsab il-lum u issa tista' titgawda fil-ġmiel oriġinali tagħha.

L-istatwa rrestawrata ġiet mikxufa mill-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014, fil-preżenza ta' Franco Masini, President ta' *Wirt Għawdex*, u uffiċjali oħra tal-Fondazzjoni.



## Il-Papa Franġisku jagħtina "Il-Ferħ tal-Vanġelu"

Il-Parroċċa tagħna kienet minn ta' quddiem li ppromoviet l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* tal-Papa Franġisku, imxandra f'Novembru 2013 u meqjusa d-dokument programmatiku tal-pontifikat tiegħu. Minn saċerdoti għal lajċi, minn politiċi għal ekonomisti, jidher li din l-ittra twila ta' Franġisku dwar il-ferħ tal-Vanġelu u l-lingwa li l-Knisja għandha titkellem fl-evanġelizzazzjoni lid-dinja tal-lum, għandha kelma li tgħodd għal kulħadd.

L-inizjattiva sabiħa li ħadet il-Parroċċa ta' San Ġorġ, fil-kuntest tal-festi anniversarji ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ bħala mixja ta' fidi, kienet li fit-tieni ċelebrazzjoni *Is-Siegħa tal-Martri*, is-Sibt 22 ta' Frar 2014, tqassam lill-pubbliku ktejjeb b'silta bil-Malti minn din l-Eżortazzjoni għal kull jum tar-Randan, magħżula apposta minn Dun Richard Nazzareno Farrugia. Il-proposta ntgħoġbot minn bosta parroċċi f'Malta u Għawdex, li talbuna kopji ta' dan is-sussidju, u biex ikun iżjed aċċessibbli għall-Insara f'pajjiżna, tqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku tas-Segretarjat tal-Lajċi ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, www.laikos.org.

Sadattant, it-traduzzjoni uffiċjali ta' l-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Vanġelu* mit-Taljan għall-Malti saret b'inizjattiva ta' *Laikos* minn membru tal-parroċċa tagħna, Francesco Pio Attard, u f'April ġiet ippubblikata fi ktieb mill-*Pubblikazzjonijiet Dumnikani* Maltin.

L-Eżortazzjoni, maqsuma fuq ħames kapitli, hi meqjusa wieħed mill-aktar dokumenti importanti miktub minn Papa fl-aħħar snin, u qanqlet interess qawwi mhux biss fil-Knisja imma anki fid-dinja sekulari. Bl-istil uniku u inċiżiv tiegħu, il-Papa Franġisku jistieden lill-Insara kollha biex, fid-dawl ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida li bħalissa l-Knisja qed tirrifletti fuqha fil-fond, "imiddu pass ġdid ta' evanġelizzazzjoni mmarkat mill-ferħ", u joffri proposti ġodda għat-trasmissjoni tal-fidi fid-dinja tal-lum.



# F'għeluq it-tmenin sena minn meta ndaqq l-ewwel darba l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*

Noel Micallef

Din is-sena jaħbat it-tmenin anniversarju minn meta ndaqq l-ewwel darba għall-ħruġ tal-Purċissjoni ta' San Ġorġ l-innu *A San Giorgio Martire*, mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella (1895-1973), li kien Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* bejn is-snin 1928 u 1951, u versi tal-Prof. Luigi Billion (1860-1939).

Interessanti li l-manuskritt mużikali oriġinali ta' dan l-innu jġib nota, bil-kalligrafija tal-kompożitur innifsu, li tlesta jinkiteb fl-1930. Nafu li ndaqq għall-ewwel darba fl-1931, fil-Programm ta' Lejlet il-Festa fi Pjazza Indipendenza, mill-Banda Ċittadina *La Stella*. Tliet snin wara beda jindaqq, kif għadu sal-lum, nhar il-Festa waqt il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ għall-Purċissjoni, u b'hekk sar l-ewwel Innu l-Kbir f'Għawdex li beda jindaqq għall-ħruġ ta' purċissjoni titulari.

Qabel inkiteb dan l-innu kien hemm żewġ innijiet, it-tnejn lirika u kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia 'Tal-Vers' (1825-1925). Dawn kienu *Su, garzoni all'invitto campione* (1894), miktub biex jilqa' l-wasla ta' l-istatwa ġdida ta' San Ġorġ Rebbieħ ta' Vincenzo Cremona, li kien l-ewwel innu li qatt inkiteb għall-festi esterni f'Għawdex; u *Spento è il drago* (1901).

L-innu immortali *A San Giorgio Martire* jiġi ta' kull sena esegwit lejlet il-Festa ta' San Ġorġ Martri qabel il-marċ singulari li jagħmlu l-Baned Ċittadini *La Stella* u *King's Own* bħala *massed band* fi Triq ir-Repubblika. Jindaqq ukoll waqt il-ħruġ solenni ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ Martri mill-Bażilika Urbana għall-Purċissjoni ta' nhar il-Festa. Kemm ikun mument kommoventi meta l-innu jilħaq il-qofol tiegħu waqt il-*"Gloria"*, bid-daqq tal-qanpiena l-kbira *Ġorġa*, bit-tixjir tal-palm, bl-għajat u ċ-ċapċip tal-folla miġbura f'Misraħ San Ġorġ, flimkien man-noti tal-Banda *La Stella* ħerġin mill-qalb u l-isparar tal-kaxxa infernali! Żgur li dak il-mument ma jintesiex malajr...[1]

Ikun xieraq li nħallu f'idejn il-kompożitur innifsu biex jgħidilna x'ġegħilu jikteb l-innu immortali, billi nġibu hawn artiklu li kien kiteb fil-gazzetta *Leħen il-Belt Vittorja* li kienet toħroġ is-Soċjetà *La Stella* fil-ħamsinijiet. Dan l-artiklu kien ġie ppubblikat f'Marzu 1962.

## L-Innu *A San Giorgio*

kitba ta' Mro Giuseppe Giardini Vella

Billi naf kemm hu għal qalb il-partitarji ta' San Ġorġ dan l-innu, xtaqt nikteb xi ħaġa dwaru bil-ħsieb li kulħadd ikun jaf kemm xejn fuq din il-biċċa xogħol tiegħi li ta' kull festa tqajjem u tferraħ il-partit Ġorġjan kollu.

Nibda biex ngħid li wasalt Għawdex bħala surmast tal-Banda *La Stella* f'Settembru ta' l-1926.[2] Mill-bidu nett, ħafna partitarji u membri attivi tas-Soċjetà bdew iwaqqfuni u jitolbuni nagħmlilhom innu ta' barra għal San Ġorġ. Ngħidha kif inħossha, tgħidx kemm stagħġibt meta rajt li partit hekk entużjażmat għall-qaddis protettur tiegħu kien għadu ma ħasibx biex ikollu l-innu ta' barra.[3] Madankollu l-insistenza bdiet kull ma jmur dejjem tikber sa ma kelli nċedi u nilqa' x-xewqa tal-partit li stenna dan l-imbierek innu mill-pinna tiegħi.

Bdew għalhekk ġejjin waħda wara l-oħra diversi poeżiji li sfortunatament ebda waħda minnhom ma kienet tinżilli, daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra. F'moħħi kelli stampat il-karattru ta' l-Għawdxin li huma nies diffiċli ferm fil-gosti tagħhom u mbagħad għall-kuntrarju dejjem pronti għall-kritika, u għalhekk ġie li kont nistaqsi lili nnifsi x'kien isir minni kieku l-innu ma jingħoġobx, speċjalment meta f'Malta kien hemm xi innijiet tajba mas-saqajn.

Darba fost l-oħrajn, iżda, persuna li l-lum insejt min kienet wasslitli l-poeżija li ħejja l-Professur Luigi Billion, u ħaġa ta' l-għaġeb din malli qrajtha tant għoġbitni li bdejt nikteb nota wara nota bla tqanżiħ, tant li lestejt l-innu fi żmien iqsar milli kont nissopponi.

L-innu daqqejnieh l-ewwel darba f'San Ġorġ ta' l-1931 u nista' ngħid l-unika ħaġa li sabu xi jgħidu l-kritiċi kienet li ried ftit tul ieħor. Ngħid għalija din il-kritika xejn ma nkwetatni għax l-innu ta' San Ġorġ għal dak li hu tul qiegħed stupend, tant li maż-żmien surmastrijiet oħra li kienu sa jiktbu xi innijiet dejjem ingħataw struzzjonijiet


S. Ġorġ f'arma l-art.—
L-introduzzjoni u l-kor ta' tfal ifissru S. Ġorġ fuq iż-żiemel (giovine in arcioni e intrepido) ġej minn banda al-oħra jippriedka l-fidi nisranija (Parlò di Christo all'anime pagane e trionfò)
Is-Solo tat-Tenur, is-Solo tal-Baritonu u d-duett ifissru il-poplu li ikun ġej wara S. Ġorġ u jitolbu bħal ma it-talb S. Stephen (Odi ascolta le preghiere) u ħarisna mill-eresija (Salva a noi dall'eresia).—
It-tieni parti tibda min-numru 7, u tirrigwarda il-martirio u l-glorja ta' S. Ġorġ—
N: 7) – L-isqualli tal-Cornette ifissru li S. Ġorġ ġie arrestat u meħud al martirju.—
L-Andante Religioso ifisser l-Knisja li permezz ta' l-organi tkanta it-trionf tal-fidi nisranija—
N: 8) – Il-kor ta' tfal ifisser l-angli kollha jkantaw il-vittorja ta' S. Ġorġ fuq il-paganesmu u rebaħ iż-żgħażagħ al martirio li ha (Quella fede che tu suggellasti col tuo sangue, volando al Signor)
N: 9) – L-aħħar kor ifisser it-tela ta' S. Ġorġ fis-sema u li ġie milqugħ mill-angli u l-Qaddisin kollha bit-tixjir tal-palm u bil-kant —
Allentre palme agitando le schiere
Dei beati cantavan in ciel
Gloria a Giorgio immortal cavaliere
Al vessillo di Christo fedel —
Giuseppe Giardini Vella 1964

biex jimxu fuq it-tul ta' l-innu tiegħi. Xi ħadd għalhekk kien ħariġha *"short and sweet"*, u tabilħaqq l-innu ntgħoġob u niżel f'qalb kulħadd.

Nista' ngħid li fost il-promoturi ta' dan l-innu kien il-mejjet Arċipriet Alfons Marija Hili, li ġera warajja kemm felaħ biex San Ġorġ ikollu l-innu ta' barra wkoll. Dan l-arċipriet kien minn ta' quddiem nett ukoll biex l-innu jibda jindaqq waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, għaliex fl-ewwel snin l-innu konna ndoqquh biss fit-Tokk, waqt il-programm ta' Lejlet il-Festa. Il-lum sintendi dak li għamilna aħna dak in-nhar qed jagħmlu kulħadd, għax l-idea li jindaqq l-innu waqt il-ħruġ tal-purċissjoni tant intgħoġbot li bdiet dieħla kullimkien.

L-aħħar Gwerra Dinjija kellha x'taqsam ukoll ftit jew wisq ma' dan l-innu. Ħafna jafu li kienet ħarġet ordni f'din il-gwerra li ħadd ma seta' jkanta jew idoqq mużika Taljana. Din l-ordni (stupida u banali) laqtet ukoll dan l-innu minħabba li l-poeżija oriġinali tiegħu hija bit-Taljan. Ħabat tajjeb iżda li fost ir-refuġjati Maltin li ġew joqogħdu Għawdex kien ġie Ta' Kerċem ċertu P. Schembri, li kien Latinista famuż, u dan għamilli pjaċir kbir qalibli mit-Taljan għal-Latin id-diskors kollu. Hekk l-innu seta' jkompli jindaqq mingħajr ma jagħti fastidju lill-awtoritajiet konċernati.

Ir-rapporti u l-għawi, imma, ma naqsux. Infatti waqt li darba kont qed ngħaddi l-innu lit-tfal id-dar tiegħi, ġie pulizija fuqi li talabni mmur l-għassa fuq ordni tas-Supretendent DePiro. Meta dħalt, is-Supretendent fakkarni l-ordni li kienet teżisti għal kant bit-Taljan, u qalli li rrapportaw li qed nikser l-ordni għax semgħu l-kant *"Salve Giorgio"*.

Is-Supretendent semagħni bis-sabar kollu, u meta fissirtlu li l-innu kien qed jitkanta bil-Latin, tant li ppreżentajtlu kopja tat-traduzzjoni, fehimtu wkoll li d-diskors li wasslulu jista' jitqies bħala Latin ukoll u għalhekk ma kelli ebda ħtija. Il-kunċerti tkomplew b'entużjażmu ikbar minn qabel u r-risposta ħadha bil-kif min wara nkixef li mar irrapporta.

U biex nuri kemm l-ordni kienet pjuttost redikola, nagħlaq billi nfakkar episodju li ġara f'dan l-istess żmien ta' gwerra. Kienet ġiet iddoqq programm it-Tokk banda militari Ingliża u b'xorti tajba fost il-bċejjeċ li esegwiet kien hemm xi kompożizzjonijiet Taljani. Dak in-nhar ebda awtorità jew persuna żelanti (li Għawdex ma jonqsux) ma marret tagħmel l-iċken osservazzjoni. Wieħed li nzerta maġenbi mar bid-daħka fuq is-Surmast u qallu: "Ma tafx li hemm ordni li ma tistax iddoqq mużika Taljana?". Is-Surmast, ta' Ingliż intelliġenti li kien, bexxaq xufftejh u wieġbu: "X'tista' ddoqq mela jew mhux mużika Taljana?".

## Ħsibijiet tal-kompożitur fuq l-*Inno A San Giorgio Martire* iddokumentat fl-Arkivji tal-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*

San Ġorġ f'din l-art

L-introduzzjoni u l-kor tat-tfal ifissru San Ġorġ fuq iż-żiemel (*Fermo in arcioni e intrepido*) jiġri minn banda għall-oħra jippriedka l-fidi Nisranija (*Parlò di Cristo all'anime pagane e trionfo*). Is-solo tat-tenur, is-solo tal-baritonu u d-dwett ifissru l-poplu li jkun jiġri wara San Ġorġ u jitolbu biex jisma' t-talb tagħhom (*Odi, ascolta le preghiere*) u jħarsu mill-ereżija (*Salva o noi dall'eresia*).

It-tieni parti tibda min-numru 7 u tirrigwarda l-martirju u l-glorja ta' San Ġorġ Martri.

(No.7) L-iskwilli tal-kurunetti jfissru li San Ġorġ ġie arrestat u meħud għall-martirju.

L-*Andante Religioso* jfisser il-Knisja li permezz ta' l-orgni tkanta t-trijonf tal-fidi Nisranija.

(No.8) Il-kor tat-tfal ifisser l-angli kollha ferħanin ikantaw il-vittorja ta' San Ġorġ fuq il-paganiżmu u li rebaħ il-Ġenna għall-martirju li ħa (*Quella fede che Tu suggellasti col tuo sangue, volando al Signor*).

(No.9) L-aħħar kor ifisser it-telgħa ta' San Ġorġ fis-Sema u li jiġi milqugħ b'ferħ kbir mill-angli u l-qaddisin kollha bit-tixjir tal-palm u bil-kant.

*Mentre palme agitando, le schiere*
*De Beati cantavan in ciel:*
*"Gloria, a Giorgio immortal Cavaliere*
*Al vessillo di Cristo Fedel!"*

Giuseppe Giardini Vella
1964


L-introduzioni u il kor ta tfal ifissru S. Giorg fuk iz-ziemel (Fermo in arcioni e intrepido) igri min banda al-lohra ippredika il fidi nisranijja (Parlò di Christo all'anime pagane e trionfo) Is-Solo ta Tenur, is-Solo tal Baritono u id-duett, ifissru il poplu li ikun igri warα S. Giorg u itolbu biex isma it-talb taghhom (Odi, ascolta le preghiere) u iharisna mill-eresia (Salva o noi dall'eresia) —

It-tieni parti tibda min-numru 7, u tirriguarda il martirio u il gloria ta S. Giorg —

N: 7) - L-isquilli tal Cornette ifissru li S. Giorg gi arrestat u mehud al martiriu. —
L-Andante Religioso ifisser il Knisia li permezz ta l-organi tkanta it-trionf tal fidi nisranijja —
N: 8) - Il kor ta tfal ifisser l-angli kolla ferhanin ikantaw il vittoria ta S. Giorg fuk il paganesmu u rebah ig-genna al martirio li ha: (Quella fede che tu suggellasti col tuo sangue, volando al Signor)
N: 9) - L-ahhar kor ifisser it-tela ta S. Giorg fis-sema u li igi milquh b'ferh kbir mill-angli u il Qaddisin kolla bit-tixijr tal palm u bil kant. —
Mentre palme agitando le schiere
Dei beati cantavan in ciel
Gloria a Giorgio immortal cavaliere
Al vessillo di Christo fedel —

Giuseppe Giardini Vella 1964

**Luigi Billion**

L-edukatur u poeta Luigi Billion twieled il-Belt Valletta nhar il-21 ta' Settembru 1860 u miet fl-14 ta' Awwissu 1939. Il-Professur Billion kien persuna popolari għall-poeżija bit-Taljan, u kien kittieb prolifiku f'diversi ġurnali lokali kif ukoll f'dawk tal-lingwa Taljana, u kien ġie onorat bil-medalja tad-deheb miċ-*Circolo G.B. Vico di Napoli*. Fost uħud mill-pubblikazzjonijiet tal-kittieb Billion insibu *Primizie* (1889), *Voci Intime* (1928), *Inno della Gioventù Maltese di Azione Cattolica* (1936) b'mużika ta' Dun D. Anastasi OESA, kif ukoll kien editur ta' *Lo Studente* (1885) u *Crepuscoli* (1886-1888).

## INNO
## A SAN GIORGIO MARTIRE

Al glorioso martire
di Cappadocia, al santo
dè cavaliere fervido
dai cuor s'innalzi il canto.
Siccome in noi lo suscita
l'ardenza della Fè!
"Salve", dicendo, "o milite
fedel di Cristo Re!".

Fermo in arcioni e intrepido,
in orrida tenzone,
ei fulminò l'orribile
divorator dragone.
Di Diocleziano gl'idoli
senza tremar sprezzo.
Parlò di Cristo all'anime
pagane e trionfò.

Giorgio santo, cavaliere,
prode e invitto di Gesù...
odi, ascolta le preghiere
di chi spera in te quaggiù.

Se dal drago un di la pia
tu salvasti e dall'error,
salva, noi dall'eresia
salva, o Giorgio nostro amor.

Fa sul nostro irto cammino
rifiorir le tue virtù.
Desta in noi lo zel divino
onde in terra ardesti tu!

Salve, oh salve!... La grande vittoria
noi sugli empi speriamo per te,
perché qui non diventi una gloria
lagrimata di Roma la Fè.

Quella Fede in cui tu già trovasti,
prodigiosa fortezza e valor.
Quella Fede che tu suggellasti
col tuo sangue, volando al Signor.
Mentre palme agitando, le schiere
dei Beati cantavan in ciel:
"Gloria a Giorgio, immortal cavaliere,
al vessillo di Cristo fedel!".

**Noti**

[1] L-ewwel tokk tal-qanpiena l-kbira mal-*Gloria* ta' l-Innu ġibdu ċertu Toni Portelli bla ma qal lil ħadd. Is-Surmast Giardini għall-ewwel inħasad, imma mbagħad bi tbissima approva dak il-ġest ġenwin. Staqsa min kien, u wara, Toni, flok ċanfira ħa prosit. It-tixjir tal-palm sar fuq ix-xewqa li l-kompożitur wera lil George Grech. Dan il-partitarju qata' x-xewqa ta' Giardini, imma s-Surmast ma laħaqx ra dan id-dellirju ta' ferħ, għaliex miet qabel l-1976.

[2] Għall-preċiżjoni, Giardini wasal Għawdex bħala surmast iktar kmieni fl-1926, u mexxa l-ewwel programm mużikali f'Settembru.

[3] Kif diġà ngħad fid-daħla ta' dan l-artiklu, fil-verità, qabel dan l-Innu, il-Festa ta' San Ġorġ diġà kellha żewġ innijiet oħra li kienu jindaqqu bħala "innu l-kbir", it-tnejn kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Dawn kienu *Spento il drago* u *Su garzoni*.

**Għal iktar tagħrif fuq il-ġenesi ta' l-innu-kantata *A San Giorgio Martire*, ara JOHN GALEA, *The Sunday Times*, 1 October 2006.**

# It-*Trip Advisor* jirrikkmanda lill-Bażilika ta' San Ġorġ




F'Ġunju 2014, il-Bażilika ta' San Ġorġ irċiviet aħbar sabiħa minn għand id-diriġenti tas-sit elettroniku turistiku popolari *Trip Advisor*. Ir-*rating* ta' attrazzjonijiet turistiċi madwar id-dinja li jagħti dan is-sit hu meqjus importanti sew f'dan il-qasam.

Kif jixhed isimha, din il-websajt tibbaża fuq kummenti li jgħaddu turisti nfushom li jkunu żaru postijiet fid-dinja biex tirrikkmanda l-istess postijiet lil dawk li mħajrin isiefru.

F'korrispondenza li rċevejna, ġejna mgħarrfa li l-Bażilika ta' San Ġorġ hi r-rebbieħa ta' Ċertifikat ta' Eċċellenza għas-sena 2014 mogħti minn din il-websajt, b'erba' stilel u nofs minn ħamsa. Iċ-ċertifikat iġorr il-firma ta' Marc Charron, President ta' *TripAdvisor for Business*.

Din hi konferma, jekk qatt kien hemm bżonnha, ta' kemm il-Bażilika tagħna hi mfittxija mit-turisti, kemm lokali u kemm barranin. Saħansitra fil-ftit sigħat ta' wara nofs in-nhar li fihom tkun magħluqa, issib min iħabbat fuq biebha għax ma jixtieqx iħalli għżiritna bla ma jidħol jitgħaxxaq b'din il-"Bażilika tad-Deheb". Għandu jkun ukoll ta' stimolu lill-awtoritajiet ċivili biex jagħtu iktar importanza milli taw sa issa lil din l-attrazzjoni ta' turiżmu reliġjuż, artistiku u kulturali!

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Jannar - Diċembru 2014

*Andrew Formosa*
andrew.formosa@gmail.com



**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-Pontifikal Solenni fis-solennità ta' Omm Alla. Fit-tmiem, l-Isqof Djoċesan ħabbar il-miġja, għall-Festi Anniversarji ta' l-Istatwa f'Lulju 2014, tar-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ mill-Abbazija Benedittina ta' San Giorgio Maggiore, f'Venezja.

**» 4 ta' Jannar**
**07.00pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ta l-Kunċert Polifoniku *Cum Jubilo* fil-parroċċa pontifiċja ta' Sant'Anna fil-Vatikan, bħala parti miż-żjara tiegħu f'Ruma fuq stedina tal-Kor Pontifiċju. Il-kunċert, ippatronizzat mill-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura, kien taħt il-patroċinju tal-Kardinal Angelo Comastri, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Pietru, il-Kardinal Malti Prospero Grech, u l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Il-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo u esegwixxa motetti sagri ta' Palestrina, Perosi, Bartolucci, Polombella, Vella, Verdi, Wilcoks u Caruana.

**» 5 ta' Jannar**
**09.00am:** Il-Kapitlu Ġorġjan iċċelebra s-solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej b'Konċelebrazzjoni Solenni fil-Bażilika.
**12.30pm:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, u l-kontinġent ta' familjari u ħbieb li akkumpanjawh f'Ruma, kellu udjenza privata mal-Q.T. il-Papa Franġisku quddiem id-Dar *Santa Marta*, fil-Vatikan. Il-Kor kien akkumpanjat mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex; il-Kan. George Frendo, Direttur; Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet; u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu u fundatur tal-Kor. Waqt l-udjenza, il-Kor kanta l-innijiet *T'Adoriam, Ostia Divina* u *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*. Wara, Mons. Cardona u Mons. Farrugia kellhom laqgħa qasira mal-Papa fir-residenza tiegħu, fil-waqt li ppreżentalhom żewġ doni għall-Bażilika u għall-Mużew tagħha rispettivament.

**» 6 ta' Jannar**
**11.00am:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, flimkien mal-Kor Pontifiċju tal-Bażilika tal-Vatikan, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Massimo Palombella, anima l-Pontifikal tal-Papa fis-Solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej, ippreseduta mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku fil-Bażilika ta' San Pietru. Il-Quddiesa kienet ukoll imxandra b'mod dirett fuq l-istazzjon *TV2000*. Dr Maria Frendo, *leader* tal-kor, kantat is-Salm Responsorjali. Wara l-Pontifikal, il-Papa sellem lill-Kor tal-parroċċa tagħna waqt il-messaġġ tiegħu ta' l-Angelus mit-tieqa tal-Palazz Pontifiċju.



**» 12 ta' Jannar**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej.

**» 1 ta' Frar**
**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-ewwel minn sensiela ta' tliet ċelebrazzjonijiet *Is-Siegħa tal-Martri*, bi tħejjija spiritwali għall-festi speċjali tal-mija u ħamsa u sebgħin sena ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Dawn kienu mħejjija u animati minn Dun Richard N. Farrugia. Iċ-ċelebrazzjonijiet kienet tikkonsisti fil-kant ta' l-Għasar flimkien mal-poplu, katekeżi minn Dun Richard, u ntemmet bil-Barka Ewkaristika. F'din l-ewwel ċelebrazzjoni sar ukoll it-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, u fl-aħħar il-miġemgħa nġabret għal mument ta' talb quddiem in-niċċa ta' San Ġorġ, fejn tkanta l-innu *Georgius natus est*.

**» 1-8 ta' Frar:** F'dawn il-jiem, fuq xewqa tal-Papa Franġisku, tqassam fid-djar tal-parroċċa l-Kwestjonarju bi tħejjija għas-Sinodu Staordinarju fuq il-Familja li kellu jinżamm f'Ottubru f'Ruma.

**» 12-14 ta' Frar**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu tal-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes, b'Quddiesa Kantata bl-omelija fuq il-Madonna.

**» 15 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes. Wara, saret purċissjoni bl-istatwa fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.

**» 22 ta' Frar**
**08.00pm:** Inżammet it-tieni ċelebrazzjoni *Is-Siegħa ta-Martri*. Billi din ħabtet qrib żmien ir-Randan, tqassam Sussidju mħejji mill-Uffiċċju Parrokkjali b'siltiet mill-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Vanġelu* tal-Papa Franġisku maqluba għall-Malti, biex jinqraw fil-familji matul ir-Randan. Iċ-ċelebrazzjoni ntemmet b'talb u kant quddiem in-niċċa ta' San Ġorġ.



**» 5 ta' Marzu**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-Erbgħa tar-Rmied, bir-Rit tat-Tqegħid tar-Rmied.

**» 6 ta' Marzu**
**05.15pm:** Inżammet l-ewwel minn żewġ Ċelebrazzjonijiet tar-Randan għat-Tfal, fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali. It-tema kienet: "Lejn is-Sors ta' l-Ilma Ħaj".

**» 7-9 ta' Marzu**
Inżammu żewġ *Live-ins* tar-Randan għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti, fil-*Lantern Guesthouse*, Marsalforn.
**» 10-14 ta' Marzu**
**07.30pm:** Patri Elija Vella OFMCONV mexxa l-kors ta' l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-Miżżewġin.
**» 15 ta' Marzu**
**08.00pm:** Inżammet fil-Bażilika t-tielet u l-aħħar ċelebrazzjoni *Is-Siegħa tal-Martri*, bil-katekeżi minn Dun Richard N. Farrugia u mumenti ta' talb quddiem ix-xbieha tal-Kurċifiss esposta għal żmien ir-Randan wara l-Altar tat-Tribuna. Bħal fiż-żewġ ċelebrazzjonijiet preċedenti, inżammet bibita għal kulħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 17-21 ta' Marzu**
**5.15pm:** Mons. Ewkaristiku Sultana, Arċipriet Emeritu tax-Xagħra, mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għal Kulħadd.
**» 27 ta' Marzu**
**05.15pm:** Inżammet it-tieni Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-Tfal, fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ħadu ħsiebhom il-katekisti tal-Parroċċa.
**» 28 ta' Marzu**
**06.00pm:** Dun Savio Vella SDB mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Liżar ta' Kristu. Wara, fis-7.00pm, Dun Savio ta taħdita awdjo-viżiva fuq il-Liżar ta' Turin, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.
**» 4 ta' April**
**6.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-ewwel jum tas-Settiena tad-Duluri. Wara, sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* madwar it-toroq tal-Bażilika, li matulu ntalbet il-*Via Matris*.
**8.00pm:** Fil-Bażilika, is-*St Theresa's Church Choir* ta' Dublin żamm kunċert ta' mużika sagra għar-Randan.
**» 7-10 ta' April**
**04.15pm:** Id-djaknu Daniel J. Sultana mexxa l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għat-Tfal, fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 12 ta' April**
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* żammet fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra tagħha għall-Ġimgħa Mqaddsa, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur il-Prof. Joseph Vella, u bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*.
**» 13 ta' April**
**10.45am:** Fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza, l-Arċipriet bierek il-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ f'idejn it-tfal, li wara mxew f'purċissjoni lejn il-Bażilika.
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fit-Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej. Din ta' Ħadd il-Palm kienet l-ewwel funzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika.
**» 14 ta' April**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-knisja konventwali ta' San Franġisk, bis-sehem tal-komunità Franġiskana Konventwali. Wara l-Quddiesa, fis-7.00pm, sar pellegrinagg penitenzjali bl-istatwa tar-Redentur mill-knisja ta' San Franġisk sal-Bażilika, li ntemm bil-Barka Ewkaristika.
**» 15 ta' April**
**06.30pm:** Mons. Isqof mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali li fiha ta l-Ewwel Grara lit-tfal li kienu qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina.
**08.30pm:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ *23four>>* organizza *L-Ikla tal-Mulej*, fid-Dar Parrokkjali.
**» 16 ta' April**
**07.30pm:** L-Isqof mexxa l-*Via Crucis* fi Pjazza San Ġorġ. Il-meditazzjoni, stampati fi ktejjeb, ħejjew mill-Kan. Dr Joe Zammit.
**» 17 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fit-Tifkira Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-Quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa fil-għodu.
**08.00pm:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss mexxiet il-Pellegrinagg taż-Żjajjar lis-Seba' Knejjes.
**» 18 ta' April**
**10.00am:** Il-Grupp *23four>>* organizza l-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**05.30pm:** Bdiet ħierġa mill-Bażilika l-Purċissjoni Penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira, bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, il-Banda Ċittadina *La Stella*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta u l-i*Scout Group* tal-Marsa.
**» 19 ta' April**
**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Velja Solenni ta' l-Għid, li bdiet bil-Mixegħla tan-Nar u l-Elandun fi Pjazza San Ġorġ u kompliet fil-Bażilika.
**» 20 ta' April**
**08.45am:** Inżammet il-Purċissjoni bl-istatwa ta' l-Irxoxt, bis-sehem tal-Banda Ċittadina *La Stella*.
**11.00am:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fis-solennità tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.
**03.00pm:** Mons. Arċipriet beda t-Tberik ta' l-Għid fid-djar tal-familji Ġorġjani.
**» 23 ta' April**
**Fil-għodu:** Fuq inizjattiva tal-Bażilika il-*Maltapost plc* ħarġet timbru postali mill-Uffiċċju tagħha fil-Belt Victoria, fl-okkażjoni tal-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Għall-istess okkażjoni l-Bażilika ħarġet kartolina speċjali. Wara nofs in-nhar fetħet il-Wirja *Beatus Georgius*, imtellgħa mill-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri*, fid-Dar *Leħen il-Belt Victoria* fi Pjazza San Ġorġ.
**» 24 ta' April**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Ċelebrazzjoni Ġorġjana għat-Tfal, li Francesco Pio Attard ta preżentazzjoni viżiva bit-tema "Nagħrfu lil San Ġorġ fix-xbihat tiegħu", dwar il-kult u x-xbihat ta' San Ġorġ li jinsabu fil-Bażilika tagħna, ewlenija fosthom l-istatwa titulari ta' Azzopardi. Iċ-ċelebrazzjoni, li inkludiet Litanija lil San Ġorġ, intemmet bil-Barka Ewkaristika. Wara, inżamm festin kbir fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 25 ta' April**
**08.00pm:** Inħarġet min-niċċa, fost il-kant u l-ferħ tal-poplu Ġorġjan, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, u tqiegħdet għall-qima fil-korsija.
**09.00pm:** Il-Kan. Dr Joe Zammit mexxa Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana għaż-Żgħażagħ madwar l-istatwa ta' San Ġorġ.



**» 26 ta' April**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa l tat bidu għal jum ta' adorazzjoni solenni b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji li xerred permezz tax-xbieha ta' San Ġorġ tul dawn il-mija u ħamsa u sebgħin sena li ilha fostna. L-adorazzjoni kompliet sa nofs il-lejl u ntemmet b'Quddiesa.
**» 27 ta' April**
**04.30pm:** L-Arċipriet, fl-assenza ta' l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, mexxa ċ-ċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ewwel Għasar, lejlet is-solennità liturġika ta' San Ġorġ, l minħabba l-Ottava ta' l-Għid ġiet trasferita għal dan il-jum.
**07.30pm:** Purċissjoni qasira mill-Bażilika wasslet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fi Pjazza Indipendenza, akkumpanjata mill-Kapitlu u l-kleru u d-daqq ta' innijiet reliġjużi mill-Banda Ċittadina *La Stella*.
**08.00pm:** Inżammet fit-Tokk ta' Għawdex il-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, fejn l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tqiegħdet fuq palk armat għall-okkażjoni quddiem il-*Banca Giuratale*. Il-Velja kienet ippreseduta mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u animata minn Dun Richard N. Farrugia, bit-tema tkun il-patrunaġġ ta' San Ġorġ fuq il-gżira Għawdxija u s-sinifikat storiku u spiritwali ta' l-istatwa. Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u l-Banda Ċittadina *La Stella* pparteċipaw b'innijiet reliġjużi. Għall-okkażjoni, fi Pjazza Indipendenza ġew armati palk kbir u dwal apposta, u l-ġemgħa setgħet issegwi minn fuq is-siġġijiet li ħorqu l-pjazza. Tqassam ukoll ktejjeb ta' talb Ġorġjan.
**09.15pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* flimkien mal-ġemgħa preżenti akkumpanjat lura l-istatwa ta' San Ġorġ lejn il-Bażilika.



**» 28 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa t-Tieni Għasar tas-solennità liturġika ta' San Ġorġ.
**07.00pm:** L-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fis-solennità liturġika ta' San Ġorġ.
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ brijuż bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, minn Pjazza San Ġorġ sas-sede tagħha fi Triq ir-Repubblika.
**» 29 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Emanuel Curmi mexxa Quddiesa għall-anzjani, il-morda u l-persuni b'diżabbiltà, fejn ġie amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara sar riċeviment għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 30 ta' April – 2 ta' Mejju**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu Solenni bl-omelija fuq San Ġorġ, bi tħejjija għas-Solennità Festiva u Anniversarja. Wara, sar it-talb tal-Kurunella u l-Litanija ta' San Ġorġ, il-kant ta' l-Innu tat-Tridu u l-Barka Ewkaristika.
**» 2 ta' Mejju**
**08.00pm:** Inżammet fil-Bażilika Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Is-serata kienet tinkludi diskorsi minn Dr Paul George Pisani u s-Sur Godwin Vella, qari ta' poeżiji u letteratura oħra, u motetti sagri mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.
**» 3 ta' Mejju**
**09.30am:** Fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* nżammet Konferenza bit-tema *It-Triq tal-Ġmiel: Sehem il-Knisja fil-Bini tas-Soċjetà*, bil-kelliema ewlenin ikunu l-Prof. Oliver Friggieri u l-Prof. Mario Farrugia SJ. Mons. Isqof Mario Grech għamel id-diskors ta' l-għeluq. Il-moderatur tal-konferenza kien Dun Richard N. Farrugia, u saru diversi interventi mill-ġemgħa preżenti.
**07.00pm:** Mons. Isqof mexxa t-Translazzjoni Solenni bir-Relikwa ta' San Ġorġ u l-Ewwel Għasar tas-Solennità Festiva, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**» 4 ta' Mejju**
**09.00am:** L-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku għal Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali f'jum is-Solennità Anniversarja.
**10.30am:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa titulari ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-festi anniversarji tagħha miżmuma f'rabta mas-solennità liturġika ta' San Ġorġ. Waqt il-ħruġ, bħal f'Lulju, il-Banda Ċittadina *La Stella* esegwiet l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*, fejn waqt il-kant tal-Glorja sar it-tixjir tradizzjonali tal-palm. Il-purċissjoni, akkumpanjata mill-Banda, għaddiet minn Triq San Ġorġ, Triq Providenza, Pjazza Santu Wistin, Triq Vajringa, Triq Palma, Triq ir-Repubblika u lura fi Pjazza San Ġorġ. Wara d-dħul tal-purċissjoni, ingħatat il-Barka Ewkaristika.
**01.00pm:** Inżamm Pranzu Festiv fil-Lukanda *Ta' Ċenċ* taħt il-patroċinju tan-Nunzju Appostoliku Cavalli.



**» 9 ta' Mejju**
**Wara nofs in-nhar:** L-Isqof iltaqa' mal-kandidati ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, flimkien mal-ġenituri u l-parrini, fis-Sala Parrokkjali.
**» 11 ta' Mejju**
**11.00am:** Waqt Konċelebrazzjoni Solenni, Mons. Isqof ta s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil sebgħa u għoxrin student u studenta mill-Parroċċa.
**» 15 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-ewwel Ħamis ta' San Ġorġ. Fil-ġimgħat ta' wara, Mons. Ġużeppi Gauci mexxa l-Ħamisijiet ta' San Ġorġ, b'sehem sabiħ ta' familji u tfal Ġorġjani. Għal kull Ħamis, bil-kollabrazzjoni ta' l-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri*, intramat fuq il-presbiterju tal-Bażilika statwa mis-sett ta' Wistin Camilleri li jżejjen it-toroq tal-Belt Victoria fil-jiem tal-Festa, li jirrappreżentaw qaddisin u persunaġġi li ppriedkaw jew kitbu dwar San Ġorġ. Wara kull Quddiesa, tqassmu stampi ta' dawn l-istatwi.
**» 18 ta' Mejju**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni li fiha ngħatat l-Ewwel Tqarbina lil tmienja u għoxrin tifel u tifla mill-Parroċċa.
**» 23 ta' Mejju**
**09.00am:** Infetħu l-festi tal-Kwaranturi Mqaddsa b'Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet. L-espożizzjoni tas-Santissmu Sagrament inżammet bejn il-Quddies u wara nofs in-nhar.

**» 25 ta' Mejju**
**05.00pm:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa. Wara, l-Isqof mexxa l-Purċissjoni Ewkaristika mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Kapitlu, il-kleru sekulari u reliġjuż, is-seminaristi, il-fratellanzi u anki t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, flimkien mal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.
**» 6-11 ta' Ġunju**
L-Arċipriet mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Ruma u San Giovanni Rotondo.
**» 11 ta' Ġunju**
**08.00pm:** Ingħata bidu għas-sbatax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* b'kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella. Dawn il-kunċerti baqgħu jsiru kważi kuljum sa l-14 ta' Lulju, fil-Bażilika, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* jew fi knejjes, kappelli u postijiet oħra fir-Rabat.



**» 2-10 ta' Lulju**
**07.00pm:** Bdiet in-Novena bi tħejjija għall-Festa Titulari ta' San Ġorġ. It-tema tan-Novena kienet *San Ġorġ ikellimna mill-Istatwa Titulari tiegħu*, u tmexxiet minn Patri George Ocar Buttigieg OFMCONV. F'kull jum tan-Novena, saret spjegazzjoni dwar partijiet differenti ta' l-istatwa, u fl-aħħar tqassmet *jigsaw puzzle* ta' l-istatwa.
**» 10 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar Quddiesa tan-Novena u l-Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Fi tmiem il-Quddiesa saret ċelebrazzjoni u rappreżentazzjoni drammatika bil-parteċipazzjoni tat-tfal u l-adolexxenti, li fl-aħħar tagħha ddaħħlet fil-Bażilika l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ. Wara, inżamm festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.



**» 11 ta' Lulju**
**10.30am:** Il-Kan. Tonio Galea mexxa Quddiesa għall-anzjani u l-morda, bis-sehem tal-membri u l-voluntiera ta' l-Ordni Sovran, Militari u Ospidalier ta' San Ġwann ta' Malta, fejn ġie amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, sar *Get Together* għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**06.00pm:** Mons. Emmanuel Curmi mexxa Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà. Wara, saret ikla għalihom fid-Dar Parrokkjali.
**» 13 ta' Lulju**
**10.45am:** Inħarġet min-niċċa l-istatwa titulari ta' San Ġorġ għall-Festi Speċjali ta' Lulju.
**11.30am:** Dun Geoffrey George Attard mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana organizzata mill-Grupp *23four>>* għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-Parroċċa, bit-tema "Tlaqqmu fi Kristu Ġesù".
**» 14 ta' Lulju**
**8.00pm:** Inżamm il-Kunċert Grandjuż ta' l-Għeluq tal-*Victoria International Arts Festival* bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri* u l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.
**» 15 ta' Lulju**
**5.45pm:** Ir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ, miġjuba għall-Festi Anniversarji minn Venezja, twasslet mill-Belt Pinto f'Malta, fejn għamlet it-tieni waqfa tagħha f'Malta wara mument żgħir ta' talb fil-Palazz ta' l-Isqof fl-Imdina, għall-Imġarr ta' Għawdex.
**06.00pm:** Il-Relikwa ta' San Ġorġ twasslet fil-kappella ta' San Bartilmew, ix-Xewkija, akkumpanjata mill-Monaċi Benedittini ta' l-Abbazija ta' San Giorgio Maggiore ta' Venezja, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, Mons. Carmelo Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija, Mons. Ġużeppi Gauci, u delegazzjoni mill-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Ir-Relikwa nħarġet mill-kaxxa tagħha fil-kappella, u wara mument ta' talb, twasslet fuq karozza miftuħa lejn ir-Rotunda tax-Xewkija għat-talb tal-miġemgħa mmexxija minn Mons. Ġużeppi Gauci.



**06.45pm:** Mill-Pjazza tax-Xewkija, ir-Relikwa nġarret f'karozza miftuħa tul korteo lejn Triq ir-Repubblika fil-Belt Victoria.
**07.00pm:** Mons. Isqof, il-Kapitlu u l-kleru tal-Parroċċa, akkumpanjati mill-Banda Ċittadina *La Stella*, laqgħu r-Relikwa Insinji ta' San Ġorġ fi Triq ir-Repubblika.
**07.15pm:** Mons. Isqof mexxa Translazzjoni Pontifikali tar-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ lejn il-Bażilika Ġorġjana, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Parroċċa, u l-poplu kollu. Il-Banda Ċittadina *La Stella* daqqet marċijiet reliġjużi sa Pjazza San Ġorġ.
**07.45pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona ta indirizz ta' merħba lir-Relikwa ta' Driegħ San Ġorġ fi Pjazza San Ġorġ.
**08.00pm:** L-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, flimkien ma' l-Em.T. Gennadios Zervós, Metropolita ta' l-Arċidjoċesi Griega Ortodossa ta' l-Italja u Malta, u l-Kan. Simon Godfrey, Kanċillier tal-Komunjoni Anglikana f'Malta u Għawdex, mexxew Velja Ekumenika Solenni fi-Bażilika, bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*. Anima ċ-ċelebrazzjoni Mons. Ġużeppi Gauci.
**» 16 ta' Lulju**
**7.30am:** Saret Quddiesa fil-knisja konventwali ta' San Franġisk fejn ġiet esposta r-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ. Wara, din ittieħdet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn żaret diversi *wards*.

» 16-18 ta' Lulju

**06.30pm:** Fit-tlitt ijiem tat-Tridu Solenni, ġie ċċelebrat l-Għasar bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-E.T. Mons. Emanuel Barbara OFMCAP, Isqof ta' Malindi u Amministatur Appostoliku ta' Mombasa fil-Kenja, l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, u l-E.T. Mons. Aldo Cavalli, Nunzju Appostoliku għal Malta, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Dun Simon Mario Cachia. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-Ċelebrazzonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Isqof Barbara, l-Isqof Scicluna u l-Isqof Cavalli, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella*. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-Bażilika.



» 17 ta' Lulju

**7.00am:** Saret Quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb fejn ġiet esposta r-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ. Wara, saru żjarat bir-Relikwa fil-kliniċi tad-djar reliġjużi tas-Sorijiet Dumnikani ta' Pompei u Trionfi, Karmelitani, Salesjani u Franġiskani, u f'*Villa San Lawrenz*.

» 17-18 ta' Lulju

**09.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni ta' l-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kapitlu, u Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, rispettivament.

» 18 ta' Lulju

**7.30am:** Saret Quddiesa fil-knisja konventwali ta' Santu Wistin, fejn ġiet esposta r-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ. Wara, saru diversi żjajjar fid-djar tal-morda u l-anzjani tal-Parroċċa.

» 19 ta' Lulju

**10.00am:** L-E.T. Mons. Tadeusz Kondrusiewicz, Arċisqof ta' Minsk u Mahilyow fil-Belorussja, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant solenni tat-*Te Deum*.

**06.30pm:** Wara li ġie akkumpanjat mill-Kapitlu Ġorġjan u l-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Kurja Veskovili lejn il-Bażilika, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni ta' l-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.

**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

» 20 ta' Lulju

**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan akkumpanjaw lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika Ġorġjana, fejn sar il-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.

**08.30am:** L-Isqof Djoċesan, assistit minn Mons. Salvatore di Cristina, Arċisqof Emeritu ta' Monreale, minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali u mill-Kapitlu Ġorġjan, mexxa l-Pontifikal tal-Festa, li fih niseġ ukoll l-omelija. Fil-Quddiesa saret ġabra b'riżq is-Seminarju Djoċesan, fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju tad-Djoċesi.

**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Katidral, mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**06.00pm:** L-E.T. Mons. Salvatore di Cristina, Arċisqof Emeritu ta' Monreale, mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.

**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa ta' San Ġorġ, bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*. Wara, bdiet ħierġa Purċissjoni Pontifikali bl-istatwa titulari u bir-Relikwa Insinji tad-Driegħ ta' San Ġorġ, ippreseduta mill-E.T. Mons. Salvatore di Cristina, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.

**10.30pm:** Wara l-kant ta' l-Antifona u l-Barka Ewkaristika fil-Bażilika, l-Arċipriet għalaq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Titulari b'ħajr lil dawk kollha involuti.

» 1-7 ta' Awwissu

L-Arċipriet mexxa Pellegrinaġġ Parrokkjali lejn Lourdes

» 6 ta' Awwissu

**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mexxa Pontifikal Solenni fis-solennità Lateranensi tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

» 8 ta' Awwissu

**8.00pm:** Inżamm barbikju fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali bħala ringrazzjament u *fund-raising* għat-tfal, l-adolexxenti u l-familji tagħhom.

» 29-31 ta' Awwissu

Inżamm għall-ewwel darba l-*Live-in* tas-Sajf għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti tal-Parroċċa, fis-Seminarju ta' Malta, ir-Rabat.

» 6 ta' Settembru

**06.00pm:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-ħamsa u sittin anniversarju ta' l-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ.



» **14 ta' Settembru**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-membri tal-Fratellenza tas-Santissmu Kurċifiss, fil-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.
» **15-19 ta' Settembru**
Saret ġita fi Sqallija għall-abbatini, immexxija mill-Arċipriet u s-seminarista Mario Curmi. Il-grupp qagħad fis-Seminarju Djoċesan ta' Palermo.
» **16 ta' Settembru**
**7.00pm:** Fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex, il-Bażilika tagħna ssieħbet fil-ferħ ta' dan l-anniversarju bid-daqq ta' mota solenni u bis-sehem fil-Pontifikal ta' Radd il-Ħajr fil-Katidral. Fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju importanti tad-Djoċesi, il-Parroċċa Ġorġjana għamlet l-għotjiet ta' €200 għas-Seminarju Maġġuri tagħna, €300 għall-*wheelchairs* li d-Djoċesi offriet lill-Isptar Ġenerali, u €465 għall-ħtiġijiet tal-familji Nsara fl-Iraq u s-Sirja.
» **20 ta' Settembru**
**06.30pm:** Il-Kapitlu Ġorġjan iċċelebra l-Ewwel Għasar fil-Vġili tas-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika.
**Fil-għaxija:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa fil-Kappella tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu għall-Grupp ta' l-Adolexxenti, b'radd il-ħajr għas-sentejn ta' ministeru pastorali mwettaq fil-Parroċċa mis-seminarista Mario Curmi. Wara, saret ikla fir-ristorant *Eldorado*, ir-Rabat.
» **21 ta' Settembru**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-259 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.
» **26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu ta' San Mikiel.
» **27 ta' Settembru**
**09.30am:** Fil-Qasam tal-*Museum* tal-Bniet fi Triq Palma nżammet laqgħa għall-katekisti kollha tar-Rabat, fil-preżenza taż-żewġ Arċipreti, bl-għan li jinżamm iktar kordinament bejn iċ-ċentri tad-duttrina u l-parroċċi.
» **28 ta' Settembru**
**09.45am:** Fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali reġgħu bdew il-laqgħat ta' kull ħmistax għall-Mixja ta' Formazzjoni bi tħejjija għaż-Żwieġ, immexxija minn Dun Anton Teuma.
**10.00am:** Mons. Arċipriet mexxa Quddiesa li fiha ngħata bidu uffiċjali għas-Sena Pastorali 2014-2015 u ngħata l-Mandat tal-Knisja lill-katekisti u l-operaturi pastorali. Minn Ottubru bdiet inizjattiva ġdida marbuta mas-smigħ tal-Kelma ta' Alla fil-komunità parrokkjali: barra l-*Lectio Divina* ta' kull nhar ta' Tnejn fid-Dar Parrokkjali, żdiedet *Lectio* oħra nhar ta' Ġimgħa li, b'differenza, tinżamm f'xi dar ta' xi ħadd mill-Parroċċa.
» **29 ta' Settembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrkkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.
» **2 ta' Ottubru**
**04.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tas-Sena Pastorali l-ġdida għat-tfal bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**05.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-kandidati tal-Konfirmazzjoni, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
» **3 ta' Ottubru**
**07.30pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa tal-ftuħ tas-Sena Pastorali għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti tal-Parroċċa, fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali. Ġew mistiedna wkoll il-ġenituri.
» **8-10 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa t-tlett ijiem tat-Tridu tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima.
» **11 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima, u wara, purċissjoni *aux flambeaux* madwar it-toroq qrib il-Bażilika.

» **17 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Beda jiltaqa' kull ħmistax Grupp ġdid ta' l-Adolexxenti fil-Parroċċa, dak għall-istudenti tal-Form 2, immexxi minn Vanessa u Aldo Sultana. B'hekk issa l-Parroċċa għandha żewġ gruppi għall-adolexxenti u wieħed għaż-żgħażagħ. Minn din is-sena, il-laqgħat ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ bdew jitmexxew mill-Kan. Joe Zammit.
» **26 ta' Ottubru**
Waqt il-Quddies tal-Ħadd, żewġ żgħażagħ mill-Parroċċa, Andrew Camilleri u Alan Casha, għamlu appell għall-għajnuna tan-nies b'riżq il-ħidma missjunarja li kienu sa jwettqu ma' *Missio Malta* f'diversi pajjiżi tal-kontinent Afrikan: il-Kenja, it-Tanzanija, iż-Żambja u l-Malawi. Dan bejn Novembru 2014 u Awwissu 2015. L-għotjiet laħqu l-ammont ta' €3,491.38 L-Arċipriet wegħidhom it-talb u s-sapport tal-komunità parrokkjali kollha.
» **31 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Bħala parti mill-għeluq tal-Festi Anniversarji ta' l-Istatwa Titulari li l-Bażilika ddeċidiet li tiċċelebra f'Novembru, l-Isqof mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili Solenni tal-Qaddisin kollha. Għall-okkażjoni nħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika u tqiegħdet wara t-Tribuna, u nħarġu wkoll għall-qima fil-korsija l-istatwi tal-Kurċifiss, il-Madonna taċ-Ċintura mill-knisja ta' l-Agostinjani tal-Belt Valletta, u l-Invenzjoni tas-Salib Imqaddes mill-Oratorju tal-Kunvent tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt Victoria. Dawn l-istatwi, kollha xogħol Pietru Pawl Azzopardi, kienu għall-ewwel darba esposti flimkien fil-Bażilika. L-istatwa ta' San Ġorġ kienet esposta mit-30 ta' Ottubru sas-7 ta' Novembru. Il-Liturġija Solenni bdiet b'purċissjoni lejn l-altar li tulha tkantat il-Litanija tal-Qaddisin.
» **1 ta' Novembru**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fis-solennità tal-Qaddisin kollha.
**07.30pm:** Inżammet Akkademja Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt il-patroċinju ta' Mons. Isqof Mario Grech u l-Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. L-Akkademja kienet tinkludi diskorsi, qari ta' poeżiji u t-tnedija tal-ktieb ġdid *San Ġorġ: L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex* ippubblikat mill-Bażilika. Fi tmiem l-Akkademja, infetħet il-Wirja *San Ġorġ: 175 Sena Fostna* fi Pjazza San Ġorġ, b'tagħrif dwar l-istorja, il-kult u l-importanza tal-miġja ta' l-istatwa f'Għawdex. Il-wirja damet miftuħa sat-23 ta' Novembru. Fid-Dar *Leħen il-Belt Victoria* infetħet ukoll wirja oħra, *Beatus Georgius*, dwar ix-xbieha titulari ta' San Ġorġ, imħejjija mill-Għaqda ta' l-Armar *San Ġorġ Martri*.



» **2 ta' Novembru**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni fit-Tifkira Solenni tal-Mejtin kollha u bierek l-oqbra taħt il-paviment tal-Bażilika.
» **6 ta' Novembru**
**07.45pm:** L-Isqof Mario Grech, assistit mir-Rev. Neill Robb mill-

Kongregazzjoni Anglikana u r-Rev. Kim Hurst mill-Kongregazzjoni Presbiterjana u Metodista, mexxa Ċelebrazzjoni Ekumenika fit-tifkira ta' l-ewwel ċentinarju mill-Ewwel Gwerra Dinjija. Ħa sehem il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, u sar talb ta' tifkira u rikonoxxenza u għall-paċi bejn il-ġnus.

**» 8 ta' Novembru**

**07.30pm:** Dun Noel Debono ċċelebra Quddiesa għall-Grupp ta' l-Adolexxenti fiċ-Ċimiterju ta' Għajnsielem.

**» 9 ta' Novembru**

**11.00am:** L-Isqof mexxa Pontifikal Solenni fis-solennità Lateranensi tad-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika tal-Lateran.

**12.30pm:** Inżamm Pranzu Festiv fil-Lukanda *Calypso* fl-għeluq tal-Festi Anniversarji ta' l-Istatwa Titulari.

**» 16 ta' Novembru**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Konventwali fil-festa parrokkjali ta' San Klement u San Paċifiku.

**» 22 ta' Novembru**

**07.30pm:** Dun Richard Nazzareno Farrugia beda jmexxi laqgħa ta' formazzjoni Nisranija ta' darba jew iktar fix-xahar għall-koppji li żżewġu fl-aħħar snin. Dawn bdew jinżammu fid-Dar Parrokkjali, b'servizz ta' *baby-sitting* għall-koppji bit-tfal. Din inizjattiva ġdida fil-Parroċċa li bdiet minn din is-sena.

**» 30 ta' Novembru**

**4.30pm:** Il-Kapitlu iċċelebra l-Għasar Solenni fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, u hekk baqa' jsir fil-Ħdud l-oħra ta' dan iż-żmien liturġiku ta' tħejjija għall-Milied.

**» 28-30 ta' Novembru**

Ġie organizzat *Live-in* ta' l-Avvent għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti, f'dar fix-Xewkija.

**» 4 ta' Diċembru**

**5.15pm:** Saret ċelebrazzjoni ta' l-Avvent għat-tfal, fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 6-8 ta' Diċembru**

Ġie organizzat *Live-in* ta' l-Avvent għall-Grupp taż-Żgħażagħ, fid-Dar tas-Salesjani *St Patrick's*, Tas-Sliema.

**» 8 ta' Diċembru**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fid-disgħa u tletin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' Kolleġġjata lill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

**» 15-23 ta' Diċembru**

**06.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa l-Quddiesa tan-Novena tal-Milied għall-familji u t-tfal tal-Parroċċa. Fl-ewwel ġurnata tbierek il-Presepju li ntrama fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. In-Novena baqgħet għaddejja sat-23 ta' Diċembru, bit-tema "Pass pass lejn l-Għar, fejn Alla bniedem sar". Fi tmiem kull Quddiesa, tkantat l-*Alma Redemptoris Mater* u ngħatat il-Barka Ewkaristika, u tqassmu tifkiriet u rigali.

**» 16 ta' Diċembru**

**09.00am:** L-Arċipriet ta bidu għan-Novena tal-Milied għal kulħadd li baqgħet għaddejja sa l-24 ta' Diċembru.

**» 21 ta' Diċembru**

L-Arċipriet ippreżenta lill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, l-għotja tal-Parroċċa mill-ġbir b'riżq il-*Community Chest Fund* li sar fil-jiem tan-Novena. Waqt l-attività fi Pjazza Santu Wistin, kanta l-Kor *Piccole Stelle*.

**» 23 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar Quddiesa tan-Novena tal-Milied. Fl-aħħar tan-Novena saret ċelebrazzjoni speċjali ta' l-għeluq tan-Novena li kienet tinkludi mużika, dramm, kant u qari ta' letteratura tal-Milied. Wara sar festin kbir fis-Sala ta' Fuq taċ-Ċentru Parrokkjali, u żar lit-tfal Santa Klaws li qassam lil kulħadd ktejjeb maħruġ mill-Bażilika li jirrakkonta l-istorja ta' l-istatwa titulari adattata għat-tfal minn Francesco Pio Attard, b'disinni ta' Cynthia Saliba.

**» 24 ta' Diċembru**

**04.30pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa l-kant solenni ta' l-Ewwel Għasar tal-Milied





**11.30pm:** Bdiet il-liturġija solenni ta' l-Uffiċċju tal-Qari tal-Milied u l-Priedka tat-Tifel mill-abbati Marstell Portelli.

**12.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fis-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.



**» 25 ta' Diċembru**

**11.00am:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fis-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**» 27 ta' Diċembru**

**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fis-solennità Lateranensi ta' San Ġwann, Appostlu u Evanġelista. Wara, sar riċeviment għall-kollaboraturi kollha tal-parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**08.30pm:** Dun Richard N. Farrugia mexxa Quddiesa għall-Gruppi ta' l-Adolexxenti f'għar fix-Xagħra. Wara, saret l-ikla tal-Milied għalihom f'ristorant Marsalforn.

**» 31 ta' Diċembru**

**09.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa li tat bidu għal nofs ta' nhar ta' espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament f'kontinwazzjoni mal-Quddies.

**05.00pm:** L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali li ntemmet bil-kant tat-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla għas-sena li kienet qed tintemm.

**08.00pm:** Mons. Anton Borg, Vigarju Parrokkjali, mexxa Adorazzjoni Solenni b'radd il-ħajr lil Alla għas-sena 2014.




EXHIBITION

